# Il-Ħajja f'Għawdex

€2

Diċembru 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 933



Din ir-rivista għet mogħtija
minn Joe Scicluna
Mejju 2012
GAD 187536

# Milied Qaddis

JCR Ltd.®

Manufacturers and importers for the building industry




Some of the options you have when using our products










Triq in-Negozju, Mriehel Ind. Est., Birkirkara - Malta.
Tel. 2144 2466/7, Fax: 2144 3303
E-Mail: malta@jcrltd.com

Website: www.jcrltd.com

Brick Factory, Gruwa Str., Xewkija, Gozo.
Tel/Fax: 2155 6722 / 2155 9369
E-Mail: gozo@jcrltd.com

IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 933*
*Diċembru 2011*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 10
Mill-Parlament• 15
Kummentarju (2) • 16
Kummentarju (3) • 18
Kummentarju (4) • 20
Meditazzjoni Biblika • 22
Ftit Fatti u Kummenti • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 28
Snajja Qodma (45) • 30
Rapport • 32
Letteratura Għawdxija • 33
Anniversarju • 34
Attwalità • 36
Tieqa fuq l-Ambjent (33) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (40) • 40
Għawdex 400 sena ilu (198) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (34) • 43
Kotba minn Għawdex • 44
Qaddisin u Festi f'Għawdex (10) • 45
Werrej • 46

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Frankie Magro, Richard Grech, Ted Attard, Alvin Scicluna, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *"In-Nativitá" - pittura ovali fin-Nadur (ara paġna 5). Ħajr lill-Arċipriet tan-Nadur, Mons. Jimmy Xerri.*



# Editorjal

## *Kelmtejn lill-Evanġelizzatur il-Ġdid*
*altrimenti*
## *lin-Nisrani Konvint*

*Fl-aħħar Ittra Pastorali tagħhom, dwar "il-Kwalità tal-Ħajja Nisranija", l-Isqfijiet kellmuna dwar "l-isfida tal-**evanġelizzazzjoni l-ġdida** li l-Knisja qed tfittex illum". Ċertament din l-evanġelizzazzjoni, li bdiet meta r-ragħajja ta' Betlem "reġgħu lura jsebbħu u jfaħħru 'l Alla", (Lq 2:20) mhix ġdida fil kontenut għaliex il bxara t tajba tal-Evanġelju tgħodd għal kull żmien. Diġà tletin sena ilu, Papa Ġwanni Pawlu II kien inkuraġġiena għall-evanġelizzazzjoni ġdida fi tliet dimensjonijiet : "fil-ħeġġa, fil-metodi u fil-lingwaġġ". (*XIX Assemblea del CELAM, 9/3/83*)*

***Huwa fatt minn awliddinja li l-ħeġġa għall-evanġelizzazzjoni għandha tkun karatteristika fil-personalità tal-insara "tal-konvinzjoni". Il-Knisja hi, l-ewwel u qabel kollox, "missjunarja". Għaldaqstant, in-nisrani, li b'xi mod jew ieħor, ma jkunx missjunarju, għandu jqis dan bħala nuqqas "ta' tħollija tal-għemil" u abbuż mid-dmir ta' karità primarja. Madankollu, il-ħeġġa m'għandhiex tkun bla rażan, imma tkun dożata u adattata skont il-persuni u ċ-ċirkostanzi.***

*Il-metodu tal-evanġelizzazzjoni ġdida mhuwiex it-tqegħid ta' xi libsa ġdida fuq ġisem qadim. Il-Knisja hija "ż-żagħżugħa ta' dejjem" għaliex hija l-ġisem mistiku ta' Kristu rxoxtat. Huma l-modi tal-kultura – u xi drabi tal-istess kultura nisranija – li jipprovaw jitfgħu fuq il-Knisja, ilbies li jxekkilha. Il-ġisem mistiku ta' Kristu magħqud mar-Ras tiegħu ma għandu bżonn ebda poter - la ta' liġi, la ta' numri u lanqas ta' flejjes, għalkemm is-Samaritan it-tajjeb kien jeħtieġ erba' soldi fil-but biex jirnexxielu jagħmel il-karità. Il-metodu għalmin irid jitħejja biex jevanġelizza tahulna l-evanġelizzatur Malti, San Ġorġ Preca, meta ħeġġiġna biex inkunu midħla tal-Evanġelju; biex ngħiduha a la Ingliża,* well read *fl-Evanġelju.*

***Il-metodu għandu jqanqal relazzjoni personali u intima ma' Kristu, l-iktar bit-tressiq lejn l-Ewkaristija. Min se jxandar il-Kelma jrid jibża' mill- kunfidenza żejda mal-Ewkaristija. Il-fidi tan-nisrani konvint għandha tidher, biex nagħti żewġ eżempji, fir-rispett waqt it-tqarbin, kif ukoll waqt il-ġarr tal-Ewkaristija mat-triq lejn id-djar tal-morda. Għaliex l-evanġelizzazzjoni ġdida trid issir prinċipalment bl-eżempju – bl-għoti ta' xhieda. Jgħodd ħafna għalina dak li qal il-qaddis fqajjar: "L-Evanġelju għandna nxandruh il-ħin kollu; xi kultant bil-kliem ukoll." U fiż-żminijiet li qegħdin ngħixu, ma' dan il-parir nistgħu nżidu : "u nxandruh mingħajr ma nħarsu lejn l-uċuh jew lejn in-numri." Attwali wkoll, għalkemm f'ċirkostanzi soċjali totalment opposti ta' meta sar, il-motto tal-Isqof Clemens August Von Galen, illum beatu,* "Nec laudibus, nec timore", *"la għat-tifħir, lanqas għall-biża'".***

*Jekk in-nisrani konvint jaħbat se jaqta' qalbu jista' jsib faraġ fil-kliem li bih San Ġwann Krisostmu kien iħeġġeġ lill-insara ta' żmienu: "Tgħidx huwa impossibbli li jien inqanqal lill-oħrajn. Jekk int nisrani ma jistax ikun li dan ma jseħħx."*

*Il-lingwaġġ fuq fomm ix-xandar tal-evanġelizzazzjoni ġdida m'għandux ikun monotonu jew negattiv, għaliex l-aħbar li qiegħed jagħti hi dik "it-tajba" – fil-fatt l-itjeb aħbar li jista' qatt ikollu l-bniedem. L-evanġelizzatur il-ġdid għandu jkun ministru tal-ferħ f'din il-ħajja u tal-hena fl-eternità.*

*Fiż-żmien li għaddejjin minnu, min ixandar il-Kelma jrid ikun lest iħabbat wiċċu mal-kritika ħarxa li l-Knisja jmissha tara t-travu f'għajnejha. Quddiem din il-kritika hu għandu jqawwi qalbu, jiftakar u jfakkar, b'umiltà u forsi wkoll b'umiljazzjoni, li lill-Mulej wieħed mit-tnax ittradih, ieħor ċaħdu tliet darbiet, oħrajn raqdu waqt is-sahra, l-oħrajn ħarbu – wieħed biss minn tnax baqa' miegħu; b'kalkolu matematiku dan tal-aħħar jagħmel madwar 8%. Imma dawk ukoll ilkoll kienu inklużi fit-talba minn fuq is-salib : "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Saddattant wara elfejn sena l-Knisja għadha hawn isservi – u x'aktarx il-persentaġġ hu aħjar. Minkejja kull tfixkil il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu ma tehdiex!*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



minn Gabriel Gauci, ritratti Charles Spiteri



***Mons. Isqof Nikol Cauchi - L-Ewwel Anniversarju***

Fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Mons Isqof Nikol Cauchi, nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru, filgħaxija, fil-Katidral, Mons Isqof Mario Grech ikkonċelebra flimkien mal-Kapitlu u Kleru tad-Djoċesi. Qabel sar diskors dwar il-ħidma ta' Mons Isqof Cauchi fid-Djoċesi, mid-Delegat tal-Kleru, l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat, Dun Tarċisio Camilleri.

Mons. Isqof Mario Grech għamel l-omelija tal-okkażjoni.

Wara l-quddiesa, Mons Isqof Grech flimkien mas-Saċerdoti preżenti għamel talb u bierek u nċensa il-qabar fejn hemm midfun Mons. Isqof Cauchi, fil-preżenza





fost oħrajn t'oħt u ħu Mons Isqof Cauchi, Ġemma u il-Kanonku Achilles.

Fost il-kuruni u ward fuq il-qabar, kien hemm dawk impoġġija mis-Soċjetà Filarmonika Leone u mill-Kapitlu tal-Katidral.

***Festa ta' Kristu Sultan***

Fid-djoċesi t'Għawdex il-Ħadd 20 ta' Novembru, saret iċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu Re. Fl-4.00 ta' filgħaxija, saċerdoti, reliġjużi u poplu flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech, imxew f'korteo bl-istatwa ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb, fost kant u talb, minn ħdejn il-*flats* ta' Taċ-Ċawla, ir-Rabat għal ħdejn il-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fejn saret il-Liturġija tal-Kelma. Fuq quddiem tal-korteo, imxew il-*Victoria* u x-*Xaghra Scouts Groups*.

Joseph u Josette Rapa taw l-esperjenzi tagħhom dwar il-Komunità Ewkaristika. Waqt illi Joe Rapa ta l-esperjenza tiegħu fil-mixja Neo-Katekomunali. Mons Isqof Mario Grech għamel il-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni. Ġew ippreżentati l-kandidati żgħar għall-Griżma tal-Isqof. U fl-aħħar ingħatat l-barka sagramentali.







***Festa ta' Santa Ċeċilja f'Ta' Kerċem***

Nhar il-Ħadd, Novembru 6, fir-raħal ta' Kerċem ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Ċeċilja V.M., organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

Fis-6.00 ta' filgħaxija Mons Isqof Mario Grech mexxa Pontifikal bis-sehem tad-diretturi spiritwali ta' kull Soċjetà Mużikali fil-Knisja Parrokkjali.

Wara, fis-7.00 ta' filgħaxija sar marċ mill-Banda San Girgor, mill-Knisja Parrokkjali sal-Każin tal-Għaqda f'Pjazza Orvieto akkumpanjata mill-Istandardi tal-Baned Għawdxin flimkien ma' rappreżentanza mill-Kumitati tal-Baned. Wara sar riċeviment fil-Każin.

L-Eċċellenza Tiegħu
**MONS. MARIO GRECH**
**Isqof ta' Għawdex**
flimkien
mal-Bord Editorjali
ta' din ir-Rivista Djoċesana
jawguraw
**MILIED HIENI**
**U QADDIS**
u
**SENA ĠDIDA**
**MIMLIJA ĠID**
**U PAĊI TAL-MULEJ**
lill-Qarrejja Tagħna u
lill-Għawdxin kollha


***Fejn se ssib daqshekk qari dwar Għawdex?***

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**hija minjiera ta' artikli ta' tagħrif u tagħlim!**
**Titlifx aktar qari interessanti fl-2012**

**GĦAL EWRO FIX-XAHAR BISS!**

**Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek bil-posta (għal 10 ħarġiet fis-sena) - €10**

**f'Jannar, Frar jew Marzu 2012.**


***Cover Story: In-Nativitá, pittura ovali fin-Nadur***

Ir-ritratt tal-faċċata juri pittura ovali biż-żejt li tirrappreżenta t-twelid tal-Messija. Din il-pittura hija waħda minn sett ta' ħmistax imnebbħa mill-Misteri tar-Rużarju. Qabel ma ġie miżjud u mkabbar, dawn ix-xbihat ovali kienu jdawru l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Bażilika tan-Nadur. Illum jinsabu mdendla fis-sagristija.

Dan l-ovali flimkien mal-bqija, aktarx li tpitter ukoll għall-ħabta tal-1712 meta sar il-kwadru titulari tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju, attribwit, b'ċerta sigurtà, lil Don Francesco de Dominici. Dan il-qassis-pittur kien jiġi ħu Suor Maria de Dominici, pittriċi u skultriċi li ħadmet anki ma' Mattia Preti. Don Francesco baqa' attiv sa ftit qabel mewtu li seħħet fl-età ta' 81 sena fil-Belt Valletta fit-2 ta' Settembru 1733.

Il-pittura ovali tan-nativitá hija waħda mill-attraenti fost is-sett li jvarja fil-livell artistiku u li jista' jixhed ukoll intervent ta' assistenti. Il-pittura għandha ħjiel ċar ta' manjeriżmu ritardat bħalma nsibu f'xogħlijiet attribwiti lill-aħwa de Dominici.

Mal-interess u l-istagħġib tar-ragħajja umli, tingħaqad ukoll l-adorazzjoni tal-anġli fl-isfond biex hekk l-artist ikun fidil għan-narrattiva evanġelika li tgħarrafna li kotra ta' anġli faħħru 'l Alla bil-kliem *Sebħ lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet u sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.*

Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju flimkien mal-ovali li jirrappreżentaw il-Misteri kienu rrestawrati b'mod tajjeb ħafna minn Dun Charles Vella. Issa li tnaddfu, wieħed jista' jgawdi aħjar il-kompożizzjonijiet u l-kontrapposti kromatiċi.

***Joe Camilleri***

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Għawdex Djamant meta jiddi bil-Grazzja"

***Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech nhar il-Festa tal-Madonna tal-Grazzja fil-Knisja tal-Franġiskani Kapuċċini, il-Belt Victoria: il-Ħadd 11 ta' Settembru 2011***



### *Il-grazzja ta' Alla*

Fil-ħajja aħna napprezzaw id-dawl għax nafu kemm huwa ikrah id-dlam; hekk ukoll l-esperjenza ta' dak li "mhux grazzja" tgħinna ngħożżu l-"grazzja ta' Alla". Fil-fatt dak kollu li huwa negattiv fil-ħajja – mibegħda, rabja, vendetta, inġustizzji, tifrik fil-familji, firdiet fil-komunità, drittijiet miċħuda, abbuż tal-awtorità – dawn huma ftit eżempji ta' xi jfisser meta ma nkunux fil-"grazzja" ta' Alla! Għax il-grazzja hija dak kollu li huwa tajjeb, veru u sabiħ. Meta l-bniedem isib ruħu qed jimraħ fil-baħħ ta' dawn il-valuri, ikun sab ruħu f'diżgrazzja!

**Xi drabi niġġudikaw persuna bħala "grazzjuża"; normalment nużaw din il-kwalifika mhux għal min huwa mħarbat u li jħarbat, imma għal min għandu grazzja kif jitkellem, kif jibni relazzjoni mal-oħrajn, kif jittratta ċerti sfidi fil-ħajja! Għalhekk il-bniedem jorbot il-grazzja ma' dak kollu li jimplika ordni, armonija, pożittività! B'xi mod dan jista' jgħinna nifhmu l-valur tal-grazzja ta' Alla!**

Wieħed teologu jfisser il-"grazzja" b'dan il-mod: "*Grace is glory in exile, glory is grace at home*". Il-grazzja hija sehem mill-glorja ta' Alla dment li l-bniedem għadu jterraq fil-pellegrinaġġ tal-ħajja; meta mbagħad jasal il-mument definittiv u ngħaddu minn din id-dinja għall-eternità, imbagħad naraw lil Alla wiċċ imbwiċċ, naraw il-glorja li biha huwa mlibbes Alla! Jekk f'din id-dinja l-bniedem jixxennaq għal Alla, billi l-bniedem ma jistax jara l-glorja ta' Alla u jibqa' ħaj, il-ħajja tal-grazzja b'xi mod tantiċipa u ddewwaq dik il-glorja tas-Sema.



### *Il-grazzja ta' Alla ssebbaħ lill-bniedem*

Kimikament ma hemm ebda differenza bejn "faħma" u "djamant". Fis-sustanza l-faħam u d-djamanti huma l-istess; imma billi l-faħam li jinbidel f'djamant jgħaddi minn proċess, il-faħam u d-djamant ma humiex tal-istess valur! Id-djamant jitlibbes bil-ġmiel għax iġarrab "pressjoni" qawwija u mbagħad jirrifletti r-raġġi tas-sema! Hekk ukoll jiġri lilna l-bnedmin. Għalkemm għandna l-istess natura, fostna hemm min jarmi l-ġmiel imma hemm ukoll min jikrieh! Fostna hemm id-djamanti u l-faħam! Aħna wkoll ngħaddu minn proċess jixbah lil dak tal-faħam mibdul f'ħaġar prezzjuż! F'ċertu sens il-bniedem jinsab taħt "pressjoni" ġejja minn Alla; dan għaliex il-bniedem huwa maħluq għal Alla u għalhekk min-natura tiegħu huwa attirat mit-tjubija u s-sbuħija li hemm f'Alla. Maż-żmien din il-pressjoni divina taf tibdel lill-bniedem. Imma huwa fatt li l-bniedem jaf jagħmel reżistenza lil Alla... kapaċi jiżgiċċa lil Alla! Nibża' li fi żminijietna jeżisti dan il-periklu li ninsew lil Alla!

**Imbagħad il-bniedem isir "grazzjuż" u jikteb storja "glorjuża" jekk bħad-djamant iħalli r-raġġi tas-Sema jippenetrawh. Il-bniedem li fih innifsu joħloq spazju għall-grazzja ta' Alla, isir jirrifletti dan il-ġmiel! Kif id-djamant li hu moħbi għad-dawl qawwi tas-sema ma jleħħx bil-kuluri sbieħ li hemm fih, hekk ukoll jiġrilu l-bniedem li jagħżel li ma jesponix ruħu għal Alla li huwa d-dawl; hekk jiġrilu l-bniedem li jbarri d-don tal-grazzja li Alla joffri gratwitament lil kulħadd!**

X'inhi din il-"grazzja"? Il-mentalità popolari b'"grazzja" jew "grazzji" tifhem favuri jew għajnuniet partikulari li naqilgħu mingħand Alla. Imma dan huwa diskors limitat ħafna! Għax il-"grazzja" mhix xi ħaġa li joffri Alla, imma hija Alla nnifsu. Skont San Tumas ta' Akwinu, il-grazzja hija "*participatio divinæ naturæ*" – tisħib fil-ħajja ta' Alla. Permezz tal-grazzja Alla jlibbes bin-natura tiegħu stess lill-kreatura. Huwa Alla li jikkomunika lilu nnifsu lill-bniedem. Din hija bxara tajba!

### *Kristu hu l-milja tal-grazzja ta' Alla*

Din il-grazzja dehret fostna fil-persuna ta' Ġesù Kristu: "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara... biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied Alla" (Gal 4:4). Biex ifisser x'inhi l-grazzja, San Pawl jgħid li Kristu jgħix fih (ara Gal 2:20), u jkompli jistqarr: "Jien nitgħaxxaq bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tgħajjir, bit-tgħakkis, bid-dwejjaq... għax fija għandi l-qawwa ta' Kristu" (2 Kor 12). L-impenn tagħna biex nikbru fix-xebh tagħna ma' Kristu ma jfissirx biss li aħna għandna nimitawh fi kliemu u mġibtu, imma li



Kristu jgħammar fina biex bħal San Pawl intennu: "Mhux jien li ngħix, imma Kristu jgħix fija" (Gal 2:20)! Nifhem li dan huwa proċess impenjattiv u jieħu ż-żmien. Hemm ir-regola tal-gradwalità fis-sens li nikbru ftit ftit, imma l-importanti huwa li naqbdu t-triq li twassalna biex nilħqu dan l-għan: li Kristu jkun il-ħajja tagħna (Kol 3:4).

**Fost il-varjetà ta' espressjonijiet li jużа San Pawl biex ifisser il-ħajja tal-grazzja, huwa jsemmi li bi Kristu l-bniedem huwa "ħolqien ġdid". Fil-bidu tal-ħolqien Alla ra li kollox kien sew – sabiħ; imma l-bniedem irrovina l-pjan ta' Alla u bid-dnub tiegħu kerrah il-ħolqien. Permezz ta' Ġesù Kristu seħħet ir-restawrazzjoni tal-pjan oriġinali ta' Alla u hekk il-bniedem grazzjat ġie maħluq mill-ġdid! Huwa kreatura ġdida: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda, biex daħal il-ġdid floku" (2 Kor 5:17).**

### *Marija l-mimlija bil-grazzja*

Il-festa tal-Madonna tal-Grazzja li qegħdin niċċelebraw mhux biss toffrilna l-okkażjoni biex insellmu lil Marija bħala Omm Kristu, imma wkoll biex nikkontemplawha bħala l-mara mimlija bil-grazzja. Kif jgħallem San Ġwann Damaxxenu, l-isem biss ta' Marija Omm Alla jiġbor fih l-ekonomija kollha tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Fil-fatt l-erba' veritajiet dommatiċi dwar Marija huma marbuta mal-misteru ta' Kristu. Fl-ewwel millenju għandna d-domma tal-Maternità Divina u dik dwar il-Verġinità ta' Marija; filwaqt li d-dommi tal-Assunzjoni u tal-Immakulata Kunċizzjoni huma d-dommi Marjani tat-tieni millennju. Jekk dawn il-veritajiet jirriflettu l-ġmiel u l-grazzja ta' Marija, dan dejjem f'relazzjoni mal-persuna ta' Ġesù.

### *L-għejjun tal-grazzja u d-dnub*

Minbarra din il-grazzja abitwali, ir-rakkont tat-tħabbira tal-Anġlu lil Marija jitkellem ukoll fuq il-grazzja attwali: "Int sibt grazzja quddiem Alla" (Lq 1:31). Filwaqt li l-grazzja abitwali hi dispożizzjoni tal-bniedem li jwieġeb għas-sejħa li jagħmillu Alla, il-grazzja attwali hija l-għajnuna li Alla jixħet fuq il-bniedem biex jgħix is-sejħa partikulari tiegħu. Meta nqisu li l-kariżma li Alla joffri lill-bniedem hija "grazzja attwali", kulmin ġie fdat b'sejħa u missjoni partikulari – saċerdoti, reliġjużi, miżżewġin... – għandu r-responsabbiltà li jħaddem din il-grazzja kemm għall-qdusija tiegħu nnifsu u kemm għall-qdusija tal-oħrajn. Huma diversi l-kanali li bihom Alla jikkomunika din l-għajnuna partikulari, imma ta' importanza ewlenija huma s-sagramenti.

**F'dan ir-rigward nibża' li l-Knisja tagħna hija fqira f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-grazzja! Iħassibni l-fatt li ma aħniex għajjura għall-istat tal-grazzja! Mhux biss naqset il-ħeġġa għat-talb u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, imma hawn min qed jieħu wisq kunfidenza ma' Alla u l-għejjun tal-grazzja! Dan l-aħħar ġbidt l-attenzjoni lill-kappillani biex lill-koppji li qed jikkoabitaw u jridu jersqu għas-sagrament taż-żwieġ ifakkruhom li oġġettivament il-koabitazzjoni hija immorali u għalhekk min qed jgħix f'din is-sitwazzjoni jeħtieġlu jersaq għall-Qrar qabel ma jirċievi s-sagrament taż-żwieġ.** Prassi oħra li tindika li aħna faċli nipprofanaw il-grazzja hija li min qed jgħix f'sitwazzjoni ta' żwieġ irregolari ma jistax jersaq għas-sagramenti tal-Qrar u tal-Ewkaristija. Qed nittrattaw ma' ħwejjeġ qaddisa u serji ħafna: "Kulmin jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (1 Kor 11:28-29).

Nagħlaq billi nsellem lill-Knisja f'Għawdex bit-tislima tal-anġlu Gabrijel lil Marija: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek" (Lq 1:28). **Huma x'inhuma l-isfidi li qed ikollna nħabbtu wiċċna magħhom, niftakru dak li Kristu jgħid lil San Pawl: "Il-grazzja tiegħi biżżejjed għalik: għax is-setgħa tiegħi tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħtek" (2 Kor 12:8-9). Min-naħa tagħna nagħmlu ħilitna kollha biex ma nitilfux dan it-teżor spiritwali – dan jiswa kemm għalina individwalment u kemm għall-familji tagħna, għas-soċjetà u għall-istess Knisja tagħna. Hekk inkunu nistgħu nkantaw l-għanja *Għawdex djamant* fil-veru sens, meta niddu bil-Grazzja t'Alla.**




Kummentarju (1)

# Eko-Għawdex: X'dawl jista' jixhed fuq Alla?



kitba ta' MONS. SALV GRIMA

**B'riħet Eko-Għawdex żdiedu l-inizjattivi u daħlu diversi ħidmiet u attivitajiet f'ħafna lokalitajiet bil-għan li jitfgħu iktar dawl fuq il-wirt karatteristiku ta' gżiritna. Dawn ivarjaw minn mixjiet fejn niskopru xeni meraviljużi tal-pajsaġġ tagħna fit-truf tal-art, fi żjajar lil siti arkeoloġiċi naturali u postijiet oħra ta' importanza storika. Ħidmiet oħra jikkonsistu f'tindif ta' widien għal użu aħjar imma wkoll għat-tisbiħ tal-kampanja tagħna. Dawn u ħafna oħrajn bħalhom jeħduna eluf ta' snin lura. U hawn inkunu qed nagħtu ġieħ lil art twelidna. Huma tagħna, imma minn min ġew mogħtija lilna? Minn xi ħadd, u għalhekk fid-dmir li nħarsuhom ħalli ngħadduhom lil ta' warajna, imma wkoll bħala wirt li la nistgħu ninsewh u lanqas nifirduħ mill-pjan ta' Alla Ħallieq!**

Qed isiru wkoll parti minn eko-Għawdex it-twaqqif ta' ċentri varji bħal mużewijiet li fihom jinġabru tifkiriet u drawwiet qodma, u did-darba marbuta ma' żminijiet l-antenati tagħna. Huma ġabriet ta' folklor bħalma nsibu l-Għarb jew fil-mitħna ta' Kola u issa wkoll f'lokal ġdid il-Qala, biex insemmu xi eżempji. Oġġetti oħrajn bejn naturali jew umani jinsabu miġbura u mħarsin f'bini apposta ġewwa ċ-Ċittadella u anki f'postijiet oħrajn. Dawn ilkoll jeħduna lura, did-darba għal ftit mijiet ta' snin, u jorbtuna b'għożża kbira ma' missirijietna, li għexu l-użanzi tax-xogħol tagħhom, mas-sura tal-familja ta' dak inhar u mal-għamla ta' ħajja tant differenti minn tagħna, il-bżulija u l-għaqal liema bħalhom, imma fuq kollox mad-dehen li bih għarfu jsawru l-valuri ta' gżira Nisranija b'fidi f'Alla u fil-providenza kbira tiegħu. Għandna vetrina tas-sempliċità iżda b'nies ta' qalb nobbli għax jemmnu minkejja s-sitwazzjoni li kienu jgħixu fiha.



Ħadd ma jlumhom jekk dakinhar niesna kienu għadhom illitterati, bla edukazzjoni skolastika, mingħajr avanzi fl-istudju jew bla taħriġ fi skoperti moderni u xjentifiċi. Dejjem tneħħi xi eċċezzjoni. Frattant xorta għandhom x'jgħallmuna minn dak li kellhom, għaliex għożżew għerf ieħor li rċevew mill-għajnuna li kienet toffrilhom il-Knisja lokali bil-mezzi limitati tagħha ta' dakinhar. Xorta kien għad hemm lok għal iktar tagħlim Nisrani, kif fil-fatt beda jinħass min-naħa tal-Knisja stess ħalli tingħeleb l-injoranza reliġjuża mill-kbir saż-żgħir. Dan ukoll jidħol bħala sehem mill-wirt li bih jistagħna eko-Għawdex, u għaliex m'għandniex napprezzawh u npoġġuh fuq quddiem jekk tassew irridu lil gżiritna fid-direzzjoni t-tajba bla ma tinsa lil Alla?

### *Vetrina għall-barranin u għal uliedna*

Ħafna mill-wirt folkloristiku li issa sab ruħu fl-ambjent Għawdxi u fl-aġenda ta' min jiġi jżurna qed iservi bħala prodott siewi x'ngħaddu lit-turisti u lill-barranin li jiġu fostna. Fuq kollox għandna wirt reliġjuż is-sena kollha għax barra mill-istaġun sajfi li jattira ħafna nies għall-festi parrokkjali, l-opri artistiċi fil-knejjes tagħna huma diġà massa ta' attrazzjoni. Hawn ukoll tidħol l-istorja ta' eko-Għawdex, anki f'qasam reliġjuż, imma tajjeb ngħidu wkoll li dan "l-appoġġ kulturali u politiku hu biss il-qoxra tal-Knisja u tal-Fidi tagħna" bħalma wissewna l-Isqfijiet fil-Pastorali tagħhom ta' Ottubru 2011. Għalhekk min jaf x'impressjoni qed jieħdu ħafna mit-turisti dwar il-Kristjaniżmu tagħna meta josservaw ċerta mġiba f'ħaġa jew f'oħra? Jalla eko-Għawdex jistagħna fuq kollox kemm-il darba bħala nsara "nfittxu li nintrabtu ma' dak li hu ċentrali fil-fidi tagħna, Sidna Ġesù Kristu, u nibnu realtà ġdida fiċ-ċirkostanzi tal-lum"! Dan japplika qabel xejn għalina u għal uliedna.



Sal-lum għandna xorti kbira nistqarru li *"Alla ħares lejn kulma għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna"* (1, 31), bħalma nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi. Dan għalina huwa twemmin li nsibuh jirrifletti għal din ir-roqgħa ta' art żgħira tagħna fil-pjan tal-ħolqien minn Alla. Bħala l-aqwa Arkitett, Alla fl-għerf tiegħu *"ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu"* (2, 15). Erħilha li ħafna jazzardaw ixebbħu lil Għawdex ma' "ġenna tal-art", imma altru għas-sbuħija naturali li biha żejnu Alla, u altru għall-armonija li jrid il-Ħallieq dejjem u kullimkien fil-ħajja u fl-imġiba tal-abitanti tiegħu. Illum fejn hi l-aħjar dehra ta' Alla madwarna: f'eko-Għawdex bil-wirt naturali u storiku tiegħu, jew fin-nies li jgħixu f'Għawdex? Fit-tnejn suppost, imma għax mhux tal-aħħar għandhom ikunu l-iktar, jekk *"Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu"* (1, 27)? X'inhu l-aqwa: il-gżira jew il-bniedem?

Mal-ħafna aspetti li jżewqu lil eko-Għawdex, Diċembru jżid oħrajn, reliġjużi wkoll. Issa hija tradizzjoni antika l-armar tal-presepji bil-varjetajiet oriġinali tagħhom, il-purċissjoni bil-Bambin mill-oqsma tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (Museum) u iktar reċenti bl-attività ta' Betlehem f'Għajnsielem li ħadet xejra popolari biex Għawdex joffri ambjent u ġrajja li jfakkruna li l-istess Alla sar bniedem fostna. Tgħid dan hu b'xi mod sinjal urġenti li l-kwistjoni dwar Alla jixraq terġa' tkun fiċ-ċentru ta' għiritna? Imma biżżejjed għalina li jkun xi Alla li b'xi mod jeżisti? Forsi għal xi ġranet biss? Daqshekk biss jifla ħ eko-Għawdex? Jew dan Alla hu xi ħadd li jafna, ikellimna u jinteressana u li għandu jkun l-imħabba tagħna?

**Il-wirt li qed igawdi eko-Għawdex illum m'għandux ikun ta' xi għajb jew miftum mill-verità ta' dak li Alla għoġbu jwettaq u għadu jurina kull fejn tħares madwarek.**

HILITE

HARDWARE STORE

FRANCO - BELGE
FIRE PLACES

Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa, Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Konferenza rigward is-saħħa mentali*



Wara is-suċċess li l-*Mental Health Association Gozo* bil-kollaborazzjoni tal-*Mental Health Association Malta* u tal-Ministeru għal Għawdex kellhom is-sena l-oħra bil-konferenza '*Breaking the Silence*', għat-tieni sena reġgħet ittellgħet konferenza relatata mas-saħħa mentali, din id-darba fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Sannat.

Din is-sena il-konferenza iffokat fuq is-saħħa mentali tal-minuri għax il-kumitat tal-*Mental Health Association Gozo* jemmen li sabiex ikollna soċjetà futura b'saħħitha rridu nibdew ninvestu fiż-żgħar.

Bħala kelliema tal-konferenza kien hemm professjonisti li jaħdmu direttament mal-minuri, kif ukoll ingħataw esperjenzi mill-ġenituri, Marija Curmi u Rebecca Duffy.

Il-konferenza bit-tema "*Nixtieq Futur Aħjar Għalija...Int Lest Tgħinni?*", bdiet b'kelmtejn minn Pauline Camilleri, president tal-*MHA Gozo*. Wara sar il-ftuħ uffiċċjali mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Imbagħad ittellgħet mima mit-tfal tal-Iskola Primarja t'Għajnsielem, dwar is-sbuħija tal-ħajja fit-tfulija li tista' tiġi mtappna b'komplessi diversi bħall-*stress*, problemi familjari, diffikultajiet u faqar soċjali, razziżmu u diversi tipi t'abbużi. Is-sapport u l-allejanza bejn it-tfal għandhom joħolqu aktar solidarjetà sabiex l-adulti jsiru aktar konxji tal-bżonnijiet ta' wliedhom u b'hekk jagħtuhom l-id tant meħtieġa għall-appoġġ totali, għal soċjetà aktar b'saħħitha.



Il-Psikjatra Malti, Dr Joseph R. Saliba tkellem dwar is-Saħħa Mentali fit-tfal u l-adoloxxenti waqt illi ċ-*chairman* tal-psikjatrija, l-Għawdxi, Dr Anton Grech tkellem dwar '*Significant conditions in children*'. Maria Brincat tkellmet dwar '*Coping with learning disabilities*'. Waqt illi intwera u nstema' messaġġ b'video mis-Sinjura Catherine Gonzi, president onorarju tal-Assocjazzjoni tas-Saħħa Mentali Malta. Helen D'Amato, Kummissarju tat-Tfal indirizzat ukoll il-Konferenza. L-għeluq tal-Konferenza sar minn Mario Galea, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Kommunità.

## *Wirja Filatelika*



Is-Soċjetà Filatelika organizzat it-12-il esibizzjoni annwali tagħha fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk ir-Rabat, mill-11 sad-19 ta' Novembru. Għal darb'oħra kien hemm assortiment sabiħ għall-wiri, inkluża storja postali, filatelija soċjali u filatelija tradizzjonali. Numru sodisfaċenti ħafna kienu esibituri tfal. Bosta temi kienu trattati, hekk li viżitaturi li ma humiex kolletturi tal-bolli sabu materjal li ġibidhom u interessahom.

Grupp ta' studenti mill-iskola primarja Sir Arturo Mercieca, immexxija mill-Assistent Kap Lelio Spiteri,

żaru wkoll il-wirja fejn ġew imdawwra u mogħtija spjegazzjoni dwar dak esebit, mill-President tas-Soċjetà Filatelika Għawdxija Anton Said, li ppreżenta ukoll kopja tal-ktieb maħruġ mis-Soċjetà "*Isle of Joy*" lil Nicolai Vella għal-librerija tal-iskola.

## *Wirja fil-Konservatorju*

Bħala parti mill-attivitajiet tal-*European Week for Waste Reduction* (EWWR) l-iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Konservatorju tal-Isqof, bejn il-21 u l-25 ta' Novembru, organizzat wirja fl-entrata tal-iskola. Fiha wieħed seta' jara sett ta' ritratti kif l-istudenti tal-arti tal-Form 4, flimkien mal-għalliem tagħhom Mr Jason Farrugia, qegħdin jibdlu oġġetti intenzjonati għar-rimi fi kreaturi marittimi. Dawn se jkunu parti minn mużajk li qed isir fl-iskola flimkien mal-artista tal-mużajk, Mary Portelli. F'din il-wirja l-istudenti wrew it-talenti artistiċi tagħhom f'kollaborazzjoni attiva għall-ġid komuni fl-iskola tagħhom



## *Kunċert Vokali fl-"Aurora"*



Il-*Classique Foundation* ippreżentat kunċert vokali u orkestrali bl-isem ta' GRAND OPERATIC CONCERT bis-sehem ta' żewġ kantanti internazzjonali, Alessandra Rezza (sopran) u Francesco Anile (tenur), u l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, taħt id-direzzjoni ta' Joseph Debrincat, direttur mużikali u artistiku tal-Fundazzjoni. Dan il-kunċert sar ġewwa it-Teatru tal-Opra Aurora nhar is-Sibt 19 ta' Novembru.

Matul il-kunċert ġew esegwiti arji u dwetti minn opri ta' Bellini, Verdi, Puccini, Verdi, Mascagni, Leoncavallo, Bizet, Cilea, u Giordano. Ġew eżegwiti ukoll biċċiet orkestrali mill-opri bħal sinfoniji u *ballet.*

## *Imfakkar l-ewwel anniversarju mill-mewt tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fl-Għarb*

Fil-bażilika kolleġġjata tal-Għarb, nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru tfakkar l-ewwel anniversarju mill-mewt tal-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi. L-Għarb huwa raħal twelid l-Isqof Cauchi u kien xieraq għalhekk li l-komunità parrokkjali flimkien mas-Soċjetà Mużikali Viżitazzjoni tfakkar il-memorja ta' wieħed minn uliedha. L-anniversarju tfakkar b'quddiesa solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana flimkien mad-direttur spiritwali tas-Soċjetà Mużikali Viżitazzjoni, il-Kan. Ġużepp Tabone, bis-sehem tal-Banda Viżitazzjoni u l-kor tal-parroċċa taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Mro George Apap. Fi tmiem il-quddiesa ntwera *feature* dwar il-ħajja tal-Isqof Cauchi u ndaqq marċ funebri ġdid miktub għall-okkażjoni mis-surmast Apap. Għal din l-okkażjoni, li fakkret ukoll it-tmien anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali Viżitazzjoni, kien hemm preżenti fost l-oħrajn, ħut il-mibki Mons. Nikol Ġ. Cauchi, u l-membri tal-kumitat eżekuttiv tal-istess soċjetà mużikali mmexxi mill-president, David Apap li għamel ukoll diskors tal-okkażjoni. Għall-banda Viżitazzjoni, dan kien l-ewwel servizz tagħha taħt id-direzzjoni tas-surmast il-ġdid, Mro George Apap, li nħatar f'Settembru li għadda.



## *Dar Arka: għajnuna finanzjarja mill-Vodafone għal tiġdid fil-Gym*

Il-*Vodafone Malta Foundation* aċċettat li tgħin lil-Fondazzjoni Arka fi proġett ta' *refurbishment* tal-*Gym* ta' Dar Arka. Għal dan il-għan il-*Vodafone* offriet somma sostanzjali biex fiha tkun tista' tinbidel l-art b'*vinyl* ġdid, jitwaħħlu mirja speċjali mal-ħitan u biex tinxtara magna tal-*gym* li tista' tintuża minn persuni b'diżabbiltà minn fuq siġġu tar-roti.

Ix-xogħol tlesta u tbierek mill-Vigarju tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons Giovanni Bosco Gauci, nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru. Id-Direttur tal-Fondazzjoni "Arka" Mons Manwel Curmi u s-Sinjura Roberta Pace, amministratiċi tal-*Vodafone Malta Foundation* għamlu diskorsi tal-okkażjoni. Inkixfet ukoll lapida ta' tifkira.

Dak inhar stess għadd ta' ħaddiema tal-*Vodafone* missezzjoni tal-*Financial Planning, Business Intelligence* u *Internal Audit* għamlu ġurnata xogħol volontarjat fil-kċina, ġnien, garaxx, *workshop* u *laundry* ta' Dar Arka.



## Malta rrappreżentata fil-'Belt tal-Qwiel' – Tavira, il-Portugall



*Charles Daniel Saliba jippreżenta l-bibjografija lill-Professor Soares.*

Għall-ħames sena konsekuttiva, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Parmeoloġija (AIP-IAP) organizzat l-*Interdisciplinary Colloquium on Proverbs* (ICP11) f'Tavira, il-Portugall, magħrufa bħala "il-Belt tal-Qwiel". Studjużi minn madwar id-dinja kollha jattendu lekċers fuq temi differenti relatati mal-qwiel. Din is-sena l-president tal-għaqda, il-Professur Rui João Baptista Soares, ħadem id f'id mal-Konslu ta' Malta f'Tavira u l-ambaxxata ta' Malta fil-Portugall, biex Malta tiġi rrappreżentata għall-ewwel darba f'dan l-avveniment. Charles Daniel Saliba, għalliem tal-lingwistika Maltija u l-letteratura Maltija fiċ-Ċentru Post Sekondarja Sir M. A. Refalo, kien invitat bħala kelliem ewlieni, fejn ippreżenta r-riċerka tiegħu, *Maltese proverbs: a reflection of Mediterranean history and culture?* Hu analizza x-xogħlijiet ewlenin li saru fil-parmeoloġija Maltija u b'hekk tefa' dawl fuq il-mod kif taħsibha s-soċjetà Maltija, il-lingwa tagħha u fuq kollox wera d-drawwiet tagħha. Barra minn hekk hu wera biċ-ċar li l-influwenzi u l-kurrenti kulturali tal-Mediterran jidhru wkoll fil-proverbji Maltin. Saliba ppreżenta lill-Professor Soares bibljografija fuq ix-xogħlijiet ippubblikati fuq il-qwiel Maltin, biex isservi ta' għajnuna għal dawk kollha li jkunu jixtiequ jirriċerkaw aktar fuq is-suġġett.

## Kardinal f'Għawdex... u laqgħa għas-saċerdoti għal żmien l-Avvent

Il-Kardinal Francesco Monterisi, Arċipriet tal-Bażilika San Paolo Fuor le Mura, f'Ruma, is-Sibt 26 ta' Novembru, żar għall-ewwel darba l-Gżira Għawdxija, akkumpanjat min-Nunzju Apostoliku għal Malta, Mons Tommaso Caputo u mis-Segretarju tan-Nunzjatura Don Filippo Colnago. Mal-wasla baqgħu sejrin fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u wara l-Katidral. Il-Kardinal Monterisi ltaqa' ukoll ma' l-Isqof Mario Grech u s-Saċerdoti li kienu preżenti għat-talb kif ukoll għall-ikla ta' nofsinhar, fl-okkażjoni tas-sitt anniversarju mill-ħatra ta' Mons. Grech bħala Isqof t'Għawdex, fiċ-Ċentru Pastorali r-Ragħaj it-Tajjeb, f'Victoria.



*Il-Kardinal Monterisi, it-tieni mix-xellug mal-wasla tiegħu fiċ-Ċentru Pastorali ir-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat.*



*Waqt l-ikla għas-saċerdoti fiċ-Ċentru Pastorali.*

F'kelmtejn qosra, il-Kardinal Monterisi qal illi kien iħossu qrib ħafna tal-poplu Malti, peress illi huwa l-Arċipriet tal-Bażilika li nbniet fejn San Pawl ħa l-martirju u allura hemm dik ir-rabta speċjali ma' Malta, peress illi l-Maltin iħossu u jgħożżu lil San Pawl b'missierhom.

Din il-laqgħa djoċesana tas-saċerdoti Għawdxin saret ukoll bħala tħejjija spiritwali li ssir ta' kull sena għal żmien l-Avvent, biex is-saċerdoti Għawdxin jidħlu fl-ispirtu ta' dawn il-jiem qaddisa f'għaqda ta' talb u fraternità.

## *"Blood donation" fin-Nadur*



Bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill, din is-sena l-Kunsill Lokali Nadur stieden u ħajjar lill-pubbliku biex nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru jmur fis-Sala Joe Tabone, fl-uffiċċji tal-Kunsill ħalli jagħti d-demm. Fil-fatt l-*Blood Donation Drive* kienet waħda ta' suċċess. Din is-sessjoni damet għal erba' sigħat fejn marru 55 persuna biex jagħtu d-demm.

Dan l-inizjattiva tal-Kunsill setgħet isseħħ b'kooperazzjoni sħiħa minn tim mediku u paramediku miċ-Ċentru Għoti tad-Demm fi Gwardamangia li tela' Għawdex apposta, mgħejjun minn infermiera kwalifikati li jaħdmu fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

## *Għotja sabiħa lil Dar Arka fl-10 anniversarju tagħha*



€2500 inġabru waqt attività ta' ġbir ta' fondi, organizzata minn Laurie Saliba u l-istaff tal-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma. Is-somma miġbura ġiet ippreżentata lil Mons. Emmanuel Curmi, Direttur ta' Dar Arka, għall-ħtiġijiet ta' din id-dar, il-post fejn persuni b'diżabbiltà jingħataw kull għajnuna u diversi servizzi li jkunu jinħtieġu. Dar Arka din is-sena qed tiċċelebra 10 anniversarju mill-ftuħ tagħha f'Għajnsielem. Jixraq li aktar Għawdxin juru l-apprezzament tagħhom għal Dar Arka b'donazzjoni ġeneruża f'dan iż-żmien sabiħ tal-Milied.

## *Isqof Ġdid Kapuċċin fi żjara lil Għawdex*



Mons. Emanuel Barbara OFM Cap, Isqof ġdid Kapuċċin ta' Malindi fil-Kenja, il-Ħadd 27 ta' Novembru, filgħodu, ingħata merħba kbira mill-Għawdxin fil-Knisja Katidrali. Flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech u Mons Pawlu Darmanin, Isqof Kapuċċin ta' Garissa, fil-Kenja ukoll, mexxa quddiesa pontifikali, flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral u numru kbir ta' Saċerdoti, bil-parteċipazzjoni tal-Kor *Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

Fost dawk preżenti kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi, l-Membru Parlamentari Justyn Caruana, l-ex-Speaker Anton Tabone u delegazzjoni mill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Leone immexxija mill-President Dr Michael Caruana.

Fi tmiem il-quddiesa, Mons. Barbara ġie ppreżentat b'diversi għotjiet, fosthom elf ewro minn Mrs. Carmen Cordina miġbura mill-benefatturi tal-inħawi tal-Kapuċċini; Marita Cassar Direttriċi tal-Kor Fjur t'Assisi; Vince Vella għan-nom tal-Kumitat Festi Esterni Madonna tal-Grazzja u rigal tal-okkażjoni mogħti minn Dr Michael Caruana għan-nom tas-Soċjetà Filarmonika Leone.

Wara kien hemm *drinks* fl-Awla Kapitulari, b'awgurju lill-Isqof Barbara għall-ħatra tiegħu.

## *"European Week" fix-Xagħra*



Bħala parti mill-*European Week for Waste Reduction* li saret bejn id-19 u s-26 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra organizza żewġ attivitajiet bil-għan li jkompli jisħaq mal-pubbliku dwar il-ħtieġa tas-separazzjoni tal-iskart u r-riċiklaġġ.

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra flimkien mal-Kumpanija *Electrowaste Limited* organizzaw attivita' li matulha inġabru ħwejjeġ li ma baqagħlhom ebda użu. Din saret bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar f'Misraħ il-Vitorja. Fl-istess ħin saret attivita' għat-tfal bis-sehem ta' Mary Portelli (www.gozomosaic.com).

## Konferenza dwar il-Midja mill-M.A.S.

L-Etika fil-Midja kien is-suġġett ta' konferenza pubblika f'waħda mis-swali tal-Wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, organizzata mill-Moviment Azzjoni Soċjali nhar is-Sibt 26 ta' Novembru, bejn l-10.00 u nofsinhar.

Il-konferenza li tmexxiet minn Joe Camilleri bis-sehem ta' l-ex-editur ta' *The Sunday Times of Malta*, Lawrence Grech u ta' Mons Renato Borg iddiskutiet ir-rwol tal-ġurnalisti u tax-xandara kif ukoll l-effetti tal-midja fuq iż-żgħażagħ. Saru diversi interventi minn dawk preżenti.



*Waqt il-konferenza pubblika dwar il-midja. Mix-xellug għal-lemin jidhru Lawrence Grech, Joe Camlleri u Mons Renato Borg*

## L-Ikla Tradizzjonali ta' San Martin fis-Seminarju



Nhar is-Sibt 12 ta' Novembru saret l-ewwel ikla ta' San Martin organizzata mill-aħwa ħbieb tas-Seminarju bl-għajnuna tad-Dami tas-seminarju. Din l-ikla ssir bl-għan li jinġabru fondi għas-Seminarju maġġuri. Għall-ewwel ikla kien hemm attendenza ta' madwar 200 ruħ, u s-sala tas-Seminarju kienet mimlija. Din is-sena wkoll ġiet proposta t-tieni ikla u li fil-fatt saret il-Ħadd 20 ta' Novembru wara ċ-ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re. Dan minflok id-dramm li jittella' s-soltu mis-seminaristi.

*Uħud minn dawk preżenti għall-ikla fis-Seminarju.*

## Wirja ta' Bambini fin-Nadur

F'kamra li nbniet 'l fuq minn 300 sena, f'Dar Mnarja, in-Nadur, serviet ta' ambjent tassew sabiħ għall-wiri t'erbatax il-bambin tax-xemgħa li uħud minnhom imorru lura sa mitejn sena. Il-bambini li kienu għall-wiri bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd 2 u 4 ta' Diċembru, jagħmlu parti mill-kollezzjoni privata ta' 'l fuq minn 400 bambin ta' Josef Camilleri min-Nadur.

*Waqt il-wirja tal-bambini tax-xemgħa*



## Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa f'Għawdex



*Patri Pierbattista Pizzaballa, OFM, (ir-raba mix-xellug) waqt iż-żjara tiegħu lill-komunità Franġiskana f'Għajnsielem.*

Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa Patri Pierbattista Pizzaballa, OFM nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru għamel żjara f'Għawdex fejn iltaqa' ma' Mons Isqof Mario Grech fil-Kurja Djoċesana u żar ukoll il-komunità Franġiskana f'Għajnsielem.

Patri Pizzaballa ġie maħtur Kustodju tal-Art Imqaddsa għall-ewwel darba f'Mejju 2004 għal perjodu ta' sitt snin, u reġa' ġie konfermat mill-Ministru Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri f'Mejju tas-sena 2010 għal perjodu ta' tliet snin oħra.

Patri Pizzaballa twieled fil-21 ta' April 1965 f'Cologno al Serio fid-djoċesi u provinċja ta' Bergamo. Ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Settembru 1990. Daħal fis-servizz effettiv tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fl-1999.

MILL-PARLAMENT

## Għawdex fil-Baġit 2012

*(silta mid-diskors tal-Ministru tal-Finanzi,l-Ekonomija u Investiment)*

"Għal din is-sena qed nallokaw erba'miljun ewro biex inkomplu nimplimentaw dawn il-proġetti, u biex inkomplu nwettqu l-Viżjoni ta' Eko-Għawdex. Dan jinkludi l-programm vast ta' għajnuna sabiex l-operaturi ekonomiċi f'Għawdex ikunu jistgħu jinvestu f'enerġija minn sorsi alternattivi. Dan il-programm jibda s-sena d-dieħla u jitlesta s-sena ta' wara u ghandu jżid il-kontribuzzjoni t'Għawdex fl-obbligi li pajjiżna għandu fil-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi nodfa filwaqt li jgħin lill-industrija Għawdxija fl-ispejjes relatati mal-enerġija.

Hawn irrid ngħid li, billi jidher li sa l-aħħar tal-2012, l-allokazzjoni ta' 25 miljun ewro għal eko-Għawdex ma tkunx ġiet assorbita kollha, il-Gvern huwa kommess li l-bilanċ jiġi allokat fl-2013.

Aktar studenti Għawdxin qed ikomplu l-istudji tagħhom fl-Università ta' Malta, fl-MCAST u fl-ITS.Dan ifisser spejjeż addizzjonali għall-familji ta' dawn l-istudenti li jridu jsibu akkomadazzjoni f'Malta flimkien ma' spejjeż oħra li dawn ikollhom. Għalhekk konna rrivedejna l-*allowance* addizzjonali li l-Gvern jagħti lill-istudenti Għawdxin f'Malta.

Mis-sena d-dieħla ser nergħu nżidu din l-*allowance*, u ser nġibu fuq l-istess livell lil kull student Għawdxi li jkun qed jistudja f'Malta, irrispettivament jekk imurx l-Università, l-MCAST jew l-ITS. L-allokazzjoni totali biex ngħinu lil dawn l-istudenti għas-sena d-dieħla hija ta' aktar minn 700, 000 ewro.

Matul is-sena d-dieħla wkoll,se nkomplu b'aktar xogħol strutturali fil-kumpless Ninu Cremona, biex jitlesta *language lab* biex fih ikunu jistgħu jsiru numru ta' eżamijiet.Se nkomplu wkoll bix-xogħol biex ntejbu aktar servizzi tas-saħħa mogħtija mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

Se nkomplu bil-programm ta' manutenzjoni ta' toroq f'diversi nħawi, filwaqt li jibdew l-estensjonijiet fit-Toroq Ta' Pinu u tax-Xlendi, li jkomplu max-xogħlijiet li saru s'issa. Għal dan qed nallokaw 1.5 miljun ewro.



Se nkomplu wkoll bit-tindif tal-widien u lqugħ ta' ilma, il-bini ta' ġibjuni ġodda u manutenzjoni ta' oħrajn qodma, aktar bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, u għadd ta' inizjattivi oħra fil-qasam agrikolu, kulturali, ekonomiku u dak soċjali.

### 5.5 L-akbar sfida għal Għawdex

L-akbar sfida għal Għawdex tibqa' x-xogħol. Minkejja l-isforzi kollha li saru fl-aħħar snin, tibqa' realtà li ma nistgħux naħarbu minnha li l-progress fix-xogħol u l-impjiegi li rajna f'Malta tul dawn l-aħħar snin mhux rifless bl-istess ritmu f'Għawdex. Hemm sitwazzjonijiet li jistgħu jitjiebu bi sforz koordinat, bħall-bżonn li l-MEPA u awtoritajiet oħra jifhmu aħjar ir-realtà t'Għawdex. Biex jiġi koordinat sforz Nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Għawdex, il-Prim Ministru nkariga lis-Segretarjat għall-Politika Strateġika fl-uffiċċju tiegħu biex jiffoka l-isforzi tal-entitajiet pubbliċi kollha biex flimkien mas-settur privat isir dak kollu possibbli għall-ħolqien ta' aktar xogħol u xogħol aħjar f'Għawdex. M'hemmx dubju li l-istudji dwar il-possibbilità ta' rabta permanenti bejn Għawdex u Malta jridu jirriflettu wkoll din ir-realtà."


**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*Iest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**



Kummentarju (2)

# Sentenza nġusta għall-aħħar



kitba ta' MONS. ANTON GAUCI

**B'mod per eċċellenza fl-Ingilterra, l-imħallfin jissejħu *"Mr. Justice"*. Naturalment din il-kwalifika xterrdet ukoll fl-artijiet fejn kienu jaħkmu l-Ingliżi, bħalma huwa l-każ f'Malta u Għawdex. Dan ifisser li l-imħallfin huma magħrufa bħala donnhom il-ġustizzja personifikata! L-espressjoni *"Mr. Justice"* bil-Malti hija "Is-Sur Ġustizzja".**

Żgur li lil dan l-isem tagħmillu għajb kbir is-sentenza li ngħatat dan l-aħħar, f'Novembru, minn imħallef f'*High Court* f'Londra u li fuqha qrajna f'ġurnali bl-Ingliż tagħna hawn Malta. **Imħallef Ingliż iddigrieta lill-Knisja Kattolika hija *liable*, jiġifieri "responsabbli", għan-nuqqasijiet tas-saċerdoti tagħha.**

Nimmaġina li sentenza ta' din ix-xorta tolqot anki mhux biss lill-Knisja Protestanta, jew iċ-*Church of England*, iżda anki lil Knejjes ta' kull denominazzjoni oħra! Ħalli nitkellmu ftit fuq l-għerf u l-ġustizzja ta' din is-sentenza ta' *High Court* Ingliża f'Londra.

L-ewwelnett nittama li tant l-Isqifiet Kattoliċi kemm dawk Protestanti mhux biss ma jaċċettawx sentenza ta' din ix-xorta, iżda anki jsemmgħu leħinhom kontra tagħha. Għandhom il-knejjes fejn jistgħu jippriedkaw fuqha. Għandhom il-ġurnali fejn jistgħu jipprotestaw u jiktbu dwarha. Għandhom il-Parlament li miegħu jistgħu jipprotestaw, fil-*House of Commons* u fil-*House of Lords*. U huma fil-kuxjenza obbligati jiddefendu l-Knisja! Għandhom jiddefendu mhux biss ir-Reliġjon u l-Knisja, iżda fuq kollox lill-istess Liġi Divina!



### *L-Iskrittura Mqaddsa*

L-imħallef konċernat, jiġifieri dak li ħareġ is-sentenza msemmija, ma nafx kemm hu midħla tal-*Bible* jew tal-Iskrittura Mqaddsa. Għaliex qed ngħid dan? Għax, fil-fehma tiegħi, sentenza ta' dik ix-xorta tmur kontra dak li Alla l-Imbierek għallimna u ordna appuntu fl-Iskrittura Mqaddsa. Mhux biss fil-Liġi ta'Mosè, iżda anki permezz tal-profeti u kotba mqaddsa oħra.

Kien Alla stess li, permezz tal-Patrijarka Mosè u fil-Liġi ta' Mosè, ordna u qal : "Ma jinqatlux il-missirijiet għall-ulied, u l-ulied għall-missirijiet, imma kulħadd jinqatel għal dnubu." (*2 Slat. 15,6*) Imbagħad meta għaddew ħafna snin u deher il-Profeta Eżekjel fis-seklu sitta qabel Kristu, dan f'isem Alla qalilna li "Il-bniedem li jidneb, hu għandu jmut; l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru, u lanqas il-missier minħabba d-dnubiet ta' ibnu."(*Eżek. 18, 20*) Anzi, mhux kuntent b'dan il-kliem, ftit wara, l-istess Profeta Eżekjel reġa' wissiena hekk: "Għalhekk lil kull wieħed minnkom niġġudikah skont imġibtu, dar ta' Israel, jgħid Sidi l-Mulej." (*Eżek. 18, 30*)

U ftit qabel il-Profeta Eżekjel, il-Profeta Isaija fl-aħħar nofs tas-seklu tmienja qabel Kristu, għamilha ċara li Alla lill-bnedmin "skont għemilhom iħallashom." (*Is. 59, 18*) Anzi, mijiet ta' snin qabel dan l-istess profeta, Alla fil-Ktieb tal-Proverbji kien wera b'mod l-aktar ċar li jistmell l-imġiba tal-imħallfin li jeħilsu l-ħażin u jikkundannaw il-ġust : "Kemm min jeħles il-ħażin u kemm min jikkundanna l-ġust, it-tnejn jistmellhom il-Mulej." (*Prov 17, 15*)

### *Stħarriġ floku*

Sa xi snin ilu, fl-Università ta' Malta, fil-kors preparatorju għal dak tal-Liġi kienet tkun mgħallma l-Filosofija. U f'dan il-kors tal-Filosofija, wieħed mis-suġġetti kien





l-Etika. F'din l-Etika kienet tkun mgħallma l-Morali. Difatti l-kelma "Etika" hija sinonimu ma' "morali". Fi kliem ieħor l-istudenti kienu jitgħallmu dwar dak li huwa "moralment korrett".

Ma nafx jekk dan illum għadux isir. Wisq inqas naf isirx f'universitajiet barra minn Malta. Dan x'ifisser u x'konsegwenzi għandu jew jista' jkollu jekk mhux isir? Tgħid jista' jsarraf f'xi nuqqas ta' għajnuna għal dik li hija moralità meta wieħed imbagħad jiġi biex jeżerċita l-professjoni legali? Qed nipprova nkun ħafna prudenti u, flok ma nirrikorri għal xi affermazzjoni, nillimita ruħi għal sempliċi mistoqsija. Iżda l-qarrejja huma intelliġenti biżżejjed biex jiġbdu huma l-konklużjoni xierqa!

**In-natura umana, dgħajfa kif inhi, teħtieġ ħafna dawl. U l-etika tagħtik id-dawl għal dik li hija moralità fl-imġiba. Dan jgħodd għall-bnedmin kollha. Imma jgħodd b'mod partikolari għall-professjonisti kollha. U mbagħad, b'mod partikolarissimu, jgħodd għall-professjonisti fil-qasam tal-Liġi. Jiġfieri avukati u mħallfin! Hekk jew mhux hekk? Kif jista' wieħed jistenna li bniedem, hu min hu, ikollu dawl biżżejjed għall-imġiba tiegħu jekk ikun għal kollox sajjem f'dan il-qasam tat-tagħlim etiku u morali?**

Jiena naħseb, li b'xi mod, jew anki "kategorikament" u mingħajr ma noqgħod nuża espressjoni "b'xi mod", hekk nispjegaw ċerti difiżi fil-qrati u ċerti sentenzi ta' mħallfin. Ċar u tond!

Kemm rajna isqfijiet barranin "iħallsu" miljuni ta' dollari għall-imġiba skorretta ta' xi saċerdoti tagħhom! Kemm rajna jingħataw flus tal-Knisja, meta l-istess isqfijiet mhux biss mhumiex responsabbli għall-imġiba ta' ħaddieħor, iżda anki mhumiex padruni tal-istess flus tal-Knisja?!

Kemm naraw fid-dinja avukati jiddefendu kawżi biex jiksbu flus u beni għall-klijenti tagħhom, meta jkunu jafu li dan il-klijent huwa ħati jew ma għandu ebda dritt għal dawk l-istess flus jew beni u li dawn jappartjenu lil ħaddieħor? Kemm naraw imħallfin li jeħilsu l-ħati u jikkundannaw l-innoċenti! Jiena stess, ftit tas-snin ilu f'Malta, assistejt għall-kawża f'qorti tal-appell fejn il-ħati, wara li huwa stess ammetta l-ħtija tiegħu ta' serq li għaliha ġie kkundannat f'qorti f'Għawdex biex iħallas somma ta'flus lil min kien ġie misruq, ġie mill-imħallef illiberat! Iva, jiena stess assistejt u smajt b'widnejja l-istqarrija tal-ħati li ammetta n-nuqqas tiegħu!

Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, xi ngħidu għas-sentenza tal-Ġustizzja Tiegħu l-Imħallef li f'*High Court* f'Londra qatagħha li l-isqfijiet huma "*liable*" għax-"*shortcomings*" tas-saċerdoti tagħhom?

B
BEAVER
Whether you are mother of the bride/groom or guest we want you to have the perfect dress for your special occasion.
We also carry evening dresses and formal wear, shoes, bags and also hiring of hats.
2, St George's Square, Victoria, Gozo, Malta - Tel: 2155 1287
Left handside of St George's Basilica

*Kummentarju (3)*

# Il-Milied f'pajjiżna llum

## ...drawwiet u attivitajiet ġodda m'għandhomx jeqirdu dak li hu l-ispirtu veru u ġenwin tal-Milied!



*kitba ta'* EUCHAR MIZZI

Il-Milied kien, għadu u jien nemmen li jibqa' avveniment kbir, importanti u straordinarju mhux biss għalina l-Maltin u l-Għawdxin, imma għall-popli kollha li jemmnu fi Kristu l-Messija. Dan ma jistax ikun mod ieħor għall-fatt li l-Milied minnu nnifsu għandu seħer emozzjonali li jnissel ferħ, paċi u serenità fil-qalb tal-bniedem, indipendentement jekk humiex tfal, żgħażagħ, adulti jew anzjani. Ilkoll jiġu ftit jew wisq affettwati minn din l-arja serena u trankwilla li l-Milied iġib miegħu. Dan mhu xejn għajr sintomu oriġinat b'mod spiritwali mnissel mit-tifkira tat-twelid ta' Ġesù Bambin imwieled fl-għar ta' Betlem aktar minn elfejn sena ilu.

**Għaddew elfejn sena, u l-Milied għadu dak l-avveniment annwali li kulħadd isemmieh u jitkellem fuqu. M'hemmx dubju li l-importanza u l-għarfien tiegħu kibru u żdiedu sostanzjalment mal-medda tas-snin. Però nistgħu aħna ngħidu li dan huwa sinjal pożittiv ta' żmienna jew pass negattiv?**



**Il-Milied illum għas-soċjetà tagħna, qed kull ma jmur jinħakem mill-materjaliżmu li jdawwarna u qed ftit ftit itellifna mis-sinifikat veru u reali tiegħu. Sar okkażjoni ta' nfieq eżaġerat ta' flus, xalar u divertiment. Illum jinxtraw bosta rigali li fil-maġġoranza tagħhom huma ta' valur għoli mhux ħażin. L-armar sar jisboq dak ta' kull żmien. Eluf ta' bozoz iteptpu ma' kullimkien sew fil-privat kif ukoll fil-postijiet pubbliċi u anke fit-toroq. Ikliet u partis kuljum li jiġu organizzati minn kull għaqda, każin jew soċjetà. Twieqi armati ma' kullimkien. Issa daħlet id-drawwa li nżejnu anke l-faċċata tad-djar tagħna. Tal-posta ma jlaħħqux mal-eluf ta' kartolini li jagħtu x-xewqat sbieħ għal dan iż-żmien sabiħ tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena u l-kumplament.**

Issib min jistaqsi, imma dan hu ħażin? Li tgħid li hu tajjeb jew ħażin u tieqaf hemm, ma naħsibx li tkun korrett. Għaliex li wieħed jifraħ, jixxala, jagħti rigali, jarma d-dar eċċ., mhux talli mhux ħażin imma huwa tajjeb u ta' min ifaħħru. Imma dan ikun tajjeb biss, sakemm isir bil-moderazzjoni, bil-għaqal u bil-qies mistenni. Meta tinqabeż il-moderazzjoni u minflokha tidħol l-eżaġerazzjoni, meta minflok l-għaqal jidħlu l-bluha, l-pika u l-għira u meta wieħed joħroġ saqajh, kif ngħidu, barra mill-friex, ikun qed jistieden l-inkwiet, il-għawġ u d-diżordni.

**Imma l-Milied hi festa reliġjuża, spiritwali, li tpoġġi quddiemna doni kbar x'nimitaw, fosthom l-umiltà, l-imħabba u l-karità. Tfakkarna li Ġesù Alla mwieled tarbija, mar għażel għalih għar tal-annimali. Ifakkarna li ħadd ma offra kenn diċenti fejn Marija setgħet twelled lil Ġesù għall-irdoss u s-sigurtà li kien jixraq lil Bin Alla. Mhux biss, imma din il-ġrajja tfakkarna wkoll li Ġesù mar wera ruħu l-ewwel u qabel kulħadd lir-rgħajja, nies mill-aktar komuni u sempliċi però ta' qalb tajba u safja.**

Veru li llum aħna magħrufin għall-ġenerożità kbira tagħna. Imma kultant niddubita ħafna, mingħajr ma niġġeneralizza, li bosta minna jserrħu l-kuxjenza tagħhom billi jdaħħlu jdejhom fil-but u jagħtu xi ħaġa żgħira milli jkollhom, biex ma ngħidx ukoll miż-żejjed li jkollhom. Jew li nixtru ftit pasti jew ħelu u mmorru nagħtuhom, jew nibagħtuhom lil niesna jew familjari tagħna li jinsabu



rikoverati f'xi dar tal-anzjani jew f'xi sptar. Imbagħad matul is-sena kollha dawn qishom ma jeżistux. Din mhix karità. Din mhix imħabba vera ispirata mis-seħer li joħroġ mill-għar ta' Betlem. Kemm niltaqgħu ma' ġenituri jibku u b'qalbhom sewda, l-aktar f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied, jilmentaw li ħadd minn uliedhom ma mar jagħtihom il-festi t-tajba. X'ingratitudni!

**Imbagħad illum qed tidħol drawwa oħra diżgrazzjatament anke f'pajjiżna. Nibagħtu kartolini tal-Milied li fil-faċċata tagħhom fihom kollox minbarra dik id-dehra li suppost ikollhom tat-twelid ta' Ġesù Bambin, il-Madonna, San Ġużepp eċċ. Jew kultant issib ukoll min jawgura "Il-Festi t-Tajba" u l-Milied ma jissemmiex, jew bl-Ingliż issa daħlet ukoll il-frażi ta' "Happy Holidays", biex ma jsemmux 'Christmas' għax fiha jinsab l-isem ta' 'Christ'. Hu dan forsi l-Ispirtu veru li joħroġ minn din il-festa kbira tal-Milied? L-istess, f'ċerti ħwienet u stabbilimenti kbar ta' pajjiżna, f'post ċentrali nsibu s-Siġra tal-Milied, kbira, armata sabiħa. Veru mela le, imma l-Bambin fil-Grotta ma nsibuh imkien?!**

Minn kmieni f'Diċembru nibdew nibbukkjaw l-ikla ta' lejliet il-Milied, tal-Milied, tal-aħħar tas-sena, il-partis li ser nattendu għalihom u l-kumplament. Però qegħdin naħsbu li nattendu għall-funzjonijiet sbieħ ta' preparazzjoni u b'mod partikulari għall-Quddiesa Sollenni ta' Nofsillejl, jew dak il-ħin ser inkunu d-disco sal-4.00 ta' filgħodu? Ser nagħmlu l-qrara u t-tqarbina tal-Milied kif aħna bħala nsara obbligati li nagħmlu?

Mhux sew li noqogħdu ngħidu x'għarukaża kif saret id-dinja, donnu kulħadd sar indifferenti. Donnu li kulħadd irid jiddissassoċja ruħu minn Kristu billi jneħħu l-kurċifissi, billi jneħħu l-kelma '**Christ**-mas' mill-Milied biex ma jissemmiex Kristu, billi jdoqqu għanjiet mingħajr il-kelma "Jesus", imbagħad aħna nagħmlu bħalhom jew agħar minnhom, kultant bla ma nindunaw x'inkunu nagħmlu.

**Għall-grazzja t'Alla, pajjiżna fil-maġġoranza kbira tiegħu, għadu jħares lejn il-Milied bħala festa kbira Reliġjuża li hija l-bażi li fuqha tinbena l-fidi tagħna l-Insara – it-twelid tal-Imgħallem tagħna Ġesù bħala tarbija li ġie fid-dinja biex jifdina u jsalvana. Il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin għad għandhom għal qalbhom din il-ġrajja u li jiffesteġġjawha b'sollennità u anke b'fidi kbira.** Ħafna huma dawk li minkejja li forsi m'humiex minn dawk li jmorru l-knisja kuljum, f'din il-Festa jaraw li ma jonqsux, mhux biss imma li anke fid-dar jarmaw il-Presepju jew il-Bambin u dik it-talba kuljum quddiemu ma tonqosx. Oħrajn li l-fidi tagħhom hija laxka, għadhom jagħmlu sforz ġenwin sabiex almenu f'dan il-Lejl Qaddis jagħmlu qrara u tqarbina kif inhu xieraq.

**J'Alla lkoll kemm aħna, nibqgħu nħarsu lejn il-Milied b'ħarsa qaddisa u devota li bħala nsara għandha tibdilna għall-aħjar u timlielna lil qalbna bis-serenità u l-paċi, liema paċi jaf jagħtiha biss Ġesù Bambin.**

**Il-Milied it-Tajjeb mimli qdusija, ferħ u paċi lil kulħadd.**



*Kummentarju (4)*

# *L-Immigranti Suwed fostna... anke dawn "ħutna"!*



*kitba ta'* **JOE RAPA**

Dan l-aħħar ġejt milqut b'mod partikulari mill-Vanġelu ta' Kristu Re. "... u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż." (Mt. 25, 32). Quddiem il-lista tal-opri tal-ħniena li jsemmi dan il-qari, min jista' jħossu komdu? Imma, bħalma qal xi ħadd, din is-silta hi rigal għax jekk se nkunu eżaminati, ara kif l-eżaminatur iffavorina billi minn qabel newlilna l-karta tal-eżami! Nafu fuqhiex se nkunu mistoqsija, anzi nafu l-mistoqsijiet bl-eżatt... minn qabel!

Banda oħra l-Iskrittura tgħidilna li l-Fidi trid tidher ċara fl-għemil. Urini l-Fidi tiegħek mill-għemil tiegħek. Il-Fidi mhix paroli, jew kultura, jew folklor, anke jekk dawn kollha huma frott li joħorġu minnha. Il-Fidi vera, adulta tiġġenera stil ta' ħajja. Kristu jgħidli li kull att ta' ħniena li jien inwettaq ma' min hu fil-bżonn qed nagħmlu miegħu. Mhux faċli tagħmel tiegħek dan il-ħsieb tal-Vanġelu. Imma iktar kemm wieħed jikber fil-Fidi iktar




jaqgħu minn għajnejh il-qxur tal-katarretti u 'jara' kemm ġeneruż kien il-Mulej miegħu. U jekk 'jara' dan, hu li rċieva tant, kif se jibqa' b'qalbu iebsa quddiem in-nies fil-bżonn li l-Mulej jibgħatlu quddiemu?

**Għall-grazzja t'Alla f'Għawdex ninsabu mdawrin bi sħaba ta' xhieda minn nies tal-Knisja li taw u għadhom jagħtu ħajjithom, jaħarqu ħajjithom b'risq kull xorta u tip ta' batuti. Bħalissa wkoll il-Knisja f'Għawdex qegħda tistudja kif tkabbar, twessa' u tikkordina l-Promozzjoni Umana tagħha fi żminijiet dejjem jinbidlu u dan biex jidhru ċari, quddiem min irid jara, is-sinjali tal-Fidi.**

## *L-Immigranti fostna*

Dan hu fenomenu ġdid. Mur ġib lin-nannu Ġużepp li miet madwar għoxrin sena ilu ta' 98 sena jara żgħażagħ ta' ġilda 'kkulurita' (bħallikieku min hu abjad mhux 'ikkulurit' ukoll!), ta' ġilda sewda, għaddejjin 'l hemm u 'l hawn fit-toroq Għawdxin, jew bilqiegħda fuq xi mejda ħdejn it-"Tapie". Naħseb kieku taqbadhom ferneżija, bil-propoganda li dejjem irċevew fuq 'Torok' u 'Suwed'. Illum, aħna li qed ngħixu din l-esperjenza, din il-'globalizzazzjoni', x'għandha tkun ir-reazzjoni tagħna fid-dawl tal-Vanġelu? X'naħsbu li kienet tkun ir-reazzjoni ta' Kristu?

Li kieku l-Mulej jitlaqna għal rieħna u ma jdawwalniex, ma jmellaħniex bil-Kelma tiegħu, kieku r-reazzjoni tagħna tkun waħda għal kollox naturali u *'predictable'*. Mingħajr Alla, kulma nagħmlu hu kkundizzjonat mill-biża'. F'kull ċirkostanza l-bniedem jiddefendi ruħu... din hi l-esperjenza tagħna lkoll. Mingħajr Alla l-bniedem isibha impossibbli joħroġ minnu nnifsu u jingħata lill-ieħor hekk kif inhu. Il-miġja tal-immigranti fostna qanqlet reazzjonijiet li wrew il-faqar u l-immaturità tal-Fidi tagħna.

**Dawn iż-żgħażagħ li jidhru tant dgħajfa, waħedhom, lesti li jagħmlu kollox biex jaqilgħu xi ħaġa, imwarrba... dawn iż-żgħażagħ ibeżżgħuna. X'se jiġri 'l quddiem meta jiżdiedu, meta jingħaqdu, meta jibdew jidhru kultura u drawwiet alternattivi għal tagħna? Quddiem il-prattika reliġjuża tal-Maltin li qed tiddgħajjef il-ħin kollu, x'se jiġri meta dawn 'is-suwed', li jistgħu ikunu ħafna iktar sodi fit-twemmin tagħhom, ikollhom biżżejjed 'leħen' mogħti lilhom mid-demokrazija? Dawn il-mistoqsijiet qed itertqu soċjetajiet oħrajn u ferm ikbar minna wkoll.** Biżżejjed taqra l-ġurnali

# *IL-KNISJA QRIB DAREK*

**Diskors ta' Mons Isqof Mario Grech**
**Festa ta' Kristu Sultan**
**Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex - il-Ħadd 20 ta' Novembru 2011**

## Id-dimensjoni spiritwali tal-ħajja

Il-Vanġelu tal-lum jitkellem dwar Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb li ħalla d-disgħa u disgħin nagħġa fil-maqjel biex imur ifittex lil dik in-nagħġa l-mitlufa u jgħinha terġa' lura, tirkupra saħħitha u ssib postha fi ħdan il-merħla – fil-komunità. Jien naħseb li l-bniedem tal-lum, minkejja t-tajjeb li għandna, xi darba jew oħra qed ikollu jagħmel l-esperjenza tan-nagħġa l-mitlufa. Hemm ċerti sinjali fis-soċjetà u fil-Knisja li jagħtuk x'taħseb li l-bniedem huwa mitluf, ma jafx fejn ser jagħti rasu, ma jafx x'direzzjoni ser jagħti lil ħajtu għax jinsab bla boxxla.

Illum hawn min jieħu mill-Istat u mill-Knisja affarijiet li mhumiex tiegħu. Illum il-ġurnata hawn min għandu mġiba mhix tajba u jippretendi li dik l-imġiba tkun approvata u mħarsa bil-leġiżlazzjoni ċivili tagħna. L-ingranaġġ tal-materjaliżmu tant huwa qawwi li mhumiex ftit dawk li s-sensibbiltajiet tagħhom qed imutu: is-sensibbiltà lejn ħaddieħor li hu fil-bżonn; imma fuq kollox is-sensibbiltà tal-Ispirtu. Il-mentalità kummerċjalizzata tal-lum qegħda toqtol ftit ftit in-nervatura tal-ispirtu tal-bniedem. Imbagħad hemm id-diffikultajiet fil-ħajja personali, fil-ħajja tal-familja u fil-ħajja soċjali. Insemmi l-evażjoni tat-taxxa, in-nuqqas ta' responsabiltà kif jintefqu l-flus li jappartjenu lill-poplu. Ma jidhrilkomx li dawn huma indikazzjonijiet li juru li aħna mitlufa?

U mhux biss il-kbar qed jitilfu l-boxxla imma anke ż-żgħar. Mhux biss l-adulti huma mħawdin imma qed nifxlu wkoll lit-tfal! Illum qed niċċelebraw il-"Jum Internazzjonali tat-Tfal". Inħambqu ħafna fuq id-drittijiet tat-tfal, imma fl-istess ħin il-kbar jissagrifikaw id-drittijiet taż-żgħar. Infatti ftit jimpurtahom mid-dritt tat-tfal li jitwieldu u jikbru fl-għożża tal-familja magħquda! F'laqgħa li kelli dan l-aħħar mal-kapijiet tal-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex, dawn qaluli li diġà fil-klassijiet tal-*kindergarten* xi tfal huma aġitati u aggressivi għax jirriflettu t-tensjoni li hemm fil-familji! L-effett negattiv ta' din l-imġiba rridu narawh 'il quddiem meta dawn jikbru!

Bil-miżuri soċjali biss, li l-Istat huwa fid-dover li jagħmel, m'aħniex ser insolvu dawn il-problemi! Is-soluzzjoni mhix waħda teknika u anqas politika. Ir-risposta hija waħda spiritwali, fis-sens li l-bniedem jibda jagħti aktar każ tad-dimensjoni spiritwali tiegħu. Jekk il-bniedem jibqa' jifga l-ispirtu li hemm fih, ser ikompli joqtol lilu nnifsu. Is-soluzzjoni għalhekk hija evanġelizzazzjoni ġdida, jiġifieri l-possibbiltà li jien u int illum nerġgħu niltaqgħu ma' Kristu r-Ragħaj tagħna. Sakemm ma nindunawx li l-politika u s-soċjal għandhom ir-ruħ, allura għadna ma sibniex is-soluzzjoni.

Kif Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb, imur ifittex in-nagħġa l-mitlufa, jikkuraha, ifejqilha l-ġrieħi, jerfagħha fuq spallejh u jerġa' jirrestitwiha lill-komunità, hekk ukoll hemm bżonn li nagħmlu aħna. Din hija l-missjoni tagħna bħala Knisja preżenti hawn illejla għall-festa ta' Kristu Sultan. F'kuntest fejn il-bniedem qed jintilef, ma nintilfux aħna wkoll imma nieħdu fuqna l-missjoni ta' Kristu u nfittxu l-bniedem mitluf u ngħinuh jerġa' jsib lilu nnifsu, jerġa' jsib id-direzzjoni f'ħajtu, u jerġa' jpoġġi l-ordni f'ħajtu u fis-soċjetà.

## Inġeddu l-komunitajiet ekkleżjali

Imma biex il-komunità ekkleżjali tkun kapaċi tkun qrib il-bniedem mitluf, nara l-urġenza li nirriflettu ftit kif qed ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala Knisja. Hawn min għandu rifjut tal-Knisja u juri dan ir-rifjut pubblikament. Imma jien nistaqsi: liema Knisja qed tiġi rrifjutata? Il-Knisja vera ta' Ġesù Kristu jew il-Knisja li maż-żmien il-bniedem bena waħdu – u din għandha bżonn li tiġi riformata kif titlobna Ommna l-Knisja? Billi, kif jikteb Don Primo Mazzolari, "il-parroċċa hija l-Knisja qrib id-dar tal-bniedem", nixtieq nagħtikom ftit punti dwar kif nara li hemm bżonn intejbu l-komunitajiet ekkleżjali tagħna.

## Kristu ċ-ċentru tal-komunità

Il-komunità parrokkjali ma tistax tibqa' komunità tal-qaddisin imma trid tkun il-komunità tal-Qaddis, Ġesù Kristu. Huwa ż-żmien li nirrivedu. Il-qaddisin għandhom post fil-kalendarju liturġiku u huma eżempju importanti għall-ħajja tan-Nisrani għax huma dawk li aċċettaw lil Kristu; imma l-punt fokali tal-ħajja tal-komunità għandu jkun Ġesù Kristu. Huwa għajb u faqar spiritwali li għandna min jaf jew min huwa entużjasta għall-qaddis jew għall-qaddisa, imbagħad m'għandux dik il-passjoni għal Ġesù Kristu! Ġesù Kristu huwa r-raġuni għaliex teżisti l-komunità parrokkjali. L-affarijiet l-oħra huma għajnuniet. Mingħajr Kristu ma ngħaddux; mingħajr il-qaddisin ngħaddu.

## Komunitajiet proattivi

Hemm bżonn li aħna nagħmlu mill-komunitajiet ekkleżjali tagħna komunitajiet mhux li jiddefendu imma li jkunu proattivi. Ħafna drabi naħlu l-ħin tagħna niddefendu l-pożizzjonijiet tagħna. Imma huwa l-mument li bħala Knisja, artikulata f'komunitajiet parrokkjali, naraw din ir-realtà tal-bniedem mitluf, nosservaw x'inhuma l-ħtiġijiet tiegħu u nirrispondu għalihom biex ngħinuh jagħmel esperjenza ta' Ġesù Kristu li jfejjaq!

## Formazzjoni ta' operaturi pastorali

Imma biex nagħmlu hekk, huwa imperattiv li l-komunitajiet parrokkjali ma jkunux f'idejn id-dilettanti imma f'idejn operaturi pastorali li huma ffurmati. Hawn tidher biċċar l-importanza tal-formazzjoni permanenti. Għandna wisq dilettantiżmu fil-Knisja, u forsi din hija waħda mirraġunijiet għaliex il-Knisja mhix qrib dar in-nies. Ma nistgħux nitilfu dan il-mument ta' grazzja li qed ngħixu. Biex intejbu din is-sitwazzjoni nħeġġeġ lill-membri kollha tal-komunità biex jieħdu bis-serjetà l-formazzjoni Nisranija, partikularment il-formazzjoni għall-"ministeri" fil-komunità.

## Sagramenti u katekeżi

Aħna nemmnu li s-sagramenti huma l-għejun tal-grazzja. Dawn huma importanti ħafna fil-ħajja tagħna l-Insara. Imma nara li jeħtieġ nagħmlu qabża u l-ħidma pastorali tagħna ma tkunx pastorali ċċentrata biss fuq iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, imma tkun pastorali li tagħti importanza lix-xandir tal-Evanġelju. Fostna hawn min ma jafx lil Ġesù Kristu – għandna min hu serjament nieqes mill-għarfien dwar Ġesù! Fil-laqgħa li kelli mal-kappillani fil-bidu ta' Novembru, dawn qaluli li llum jiġuna tfal għat-Tqarbina li ma jafux iroddu s-salib. Dawn huma wliedna! U jekk qed nitkellmu mid-drittijiet tat-tfal, irridu ngħidu li t-tfal ukoll għandhom id-drittijiet għall-ħajja tal-ispirtu. Nixtieq li l-Knisja u l-komunitajiet parrokkjali tagħna jinterpellaw lilhom nfushom dwar x'inhuma r-raġunijiet għaliex hawn din l-injoranza dwar Ġesù Kristu, għaliex hawn din l-injoranza fil-ħajja spiritwali! Ninsabu f'dan l-istadju! Għalhekk hemm bżonn li aktar milli nenfasizzaw fuq is-sagramenti rridu nippreparaw lilna nfusna biex niltaqgħu ma' Kristu fis-sagramenti – altrimenti jekk is-sagramenti mhumiex imdawlin b'katekeżi tajba, nibqgħu nikkonsidrawhom bħala maġija jew sempliċi ritwali li jagħmlu parti mill-kultura tagħna. Tajjeb nistaqsu jekk meta nitolbu biex jiġi ċċelebrat xi sagrament, din tkunx talba ħierġa mill- għarfien u x-xewqa tagħna biex nitwaħħdu ma' Ġesù Kristu!

## Qrib fejn jgħix il-bniedem

Il-pastorali tagħna għadha wisq marbuta mat-"tempju"! Il-mument fit-tempju huwa importanti għax hija l-preżenza tagħna quddiem Ġesù, li timliena bl-enerġija spiritwali, appostolika u umana. Imma ma nistgħux nibqgħu magħluqin fil-"knisja" imma nimbuttaw lilna nfusna biex noħorġu fit-toroq biex niltaqgħu mal-bniedem tat-triq! Daqskemm huwa importanti li d-djar ikunu qrib il Knisja, daqstant ieħor meħtieġ li l-Knisja tkun qrib id-djar tan-nies. Huwa imperattiv li nagħmlu l-passaġġ mill-"kult"għall-kultura tal-lum, fis-sens li ma nibżgħux inċappsu jdejna fl-għaġna tal-ħajja ta' kuljum u ninteressaw ruħna fil-ħajja ordinarja tal-bniedem u tal-familja.

## Il-gruppi ta' formazzjoni fi ħdan il-komunità

Hemm bżonn li l-komunitajiet parrokkjali tagħna ma jibqgħux komunitajiet tal-massa. Ma nintilfux fuq in-numri, imma nfittxu l-kwalità tal-ħajja Nisranija. Tajjeb li naħdmu biex il-parroċċa tkun komunità tal-komunitajiet fejn ilkoll kemm aħna nfittxu dik il-komunità, l-għaqda jew l-esperjenza li tgħinna biex ma nintilfux u biex ikollna direzzjoni fil-ħajja. Din hija l-Knisja li hemm bżonn tkun qrib il-bniedem tal-lum, li timxi miegħu u tkun qrib darek.

Nagħtikom esperjenza. Jien għamilt sena kappillan u kont noħroġ ukoll wara l-bibien. Kont nagħmel il-ġbir wara l-bibien, u kienet il-qatla tiegħi kif inhi l-qatla tal-kappillani tagħna, imma kont noħroġ kif inhu dmir tiegħi. Imma kont noħroġ ukoll biex nistieden lill-familji f'mument jew ieħor għall-katekeżi u t-talb. Ma ninsiex li darba ħabbatt bieb u ġiet mara tagħtini xi ħaġa. Staqsietni: "Fejn hi l-borża?". Jien għidtilha li ma kontx qed niġbor imma nqassam! Għidtilha: "Ġejt biex nistiednek ħalli ssib postok fi grupp, f'komunità żgħira biex il-knisja tagħtik il-ġid veru tagħha: lil Ġesù Kristu!". Hawn irridu naslu biex ikollna Knisja skont il-qalb ta' Ġesù – Knisja li bħar-Ragħaj it-Tajjeb tkun mhux biss suġġett soċjali li jġib bidla fil-kultura, imma tkun l-ewwel u qabel kollox komunità mdakkra bl-ispirtu ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb li jħobb lil kulħadd, b'mod partikulari lin-nagħag il-mitlufa!

## Sinjali pożittivi

F'dawn il-kelmtejn ma nistax ma nfissirx l-apprezzament tiegħi għall-preżenza tagħkom illejla, kif ukoll għad-diversi realtajiet u esperjenzi li hemm fil-Knisja tagħna u fil-komunitajiet parrokkjali tagħna. Insellem lill-kappillani kollaboraturi tiegħi, li naf kemm huma impenjati biex flimkien nippruvaw nagħtu din il-linja pastorali li qed inkellimkom dwarha. Smajna llejla żewġ esperjenzi sbieħ, waħda ta' koppja minn Komunità Ewkaristika u oħra mir-realtà tal-Mixja Neokatekumenali. Hemm realtajiet oħra. Qaluli li fil-parroċċa tal-Għarb bdew Komunità Ewkaristika ġdida u kien hemm konkorrenza sabiħa ħafna. Dawn huma sinjali pożittivi ħafna li sewwa nkunu nafuhom; imma isbaħ minn hekk huwa li min qed imur iqabbad lil din il-Komunità biex tiġi evanġelizzata u biex tagħmel il-katekeżi huma membri ta' Komunità Ewkaristika oħra. Ilbieraħ filgħaxija kont ma' Komunità Ewkaristika li tiltaqa' fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu (Ix-Xagħra), u l-presbiteru fl-aħħar tal-quddiesa talabni nagħti l-mandat lil tliet koppji li ilhom jattendu għal ħafna snin f'din il-Komunità biex issa jmorru fil-Komunità l-ġdida tal-Għarb biex jgħinu lil dawn jagħmlu l-esperjenza ta' Ġesù Kristu. Bħal dawn hemm esperjenzi oħrajn. Din hija konferma ta' komunità ekkleżjali missjunarja, u kemm nixtieq li dawn joktru!

Irrodd ħajr minn qalbi lil Alla u lilkom talli intom tifthu qlubkom għall-Bxara t-Tajba. Għeżież tiegħi, inqawwu qlubna għax jekk in-nagħġa ntilfet, Kristu ma qatax qalbu minnha, u misjuq mill-imħabba għadu jiġri warajha. Agħmlu l-qalb. Aħna għandna proposta x'nagħmlu lill-bniedem tal-lum mitluf. Sewwa li nitħeġġu aktar fil-ħajja Nisranija u fil-ħidma tagħna biex lill-bniedem tal-lum indewquh il-benna ta' Kristu Sultan".

# *KAŻINI TAL-BANED - SKOLA TA' VALURI*

**L-Isqof Grech wassal dan il-messaġġ f'quddiesa li kkonċelebra fil-knisja parrokkjali ta' Kerċem flimkien ma' għadd ta' diretturi spiritwali ta' diversi Każini tal-Baned Għawdxin fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja (It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2011)**

"Fil-ħajja hemm ħwejjeġ li nistgħu nisilfuhom jew nissellfuhom; imma mbagħad hemm ħwejjeġ oħra li la nistgħu nagħtuhom u lanqas nirċevuhom!

L-għaqal, il-prudenza, l-irġulija, is-sens tal-qies, il-korrettezza, ir-responsabbiltà, eċċ. huma valuri u virtujiet li ma jistgħu qatt jintalbu jew jinxtraw mingħand ħaddieħor, imma wieħed irid jaħdem għalihom, jikber fihom u jagħmilhom tiegħu! Hekk, per eżempju, nafu b'każi fejn il-ġenituri jkunu bil-għaqal imma t-tifel joħroġ iblah! Għalhekk importanti li wieħed jistinka biex irawwem fih dawn il-kwalitajiet li minnhom jiddependi jekk ikunx bniedem integru jew le! Kontra l-mentalità moderna li żżomm li dak li l-aktar jgħodd fil-ħajja huwa x'wieħed ikollu, hemm bżonn nikkonvinċu aktar ruħna li dak li għandu valur hu x'inhu l-bniedem (not to have but to be). Dak li jagħmel lill-bniedem huma proprju dawn il-valuri li mhumiex trasferibbli imma jibqgħu tiegħu jew tagħha personali.

Dan jgħodd ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mad-dimensjoni spiritwali tal-bniedem. Infatti, wieħed jista' jitkellem ma' ħaddieħor dwar Alla, wieħed jista' jippriedka lill-oħrajn imma ma jista' qatt iġiegħel lil ħaddieħor jemmen: il-fidi hija frott ta' deċiżjoni individwali u personali. Huwa fatt li l-fidi hija don minn Alla, imma jekk tkunx aċċettata jew rifjutata, jiddependi mid-deċiżjoni ħielsa ta' dak li jkun! Nistgħu ngħidu ħafna kliem sabiħ dwar il-Liġi t'Alla, imma jibqa' kliem fl-ajru sakemm il-bniedem ma jintegrax dik il-Liġi f'ħajtu u jsarrafha f'azzjoni! Li tkun tgħix fost il-qaddisin mhux biżżejjed biex issir qaddis, għax il-qdusija hija frott tal-koperazzjoni tiegħek mal-grazzja t'Alla!

Meta l-bniedem ikun imsawwar b'dawn il-virtujiet u valuri, ikun aktar faċli għalih li fil-ġenerożità tiegħu jaqsam dak li għandu mal-oħrajn. Il-qalb umana tingħalaq meta tkun fqira minn dawn il-valuri!

Fid-dawl ta' dan kollu, inħeġġeġ lill-Għaqdiet Mużikali Għawdxin, li llum qegħdin tiċċelebraw il-festa ta' Santa Ċeċilja, biex tistinkaw ħalli mis-sede tagħkom tagħmlu mhux biss skola tal-mużika, imma wkoll skola ta' virtujiet u valuri umani fejn il-membri tagħkom isibu l-ambjent u l-għajnuna biex jistgħanew f'dawn il-kwalitajiet sbieħ! Jekk il-membri jkunu persuni mżejna b'ċerti doti bħalma huma l-għaqal, il-prudenza, is-sens tal-qies, il-korrettezza u r-responsabbiltà, dan ma jkunx biss ta' ġieħ personali għalihom imma wkoll akkwist għall-Għaqda Mużikali rispettiva tagħhom! U jekk dawn il-kwalitajiet umani jkunu msieħba mill-fidi, tant l-aħjar għax il-fidi f'Alla tirrendi perfett dak li hu uman.

Investiment tajjeb fil-formazzjoni tal-membri tal-Każin tal-Banda jkun ifisser aktar disponibiltà biex tikkollaboraw kemm ma' Għaqdiet Mużikali oħra kif ukoll ma' entitajiet oħra. Jien konxju li bejnietkom il-Każini diġà tgħinu lil xulxin billi taqsmu ma' xulxin kemm ir-riżorsa mużikali kif ukoll dik umana! Nawguralkom li dan it-tisħib bejnietkom joktor; imma aktar ma jkun hemm nies ta' integrità fl-Għaqdiet tagħkom – u allura persuni li jimxu bir-raġuni u mhux bil-passjoni, persuni li jfittxu d-djalogu u mhux il-konfrontazzjoni, persuni li jgħożżu dak li jgħaqqad u mhux dak li jifred, – allura mhux biss hija garantita din is-solidarjetà fi ħdan l-istess Għaqda Mużikali u bejnietkom l-Għaqdiet, imma ukoll ma' oħrajn!

Dawn huma l-awguri tiegħi għalikom fl-okkażjoni ta' din il-festa ta' Santa Ċeċilja."

# *IL-MEWT U L-EVANĠELIZZAZZJONI*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech nhar l-Għid tal-Imwiet fil-Katidral ta' Għawdex – L-Erbgħa 2 ta' Novembru 2011**

Il-jum tat-2 ta' Novembru jfakkarna f'realtà importanti fil-ħajja tagħna l-bnedmin: il-mewt. Illum, aħna ġustament niftakru u nissufragaw bit-talb lill-għeżież tagħna li ħallewna; imma llum niftakru wkoll f'dan l-appuntament aħħari li kull wieħed u waħda minna għandna fl-istorja tagħna: il-mewt. Filwaqt li huwa xieraq ħafna li nżommu ħajja l-memorja ta' dawk li mietu, huwa importanti aktar li naraw kif ser ngħixu l-mewt tagħna. Huwa fatt li fil-kultura ta' żminijietna li tipprova tnissi dan il-mument daqshekk ċert, aktar minn qatt qabel il-bniedem faċli "jintilef" meta jieqaf jaħseb fuq dan it-tmiem! Hemm tentattivi mqansħin biex il-bniedem mingħalih inaqqas il-kruha tal-mewt. Quddiem l-isfida imminenti tal-mewt, hemm min ħoloq ritwali biex jibbannalizza l-ġrajja tal-mewt! Isiru wkoll proposti maħsuba biex il-bniedem b'xi mod jassigura li jibqa' mfakkar u għalhekk bħal speċi "jibqa' ħaj" fl-istorja! Imma aħna nafu li dan kollu, għalkemm jista' jtaffi id-daqqa iebsa tal-mewt, ma joffrix tweġiba sodisfaċenti.

Marta u Marija, meta miet ħuhom Lazzru, kellhom f'qalbhom u f'moħħhom domandi dwar il-mewt li fnewhom! Dawk l-istess mistoqsijiet itaqqlu lilna llum ukoll! Kull maħluq b'xi mod iħossu mxekkel b'domandi eżistenzjali li, sakemm ma jkollhomx tweġiba bis-sens, nibqgħu ma

nħossuniex ħielsa għax skjavi ta' dan id-destin!

Mgħobbija bit-toqol ta' dawn id-dubji serji, Marta u Marija resqu għandu Kristu, l-Iben t'Alla li sar bniedem, li kellu t-tweġiba: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fiha, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix, u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan ?" (Ġw 11,25). Ġesù mhux kliem sabiħ biss kellu; imma hu stess, wara li kien maqtul fuq is-salib u tqiegħed f'qabar ġdid, wara tlett ijiem qam mill-mewt! U lil dawk kollha li jemmnu fih tahom il-qawwa li jieħdu sehem minn din ir-rebħa fuq il-mewt. Lilna li nemmnu fi Kristu, din hija l-Bxara t-Tajba li ttemmilna l-biża' u l-inċertezza li ċertament tqanqal fina l-esperjenza tal-mewt – kemm il-mewt tal-għeżież tagħna u aktar u aktar il-mewt tagħna stess.

Imma kemm hawn bnedmin illum li quddiem il-misteru tal-mewt ser jibqgħu fid-dlam għax għadhom ma ltaqgħux ma' Kristu? Kemm għandna Nsara ħutna li minħabba l-għarfien limitat li għandhom ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu, fihom ħasra meta x'aktarx qed jgħixu biex imutu, u ser imutu biex jgħixu! Quddiem din ir-realtà, inħoss li din it-tifkira tal-mejtin kollha għandha tistimulana biex immiddu għonqna għal dik li l-Papa Benedittu XVI qiegħed kontinwament jisħaq fuqha: l-evanġelizzazzjoni ġdida! Inkunu nonqsu lejn Kristu u lejn il-bniedem jekk nitgħażżnu u ma nxandrux l-Evanġelju tal-ħajja lis-soċjetà ta' żmienna. Dan ngħidu lilkom, għeżież saċerdoti miġburin miegħi f'numru sabiħ għal din l-Ewkaristija; imma ntennih lill-komunità Nisranija kollha kemm hi! F'idejna għandna l-Evanġelju li huwa ċ-ċavetta li biha l-bniedem jista jiftaħ għadd ta' katnazzi li qed jissiġillaw il-bieb li jiftaħ fuq il-ħajja ta' dejjem. Inħeġġiġkom biex tkomplu tnižžlu l-għeruq tagħkom fi Kristu ħalli mbagħad ikollkom il-qawwa li toffru lill-oħrajn dan id-dawl tal-fidi li jkeċċi d-dlamijiet tal-mewt.

Din il-Bxara t-Tajba neħtieġuha kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell kollettiv. Għax is-soċjetà kollha tista' ssib ruħha kkundizjonata mill-waħx tal-mewt, u r-riħa tal-mewt tnitten l-arja ta' madwarna! Għall-kuntrarju, meta s-soċjetà tilqa' l-Bxara t-Tajba ta' Kristu hija taf torganizza lilha nnifisha b'mod li kollox jiċċelebra l-ħajja!

# *BEWSA QADDISA LILL-AĦWA*

## Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt quddiesa għas-saċerdoti mejtin fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex – Is-Sibt 5 ta' Novembru 2011

*Dalgħodu ltqajna għadd sabiħ ta' saċerdoti (madwar 45) fil-Katidral biex offrejna s-sagrifiċċju tal-quddiesa b'suffraġju tas-saċerdoti mejtin; partikularment ftakarna f'dawk is-saċerdoti li mietu matul din is-sena – kienu disgħa, u magħhom fakkarna lill-Isqof Nikol Cauchi, li fil-15 ta' dax-xahar jagħlaq sena mill-mewt tiegħu.*

Fir-riflessjoni tiegħu mas-saċerdoti preżenti, l-Isqof Mario Grech qal li "kif fl-Ittra lir-Rumani San Pawl jiftakar u jsellem lil dawk li kienu tħabtu u ħadmu fil-qrib miegħu, hekk illum il-presbiterju djoċesan iltaqa' biex isellem lil dawk li għal ħafna snin ħdimna fi Kristu flimkien u llum ma għadhomx magħna! Għalina l-Ewkaristija hija l-'bewsa qaddisa' li biha Pawlu jsellem lill-aħwa: bl-applikazzjoni tal-merti tas-sagrifiċċju tal-quddiesa b'suffraġju għalihom, aħna qed nuru r-rikonoxxenza tagħna lejhom! Kemm nixtieq li dalgħodu konna aktar saċerdoti nikkonċelebraw! Huwa dmir ukoll tal-lajċi li jitolbu għas-saċerdoti mejtin.

Fl-Evanġelju (Lq 16:9-15) Ġesù jwiddeb lill-Fariżej: 'Intom dawk li tagħmluha ta' nies sewwa f'għajnejn il-bnedmin. Imma Alla qalbkom jafha'. Fi kliem ieħor, Ġesù jappella għall-ħajja interjuri! Kif il-ġisem bla ruħ huwa katavru, hekk ukoll jixxejjen il-bniedem li minn barra jidher sewwa, imma mbagħad ikun nieqes mill-ħajja tal-ispirtu jew mill-grazzja! In-Nisrani, u aktar u aktar is-saċerdot, għandu jistinka biex jgħix fil-grazzja t'Alla.

Kif jikteb San Ġwann fil-prologu tal-Evanġelju tiegħu, mill-milja ta' Kristu aħna ħadna grazzja fuq grazzja! Għalhekk is-saċerdot ma jistax ma jkunx imsaħħar wara Kristu! Qalbu trid tħeġġeġ għalih u jfittex li jikber fix-xebh miegħu. Minn dan in-namur ma' Kristu u l-ħajja tal-grazzja tiddependi l-ħeġġa pastorali tagħna. Is-saċerdot ma jistax ikollu passjoni vera lejn il-bniedem (aspett pastorali) jekk ma jkunx appassjonat għal Kristu!

Biex tkun imħarsa din l-intimità ma' Kristu, is-saċerdot ikollu għal qalbu l-ħajja axxetika, partikularment billi jipprattika r-rażna u jfittex mumenti ta' talb, speċjalment quddiem Ġesù Ewkaristija. Fil-preżenza tiegħu biss nistgħu naċċertaw ruħna li ser nimtlew bih. Hekk biss is-saċerdot ikun jista' jżomm 'il bogħod mid-dnub u jikber fil-grazzja. Dan kollu jkollu rifless fl-impenn pastorali.

Niftakru li llum fakkarna lil dawk is-saċerdoti li ħallewna matul din is-sena. Xi darba fil-lista tal-mejtin għad jaqraw isimna wkoll! Għax għad jasal il-jum meta aħna wkoll irridu nidhru quddiem Alla u lilu rridu nagħtu rendikont ta' kemm għexna l-vokazzjoni saċerdotali tagħna u wettaqna l-mandat tagħna bil-fedeltà."

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.

Ewropej jew tidħol fil-'blogs' u tinduna li dan hu problema 'storiku' u mhux taċ-ċajt. L-inserizzjoni ta' qtajja ta' nies b'ideat, kultura u reliġjon differenti dejjem ikkawżaw terremoti fis-soċjetà. Dawn in-nies, u mhux tort tagħhom, isibu l-kenn tagħhom f'illi jitgeddsu ma' xulxin, ma jitħalltux u joħolqu '*ghettoes*' soċjali. Din hi sfida kbira.

### *Ir-riskju t'Alla u tan-Nisrani*

Forsi m'aħniex nindunaw li din l-isfida qegħda tittestja l-maturità tal-Fidi tagħna u għandna ħafna testijiet bħalissa! Il-Mulej qed jibgħat, test wara l-ieħor! In-Nisrani m'għandux minn xhiex jibża'. Qatt. Min sab l-Imħabba jaf li l-Imħabba tkeċċi l-biża' 'l barra, jgħid S. Gwann b'mod meraviljuż fl-ewwel ittra tiegħu. Min għadu jibża' mill-futur, minn dak li jista' jiġri, għad m'għandux fiduċja, ma jsibx kenn f'Dak li hu Sid l-Istorja u għalhekk l-Imħabba għadha ma laħqitx il-perfezzjoni fih. Din hi r-raġuni tal-ottimiżmu Nisrani: li Alla ta lil Ibnu l-Waħdieni u meta tana lil Ibnu x'hemm li ma jistax jagħtina? Għalhekk, fil-fond il-fond, kull idea, kull reazzjoni, kull viżjoni tal-ħajja, dawn kollha jiddependu mill-qies tal-maturità ta' Fidi li għandna.

**Wieħed jista', u bir-raġun, jgħid: f'din il-kwistjoni tal-assimilazzjoni ta' razez differenti fis-soċjetà Maltija hemm riskju. Veru. Imma x'inhi l-ħajja mingħajr riskji? U meta Alla ħalaq il-bniedem u tah il-libertà li jiddeċiedi hu x'jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, ma kienx qiegħed jirriskja bil-kbir? Mhux qed jirriskja Alla llum stess fl-istorja ndividwali ta' kull wieħed minna għax malajr jisbaħ jum iswed fejn nibagħtuh jixxejjer u nagħmlu l-għażliet tagħna kif jidhrilna? Mhux riskju dan? U għaliex jirriskja tant Alla, jirriskja li jitlifna? Għax Alla hu Mħabba u l-Imħabba tirriskja l-ħin kollu għax tafda, temmen, tittama, tagħder, tiskuża, ma tagħdabx, ma tiġġudikax.**

Jekk tassew għandna din l-esperjenza ta' Mħabba, aħna wkoll, bħal Alla, se nirriskjaw u fejn hemm ir-riskju jidher il-frott. Dan jgħidulek kull '*businessman*'. Quddiem l-Iskrittura li tgħid li Kristu jbati ma' min hu batut, iħossu waħdu ma' min hu emarġinat, u mħallas bil-ħabbiet ma' min jaqla' inqas mill-'*minimum wage*', kif nistgħu ma nissieħbux m'Alla fir-riskju tiegħu? Għalhekk huwa ċar li n-Nisrani hu msejjaħ biex jagħder, jgħin u jiddefendi lis-suwed, bojod, Ċiniżi, huma min huma u quddiem din is-sejħa t'Alla m'għandu jżomm xejn bħala 'tiegħu'. Min irċieva l-għana tal-għarfien tal-Imħabba ta' Kristu m'għandux għalfejn jiddefendi ruħu tant u allaħares min jidħollu fl-għalqa. Dan ma jkunx spirtu Nisrani.

### *Hemm vojt ta' għajnuna*

Il-Knisja għandha storja ta' Promozzjoni Umana. Elfejn sena ta' Promozzjoni Umana. Aħna rċivejna din it-tradizzjoni minn ta' qabilna. U jien ċert li aħna se ngħadduha lil ta' warajna. Iżda ninnota vojt ta' għajnuna għal dawn ħutna li waslu fostna fost tant tiġrib. Naf li hemm min, fuq livell individwali, li qed jagħmel ħafna. Hawn qlub ġenerużi li malli jaraw it-tbatija ta' dawn l-immigranti qed jipprovdulhom, almenu l-bżonnijiet bażiċi. Biss huwa ċar li qegħdin isibuha bi tqila jinserixxu ruħhom fis-soċjetà tagħna. Qed jgħixu s-solitudni tal-emarġinazzjoni u l-preġudizzji. Irridu nsibu spirtu ta' ħniena li jgħinna jiddispjaċina narawhom mhedda mill-ambjent. Hemm bżonn jinħoloq pont ta' komunikazzjoni. Nistgħu nibdew, almenu, minn dawk li huma Nsara u noħolqu xi tip ta' għajnuna, faraġ pastorali. Xi wħud minnhom li huma Nsara Kopti jmorru nhar ta' Ħadd Malta biex jiċċelebraw l-Ewkaristija bir-rit tagħhom. Ma nafx jekk hemmx Kattoliċi fosthom. Hemm ħafna mistoqsijiet li ma nafux ir-risposta tagħhom għax komunikazzjoni qajla teżisti.

**Ma jistax ikun li ħajjithom tkun daqshekk fqira li tikkonsisti biss f'xogħol (iebes) u lura lejn il-flet għal-lejl. Il-parroċċi għandhom ikunu '*pro-active*' u jfittxu n-nagħġa l-mitlufa u jaraw kif jagħmluha iktar faċli għal min irid jidħol anke fil-ħajja parrokkjali. Din tkun rebħa kbira. Rebħa ikbar tkun li għada pitgħada naraw anke minn dawn iż-żgħażagħ jagħmlu parti iktar intima mill-parroċċa billi jsibu ruħhom f'xi komunità minn dawk li qed jinbtu bħalissa. Ma ninsewx: dawn huma nies li għandhom ħafna bżonn imħabba, rispett, ospitalità, u ħbiberija. Jien nemmen li l-Knisja biss tista' u għandha l-Ispirtu biex tagħtihom dak li tassew għandhom bżonn.**

Dan kollu, lili personalment qanqalni biex quddiem il-Vanġelu li semmejt fil-bidu, nagħmel mistoqsija serja: Jien fejn se nsib ruħi... ma' tal-lemin jew ma' tax-xellug?

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Meditazzjoni Biblika

# Alla l-Iben niżel fostna... il-"Logos" li saret "Bambin" biex ikollha wiċċ il-bnedmin!



kitba ta' MONS LAWRENZ SCIBERRAS

**Meta wieħed jitkellem mill-ġrajja tal-Milied, dritt jgħaddi minn moħħ l-individwu t-twelid tat-Tieni Persuna li fil-milja taż-żmien saret bniedem (Gal 4,4). Ma dan jgħaddi wkoll minn moħħna l-ħsibijiet l-oħra tal-inħawi ta' Betlehem flimkien ma' dawk tar-rgħajja ta' Bet Sahur u l-Maġi mgħobbijin żjut u fwejjaħ ġejjin minn Petra. Dan kollu qiegħed fl-ambjent naturali tiegħu.**

Peò aktarx li wieħed qatt ma ħaseb li din il-ġrajja tat-twelid diġà kienet prefigurata sa mit-Testment il-Qadim, żmien li ħejja bil-kbir għal dak li ġara fil-Ġdid Testment. Ħalli naraw kemm dan huwa veru.

### *L-inżul ta' Alla*

Il-Kelma t'Alla dejjem sabiex tkun tista' tkellem u tfiehem lin-nies li għad jaqraw u jisimgħu din il-Kelma, dwar l-indħil ta' Alla fid-dinja, hija tagħmel użu mill-verb "tinsel". Mhux ħsieb purament tal-ispazju. Ir-Rabbin iżommu disa' "nżul" tal-**"glorja"** ***Shekinah*"** t'Alla fid-dinja. Dawn huma:

(a) L-ewwel inżul huwa dak li ġara fil-ġnien tal-Għeden, kif hemm miktub: "U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja' fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum" (Ġen 3,8).

(b) It-tieni waħda sseħħ waqt il-bini tat-Torri ta' Babel: "U l-Mulej *niżel* jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin (Ġen 11,5).

(c) It-tielet waħda tiġri fil-belt ta' Sodoma: "U issa se *ninżel* u nara jekk għamlux għal kollox skont l-għajta tagħhom li waslet għandi. " (Ġen 18,21).

(d)Ir-raba nżul issa jiġri fl-art tal-Eġittu, mela art il-jasar. "Issa *nżilt* biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani" (Eż 3,8).



(e) Inżul ieħor tal-glorja tiġri fuq il-muntanja Sinaj: "U niżel il-Mulej fuq il-quċċata tal-muntanja Sinaj (Eż 19,20).

(f) Is-sitt waħda tiġri fuq il-Baħar l-Aħmar: "Feraq is-smewwiet u *niżel*" (2 Sam 22,10).

(g) Okkażjoni oħra qiegħed f'relazzjoni mal-leġiżlatur Mose: " Il-Muej *niżel* fi sħaba jkellem lil Mosè" (Num 11,25).

(h) It-tmien okkażjoni hija marbuta mat-Tempju ta' Ġerusalemm: "Dan il-bieb jibqa' magħluq: m'għandux jinfetaħ, u ħadd m'għandu jgħaddi minnu, għax il-Mulej Alla ta' Iżrael, *għadda* minnu" (Eżek 44,2).

(i) Fl-aħħar hemm waħda li għandha quddiemha il-ħsieb għal-futur: "U jieqfu riġlejh dakinhar fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ li hi biswit Ġerusalemm" (Żak 14,4).

### *Mill-figura għar-realtà.*

Issa aħna nafu li Alla huwa infinit; mela dan meta sa mill-eternita ddeċieda li jieħu fuqu ħwejjeġ umani, kellu jilbes l-umanità tagħna stess. Il-Kelma *Logos*, dik li fil-ħolqien kienet mal-Missier kellha tiċċekken u titjassar waħda sew. Fil-ktieb tal-Għerf naqraw hekk: "Waqt li ħemda ta' kwiet kienet taħkem fuq kollox, u l-lejl kien jaqbeż nofs il-mixja tiegħu, i-kelma setgħana tiegħek mit-tron tas-Sultan tas-Sema niżlet bħal ġellied qalil, f'nofs dik l-art misħuta" (Għerf 18,14-15). Dan il-kliem issa jkompli jfisser u jwessa l-ħsieb divin tat-twelid, meta l-Kelma t'Alla issa saret laħam, *sarks*; ifisser li libset il-kundizzjonijiet li għalihom għandu joqgħod kull bniedem fid-dinja. L-ewwel fost il-missirijiet tal-Knisja tal-Orjent kien l-għaref Oriġene. Dan għallem u fisser ħafna l-espressjoni dwar il-*verbum abbreviatum, ho logos pachynetai* jiġifieri **l-Kelma ġiet imqassra, iċċekknet** bil-kbir, libset l-ilbies tal-bniedem u tkellmet bl-istess kliem u espressjonijiet ta' dan il-poplu u ta' dak iż-żmien partikulari. (*Verbum Domini. 11*). Hekk biss dan il-*logos* seta' jinftiehem mill-bnedmin ta' żmienu.



Interessanti ħafna kif l-awtur tal-ittra lil-Lhud jiftaħ din l-omelija twila tiegħu preċiżament b'dan il-ħsieb hekk għoli daqskemm reali. **"Alla li fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien huwa kellimna permezz ta' Ibnu. Li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien"** (Lhud 1,1-2). Naturalment il-Lhud li lilhom l-awtur indirizza din l-ittra dritt fehmu x'ried u fejn irid jasal il-kittieb sagru.

Dan għaliex il-pedagoġija t'Alla baqgħet dejjem l-istess, kemm matul iż-żmien tat-Testment il-Qadim kif ukoll matul iż-żmien tal-Ġdid. Kien hemm żmien meta Alla tkellem permezz kemm tat-*Torah* u wara permezz tal-profeti. Iżda dan kien għadu kollu kemm hu nieqes, imperfett. Għalhekk imbagħad kien hemm il-ħtieġa li Ibnu jinkarna biex b'mod l-aktar perfett ikompli d-djalogu li nbeda fil-qedem. Missirijiet il-Knisja jgħallmu li fl-Inkarnazzjoni ta' Kristu, din it-teoloġija tal-kondixxendenza issib il-klajmaks, quċċata tagħha.

### *Is-Sinodu tal-isqfijiet*

F'Ottubru tas-sena 2008 sar is-sinodu tal-Isqfijiet fejn ġiet diskussa "Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u fil-Missjoni tal-Knisja". L-Eżortazzjoni Appostolika "*Verbum Domini*" ħarġet nhar it-30 ta' Ottubru 2010. Issa fin-numru 11 – 13 hemm paragrafi li jitkellmu mill-Kristoloġija tal-Kelma, fejn il-**Kelma Divina esprimiet lilha nfisha fi kliem tal-bnedmin**.

Din l-eżortazzjoni tkompli turi hekk dwar l-Inkarnazzjoni tal-Iben: "L-Iben stess li huwa il-Kelma, huwa il-*Logos*: Il-Kelma eterna li saret tassew ċkejkna – hekk ċkejkna li qagħdet ġo maxtura. **Il-Kelma saret Bambin sabiex hekk wieħed jista' jħaddan din il-Kelma. Issa wieħed mhux biss jista jisma' din il-Kelma, mhux biss għandha leħen, imma issa din il-Kelma għandha wiċċ, tant li nistgħu narawh – Ġesù ta' Nazaret".** (V.D. 2).

Dan mela jfisser li Ġesù wera u għadu juri li huwa "il-Kelma divina li jingħata għalina kull darba li naqraw u naħsbu fil-fond dwar din il-Kelma ħajja". Imma dan Ġesù huwa wkoll Adam il-ġdid, il-bniedem veru, dak li kompla f'kull waqt mhux le il-volontà tiegħu, imma din ta' Missieru. "U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin". (Lq 2,52).

Santu Wistin meta jaħseb fl-Inkarnazzjoni tat-Tieni persuna jikkummenta hekk: "Alla li ħalaq il-bniedem, issa huwa stess sar bniedem **sabiex din l-opra tiegħu ma tispiċċax u ma tintilifx**. Mingħajr l-Inkarnazzjoni din l-opra ta' Alla kienet tkun nieqsa u mhux kompluta. Il-Verb sar laħam, billi ħa dak li ma kellhiex qabel, mingħajr però ma tilef xejn minn dak li kienet qabel", jiġifieri d-divinità. Issa din id-dehra ta' Iben Alla fostna ma għadhiex bħal fl-Antik Testment taħt xi sinjal, jew simbolu, imma tassew u verament dehret bħalna bnedmin.

**Preċiżament hawn qiegħed il-misteru tal-inkarnazzjoni li fit-tarbija mċekkna ta' Betlehem hemm iva l-umanità imma xejn anqas id-divinità. Kemm jikkonkudi tajjeb l-evanġelista Ġwanni meta jikteb: "U l-Verb - *logos* – sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħal Ibnu l-waħdieni" (Ġw 1,14).**

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE Travel Services LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

*Ftit fatti u kummenti*

# Minn Distrett Elettorali għal Gżira Reġjun



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Jeżisti kunsensus bejn il-partiti ewlenin li Għawdex għandu jkun meqjus bħala reġjun għalih differenti minn Malta għalkemm jagħmel parti mill-Gżejjer Maltin. L-istatus ta' reġjun ingħata lil Għawdex ukoll mill-Unjoni Ewropea meta sirna membri sħaħ fil-2004, imma sfortunatament l-UE tirrikonoxxina reġjun għall-finijiet ta' statistika biss.**

Din ix-xewqa li Għawdex ikun meqjus bħala "reġjun ġeografiku speċifiku" bi bżonnijiet speċifiċi hija realta` li ilha teżisti minn dejjem. Din hija ħaġa naturali peress li ġeografikament Għawdex huwa gżira għalih u fiżikament dan il-fatt ġeografiku jagħmel lil Għawdex post maqtugħ għalih u bil-karatteristiċi uniċi tiegħu. Dan l-iżolament ġeografiku wassal biex mal-medda tas-snin l-abitanti ta' din il-gżira tgħallmu jfendu għal rashom u għalkemm dipendenti minn Malta ħolqu ċerta identita` li ħadd ma jista' jinnegaha. Trid tkun Għawdxi biex tifhem id-diffikultajiet li aħna l-Għawdxin ikollna fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Il-partiti politiċi wkoll jirrikonoxxu l-fatt li Għawdex għandu ħtiġijiet partikulari. Mil-lat amministrattiv l-idea ta' Għawdex bħala reġjun kellha l-bidu tagħha permezz tal-Ordinanza tal-1961 li waqqfet il-Kunsill Ċiviku għal Għawdex li kien l-ewwel forma ta amministrazzjoni reġjonali f'Għawdex fiż-żminijiet moderni. Għax wieħed irid jiftakar li waqt l-Imblokk tal-Franċiżi, bejn it-28 ta' Ottubru1798 u l-5 ta' Settembru 1800, Għawdex ukoll kien gżira-reġjun awtonomu, anzi nazzjon għalih! L-ewwel kap tiegħu kien l-Arċipriet Saver Cassar. Fi żminijiet iktar reċenti, il-Kunsill Ċiviku li għamel ħafna ġid għal Għawdex, baqa' jeżisti sal-1973 u eżatt 20 sena wara, fl-1993, il-Gvern Nazzjonalista waqqaf l-ewwel Kunsilli Lokali bħala forma moderna ta' gvern lokali.



Imbagħad fl-1996 il-Partit Laburista fil-manifest elettorali tiegħu kien wiegħed li Għawdex ikun immexxi minn *Kunsill Reġjonali* magħmul mid-Deputati kollha Għawdxin, minn rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali kollha, minn Segretarju Parlamentari għal Għawdex u mill-Prim Ministru, li kellu r-responsabbilta` ta' Għawdex direttament taħtu. Sfortunatament fit-tmintax-il xahar ta' tmexxija Laburista din il-wegħda kienet għadha ma twettqitx.

Min-naħa l-oħra l-Partit Nazzjonalista l-importanza ta' Għawdex fissirha billi waqqaf il-*Ministeru għal Għawdex*, fejn Għawdex kellu persuna li kienet direttament tirrappreżentah fil-Kabinett. Taqbel u ma taqbilx dan kien ta' vantaġġ kbir għal Għawdex. Matul is-snin il-Ministeru għal Għawdex xpruna diversi proġetti utli għal Għawdex.

Meta Malta ssieħbet mal-Unjoni Ewropea fl-2004, Għawdex minħabba l-insularita` doppja li għandu u allura l-iżvantaġġ li għandu, beda jirċievi fondi strutturali speċjali mill-Unjoni Ewropea, imma mhux għax huwa reġjun speċifiku skont l-objettivi tal-UE, jiġifieri dik is-sistema tan-NUTS (*Nomenclature of Territorial Units for Statistics*), li permezz tagħha l-pajjiżi kollha msieħba mal-UE jinqasmu f'territorji. Skont il-kriterji ta' din is-sistema jingħataw fondi speċifiċi lil kull reġjun. Għawdex għadu ma jikkwalifikax għal dawn il-fondi għax għadu mhux reġjun! Minnaħa l-oħra hemm il-biża li Malta ma tibqax iktar tikkwalifika biex tkun taħt l-*Objective 1* tan-NUTS u għalhekk jitnaqsulha dawk il-fondi li s'issa kienet tieħu. Għalhekk importanti li l-Gvern Malti mill-aktar fis jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tistudja l-qagħda t'Għawdex biex tkun meqjusa bħala reġjun u Għawdex jibda jgawdi direttament minn fondi Ewropej.

Bħalissa hija responsabbilta` tal-gvern li jara li Malta takkwista l-ikbar ammont ta' fondi possibbli u bir-raġun jalloka persentaġġ minnhom għal Għawdex. Minnaħa tagħna hija r-responsabbilta` tagħna li ngħarrxu għal fondi oħrajn li wieħed jista' jġib mill-EU. Sa hawn kollox sew u l-affarijiet qed jimxu, imma issa rridu nagħmlu pass 'il quddiem biex l-Ewropa tirrikonoxxi lil Għawdex bħala gżira reġjun ta' veru! Hekk il-kunċett ta' reġjonalita` jilħaq il-milja kollha tiegħu u t-tifsira vera tiegħu bogħod mill-politika partiġjana, imma fuq bażi nazzjonali u internazzjoanli.

Il-gvern għadu ma ddeċidiex b'mod finali dwar il-Pjan Nazzjonali ta' Żvilupp tant li Għawdex għadu jrid ikun definit jekk hux ser jiġi ppreżentat bħala żona ta' żvilupp turistiku jew l-għażla l-oħra bħala żona jew "reġjun ġeografiku speċifiku" b'art agrikola u potenzjal agrikolu. 20% tal-art f'Għawdex hija agrikola u iktar minn 9% tal-popolazzjoni taħdem f'dan is-settur. Il-kunċett ta' eko-Għawdex iktar joqrob lejn it-tieni għażla u għalhekk l-aspetti rurali tal-gżira tagħna mhux talli għandhom jiġu mħarsa iżda jingħataw importanza massima u aċċenn akbar bħala tali fil-Pjan Nazzjonali tal-iŻvilupp.

Dan ma jfissirx li rridu nibqgħu naħartu l-għelieqi tagħna bil-bhima u nużaw metodi u sistemi antiki, imma pjuttost nużaw it-teknoloġija u x-xjenza biex f'dan il-qasam inkunu innovattivi u moderni biex niksbu l-aħjar riżultati. B'hekk inkunu nilħqu l-objettivi ta' żvilupp u tkabbir ekonomiku skont l-istess objettivi għar-reġjuni (2020) tal-UE. Għalhekk il-mod kif il-Kummissjoni tal-EU tħares lejn Għawdex jiddependi kif aħna jew aħjar kif il-gvern Malti ser jipproġetta lill-pajjiżna quddiem din il-Kummissjoni.

F'Għawdex l-iżvilupp fil-qasam tat-turiżmu għandu jkun wieħed ta' titjib fil-prodott u mhux ta' bini ta' iktar lukandi. Għandna bżonn ta' inizjattivi ġodda biex ix-xogħol f'dan is-settur ikun mifrux matul is-sena kollha u mhux fl-erba' xhur tas-sajf. Ħafna individwi li jaħdmu f'dan il-qasam huma tal-fehma li dan il-qasam f'Għawdex għadu jiddependi żżejjed mit-turiżmu intern jew aħjar mill-eluf ta' Maltin li jagħżlu lil Għawdex bħala post ta' btala kemm fil-*weekends* u kemm fix-xhur tas-sajf. L-idea li reġgħet issemmiet ta' mina taħt il baħar tista' tkabbar il kummerċ bejn il-gżejjer u l-ekonomija ta' Għawdex tiġi 'l quddiem imma, din tmur kontra l-idea li qed insemmu ta' reġjun agrikolu u żvilupp f'dan il-qasam. Sfortunatament meta nitkellmu fuq żvilupp u pjanijiet futuri għadna ma nafux x'irridu.

**Il-kwistjoni ta' Għawdex bħala reġjun ma għandhiex tkun biss għall-finijiet ta' statistika u għalhekk hemm min igħid li dan huwa biss eżerċizzju ta' fuq il-karta imma għandhom jittieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex dan ikun attwat fil-prattika għall-finijiet amministrattivi. Min-naħa l-oħra fejn tidħol l-UE għandna nagħmlu pass 'l quddiem billi l-istatus ta' reġjun l-ewwel ikun rifless fil-pjanijiet nazzjonali li jitfasslu billi niddeċiedu liema triq għandna nieħdu biex imbagħad l-UE tikkonsidra t-talba tagħna u nkunu veru gżira reġjun fi ħdan l-UE u nikkwalifikaw għall-fondi għalina u mhux bħala parti minn Malta.**


Imperial Eagle

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.




Contact: Joseph Spiteri
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.

• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*Ix-Xhieda Qawwija ta' Shahbaz Bhatti, Politiku Kattoliku fil-Pakistan*

# KRISTU SINJAL LI JMERUH... J

## 1 KRISTU HUWA PERSUNAĠĠ SKOMDU

Ma tistax tibqa' newtrali quddiemu

**Quddiem il-preżenza ta' Kristu, il-bnedmin jridu jagħmlu reazzjoni :**

- **Jew taċċettah**
- **Inkella tirrifjutah**

Bħax-xemx: jew tagħtiha wiċċek, inkella tagħtiha dahrek.

Propju għax Kristu huwa s-Salvatur, ġie biex ibati.

Trabi oħra jitwieldu biex jgħixu;

Kristu hu l-uniku tarbija li ġiet propju biex tmut, jgħid Fulton Sheen.

- Il-**Maxtura** u s-**Salib** huma ż-żewġt itruf ta' ħajtu fuq l-art.
- Minn **Betlem** sal-**Kalvarju**, Kristu kien
  **l-aktar maħbub u**
  **l-aktar imżeblaħ**
- **Hekk kien; u hekk għadu.**

Quddiem Kristu, l-Emmanueli, "Alla magħna" **tlieta huma r-reazzjonijiet** tagħna l-bnedmin:

- Mibegħda – bħal Erodi
- Indifferenza – bħan-nies tal-lukanda li ma laqgħuhx
- Imħabba – bħar-rgħajja, il-Maġi, u tant u tant oħrajn li matul iż-żmien għarfuh, adorawh u ċarċru demmhom għalih.



## 2 MUDELL TA' NISRANI AWTENTIKU

**Mudell eloqwenti ta' din l-imħabba lejn Kristu huwa SHAHBAZ BHATTI, Ministru Kattoliku fil-Parlament tal-Pakistan, difensur tad-drittijiet tal-insara.**

**Dan il-Kattoliku awtentiku ġie assassinat fit-2 ta' Marzu 2011, maqtul b'25 tir.**

**Dawn huma l-isbaħ kliem li ħarġu minn fomm Shahbaz Bhatti :**

- **"Ġesù huwa l-qofol ta' ħajti."**
- **"Sakemm indum ħaj, irrid nibqa' naqdi lil Ġesù."**
- **"Jiena nemmen f'Ġesù Kristu li ta ħajtu għalija."**
- **"Irrid ngħix għal Kristu u għal Kristu rrid immut."**
- **"Ma rridx popolarità; irrid biss post f'riġlejn Kristu."**

## 3 MINN KLIEMU STESS

*"Ġesù huwa l-qofol ta' Ħajti."*

- "Jien nixtieq li nkun dixxiplu veru li nimxi warajH permezz ta' għemili, billi naqsam l-imħabba t'Alla mal-foqra u man-nies batuti tal-Pakistan."

*"Jiena nemmen f'Ġesù Kristu li ta ħajtu għalija."*

- "Jien naf x'ifisser s-salib u jien lest li nimxi wara Kristu sas-salib."
- **"Jien lest li mmut għal din il-kawża : jien qed ngħix għall-komunità tiegħi (nisranija) u lest li mmut biex niddefendi d-drittijiet tagħhom."**

*(minn video li kien irrikordja qabel mewtu biex jintwera fuq il-BBC u Al Jazeera f'kas li jiġi assassinat)*

## 4 MILL-PINNA TIEGĦU

Siltiet mill-ktieb, ***'Christians in Pakistan or Where Hope Is Tested,'*** Shahbaz jistqarr hekk :

- Sakemm nibqa' ħaj, sa l-aħħar nifs ta' ħajti, irrid nibqa' naqdi lil Ġesù, naqdi lill-bnedmin foqra u li qed ibatu; lill-insara fil-bżonn u foqra."
- **Irrid nistqarr li jiena nħossni ispirat mill-Iskrittura u mill-ħajja ta' Ġesù Kristu.**
- Meta nilmaħ li Ġesù ssagrifika kollox sabiex jifdina u jsalvana, nistaqsi lili nnifsi : "Jien kif nista'nimxi fit-triq tal-Kalvarju?'

# *EW TĦOBBU JEW TOBOGĦDU!*



- Il-Mulej jgħid ; "Ejjew għandi; Erfgħu salibkom u imxu warajja."
- L-aktar versi li nħobb naqra fil-Bibbja huma dawn: "Ġejt inżurkom meta kontu bil-ġuħ, bil-għatx u fil-ħabs."
- **Għalhekk meta nara nies foqra, naħseb li Ġesù stess ġie għandi.**
- **Għalhekk jien dejjem nipprova ngħin, flimkien mal-insara sħabi, lil dawk li huma fil-bżonn lil dawk bil-ġuħ u bil-għatx.**

## 5 IT-TESTMENT STRAORDINARJU TA' SHAHBAZ BHATTI

Xi siltiet :

Jisimni Shahbaz Bhatti. Twelidt ġo familja Kattolika. Missieri u ommi edukawni skont il-valuri nsara.

L-imħabba ta' Ġesù qanqlitni biex noffri s-servizzi tiegħi lill-Knisja.

**Jiena ħsibt biex inpatti dik l-imħabba ta' Ġesù billi noffri imħabbti u nkun ta' servizz għall-insara tal-Pakistan speċjalment għal dawk l-aktar foqra, l-aktar fil-bżonn, l-aktar ippersegwitati,,,**

Kien hemm min talabni biex nieqaf minn din it-tbatija. Iżda jien dejjem għedt "le" minkejja r-riskju għall-ħajti.

It-tweġiba tiegħi dejjem kienet l-istess waħda

- **Ma rridx popolarità**
- **Ma rridx pożizzjoni ta' poter**
- **Irrid biss post f'riġlejn Kristu**
- **Irrid biss li ħajti, il-karattru tiegħi u għemili jitkellmu għalija u jixhdu li jien QED NIMXI WARA ĠESÙ KRISTU.**
- **Din ix-xewqa tiegħi hi tant kbira li nqis li nkun ixxurtjat jekk xi darba ... Ġesù jogħġbu jaċċetta s-saġrifiċċju ta' ħajti.**

## 6 X'QALU FUQU

Il-Kardinal Jean-Luois Tauran, li kien President tal-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet, fl-omelija waqt il-quddiesa għar-ruħ Shahbaz Bhatti qal :

"Nirringrazzjaw lil Alla għal dan il-martri awtentiku.

Hu għażel

- lil Alla bħala Salvatur tiegħu
- lill-Knisja bħala Ommu
- lill-bnedmin bħala ħutu."

**Ix-xhieda ġenwina ta' Shahbaz Bhatti li miet għall-fidi tiegħu fi Kristu, għad twasslu għall-glorja tal-altari.**

**INT U JIEN... KEMM AĦNA LESTI LI MMUTU GĦALL-FIDI FI KRISTU?**

*Kif niftakar lill-Isqof Cauchi*

# L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi: Mexxej Spiritwali Kariżmatiku



*kitba ta'* **BENNIE MERCIECA**

Skont l-awtur magħruf P.W. Musgrave, "It-tmexxija hija l-arti li inti tqanqal lil xi ħaddiehor li jagħmel xi ħaġa li inti trid li ssir għax hu jkun ukoll jrid jagħmilha. It-tmexxija (leadership) hija l-proċess li torjenta u tidderiġi l-mod ta' mġiba ta' oħrajn lejn it-twettiq ta' għanijiet komuni. It-tmexxija hija l-arti li tinfluwenza lil ħaddiehor, li jagħmel affarijiet b'manjiera xierqa u ta' livell ogħla u dan bir-rieda ħielsa tiegħu."



Mill-esperjenza tiegħi ta' madwar tletin sena naħdem fil-qrib mal-mibki Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi, stajt ninduna mhux biss bil-kwalitajiet spiritwali u intellettwali tiegħu, imma wkoll bis-sens qawwi ta' 'leadership' li bih hu kien mogħni. Biex seta' jinseġ episkopat tant attiv u effettiv, kollu ħidma bla heda u inizjattivi pastorali skont kif mitlub mill-Konċilju Vatikan II u mill-eżiġenzi pastorali skont kif jitolbu ż-żminijiet, l-Isqof Cauchi ħaddem rwoli effettivi ta' tmexxija.

***1. Huwa kien viżjonarju, jaqra s-sinjali taż-żminijiet u kapaċi jqanqal u jimmotiva bl-eżempju tiegħu:***

- kien kapaċi joħloq viżjoni ispiratriċi u jaqsam valuri komuni biex jitħaddmu;
- kien kapaċi jmexxi proċess effettiv ta' bidla gradwali;
- juri t-triq bl-eżempju ċar tiegħu;
- juri kunfidenza u fiduċja fih innifsu u f'dak li kien jipproponi biex jitwettaq.

***2. Huwa kien kapaċi jinjetta enerġija u entużjażmu u fl-istess ħin jipprovdi l-mezzi għat-twettiq tal-għanijiet iffissati:***

Biex seta' jwettaq pjani sħaħ ta' inizjattivi pastorali ġodda u riformi organizzattivi u amministrattivi effettivi, huwa kellu, qabel xejn,

- jispira lil gruppi ta' nies li huwa għażel biex jgħinuh u jimlihom b'enerġija kostruttiva;
- jinvolvi kemm jista' persuni talentużi u joħloqilhom atmosfera u ambjent biex jaħdmu id f'id miegħu;
- jibni mod ta' komunikazzjoni miftuħa, li hu jkun mifhum kemm jista' jkun;
- kellu widnejn biex jisma' ħafna, jadatta attitudni li tissapportja u jassigura prontezza fl-għajnuna li tkun meħtieġa.

***3. Huwa għażel madwaru team li jmexxi u jgħin biex setgħu jitwettqu pjanijiet u inizjattivi pastorali, amministrattivi u organizzattiv:***

- kien jinvolvi u jiddelega billi juża 'team approach';
- bħal 'coach' tajjeb huwa kien jgħin biex dak li jkun joħroġ l-aħjar kwalitajiet li jkun mżejjen bihom;
- jinkoraġġixxi deċiżjonijiet fil-grupp u tal-grupp;
- filwaqt li jimmonitorja l-progress fi spirtu ta' evalwazzjoni kostruttiva u propożittiva.

Mela, fil-qosor, l-Isqof Cauchi, bħala mexxej tajjeb kellu viżjoni, kien iqanqal u jenerġizza lill-oħrajn billi juża kanali ta' komunikazzjoni effettiva, kien iqanqal bil-kariżma ispirattriċi tiegħu u jagħti sens ta' sigurtà bil-kompetenza indiskutibbli li kellu.

Bħala professur tas-Soċjoloġija u Xjenzi Naturali, huwa kien jaf tajjeb li t-tmexxija kienet tfisser li jinfluwenza lill-oħrajn biex jitwettqu inizjattivi u ħidmiet ta' livell u kwalità meħlusa minn kull medjokrità, u dan kollu kellu jseħħ fi klima ta' aċċettazzjoni volontarja u b'entużjażmu li jibni. Kien konxju li bħala element ta' interazzjoni soċjali, t-tmexxija hija attività komplessa li tinvolvi:

- proċess ta' influwenza ispiratriċi,
- kollaboraturi li jkunu mexxejja u dixxipli fl-istess ħin,
- firxa ta' riżultati proġettati u mmirati bħal: għanijiet li jridu jitwettqu, rieda sinċiera biex dawn l-għanijiet jitwettqu, t-twessigħ tal-koeżjoni tal-grupp u t-tisħiħ tas-sens ta' bidla b'kultura organizzattiva.

Inħossni konvint li l-Isqof Cauchi kellu fih l-attributi kollha ta' Mexxej li jiġbru fihom, iħaddnu u jinvolvu firxa ta' elementi u karatteristiċi fosthom, valuri, karattru, motivi, drawwiet, stil, mġiba, *skills* u *traits*. Hu stess kien konxju fuq dak li Mexxej effettiv u effiċjenti kellu jkun, kellu jkun jaf u kellu jagħmel. Bħala mexxej spiritwali awtentiku huwa kellu :

- jagħti direzzjoni billi jiffaċċja r-realtà tas-sitwazzjoni, jiffoka fuq il-futur waqt li jikkonsidra l-bidliet li kellu jagħmel bħala opportunitajiet.
- jistabbilixxi l-kwalitajiet tal-karattru personali tiegħu billi hu stess jgħix il-valuri u jkun ta' eżempju li jispira, jkollu u joħroġ '*self image*' pożittiva, waqt li juri integrità u fl-istess ħin ikun miftuħ biex ikompli jitgħallem.
- jibni ħiliet organizzattivi billi jaħseb għall-infrastruttura adekwata, ambjent pjaċevoli u għodda meħtieġa; jistimola u jagħti l-opportunità li jitħaddmu talenti diversi biex joħroġ u jintlaħaq riżultat mill-aktar pożittiv; jibni '*team spirit*' bħal kumitati, kunsilli, kummissjonijiet biex ikunu mutur għall-ħidmiet pastorali, amministrattivi u organizzattivi; jkun pront li jgħin biex jitwettqu bidliet u waqt li jintervjeni ma jxekkilx il-proċess ta' inizjattivi; jagħti importanza lil '*human resource system*' billi jkun kapaċi jattira, jindividwa, jistimola, jenerġizza u "jempowerja" mir-riżorsi umani kollha possibbli għad-dispożizzjoni.
- Jimmobilizza l-impenn individwali billi jentużjażma u jispira lil ħaddieħor, jassigura l-attenzjoni u l-interess meħtieġa, jaqsam u jiddelega deċiżjonijiet u awtorità, jibni relazzjonijiet ta' kollaborazzjoni kostruttiva, libera u inklussiva bla ma joqgħod lura li jaqsam xi ċajta jew jirrakkonta xi barzelletta li jgħinu biex tinżamm atmosfera rilassata, titnaqqas it-tensjoni waqt xi diskussjoni mqanqla u tittieħed waqfa ta'mistrieħ bla ma tintilef il-konċentrazzjoni.

Mhux ta' b'xejn li meta miet l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi, bosta kienu dawk li tkellmu dwaru u kitbu fuqu b'mod tassew tajjeb, elokwenti u konvinċenti.

Irrodd ħajr lil Alla li għoġbu jżejjen lid-Djoċesi Għawdxija b'mexxej spiritwali hekk kariżmatiku fil-persuna tal-Isqof Emeritus Mons. Nikol Ġ. Cauchi u li lili għoġbu jagħtini l-grazzja li naħdem hekk qrib tiegħu għal ħafna snin.



Magie de Beautè
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆
Irina Xerri
Beauty Therapist
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.
Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

PMC TOURS
FATIMA
FL-OKKAZJONI SPECJALI TA' L-EWWEL DEHRA
10 -15 ta' Mejju
Programmi: JPE TRAVEL-108 Triq S.Gwann
Valletta. T.21235772 - 21247016
Bookings qabel Frar jiehdu skont ta' €20

Peter's Butcher Shop
For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Erbgħin Parti )*

## *IS-SUQ FIL-BERAĦ (2)*

### *Il-Vetrina tas-Snajja' Tradizzjonali Għawdxin*

***Is-Suq tal-Bhejjem***

Maġenb il-knisja ta' Savina sewwa kien ikun hemm is-suq tal-annimali. Ngħaġ u mogħoż, ħrief u gidjien, fniek tad-dar u fniek tal-indi, u żwiemel, ħmir, bgħula, mohrien, fliewi, u xi debba. Kien ikun hemm għal-lest tal-karettuni biex iqabbillek wieħed jew jekk trid jaħdimlek karettun ġdid malli l-bhima tikber sewwa jekk tkun għadha ferħa.




Dik il-ħabta wkoll, minn żmien għal żmien, is-Servizzi Ingliżi kienu jbigħu b'lott kull xorta ta' rimisolji. Xi bejjiegħa Għawdxin kien jixtru dawn il-lottijiet, u meta jġibuhom Għawdex jifirxu l-imbarazz kollu li jkollhom fi Pjazza Savina u erħilhom in-nies kulħadd iqalleb u jfittex ħalli jara x'jista' jsib jogħġbu u jgħodd għalih, jew x'għandu bżonn. U tistkanta kif qalb dak l-imbarazz kollu wieħed jista' jiltaqa' ma' affarijiet li ħaddieħor neħħiehom, u n-nies tagħna sabu x'jagħmlu bihom.

***Is-Suq***

Fi Triq San Ġużepp, magħrufa bħala "s-Suq", il-Ġermaniż u Tal-Midliel kienu jbigħu wkoll il-legumi u żrieragħ oħra, fil-waqt li quddiemhom kien hemm ukoll xi ħwienet tal-ħelu b'kull xorta ta' pasti, kagħak, kejkijiet u suflejiet ta' l-istaġun. Meta wieħed kien igħaddi minn quddiem dawn il-ħwienet fi żmien il-Għid il-Kbir kien jilmaħ ukoll bosta figolli ta' kull għamla u sura, u fil-Milied ħafna kagħak tal-għasel, qlub, kejkijiet u suflejiet kollha bil-Bambin żgħir tax-xemgħa f'nofshom. Ma' dawn ma ninsewx il-ħwienet tax-xorb minfejn wieħed kien ikun jista' jixtri xi flixkun xorb.

Fi Triq San Ġużepp ma' Pjazza t-Tokk kien hemm ukoll ħanut li kien ibigħ is-salumerija: żebbuġ, tonn, salamun, sardin, ġobon ta' Sqallija u ta' Sardinja. Fi żmien il-makku dan kien jagħmel ukoll il-ftajjar tal-makku, fi żmien ir-Randan il-ftajjar tar-Randan u fix-xitwa kien jaqli l-mazzit. Dan kien ikollu kenur u fuqu taġen kbir biż-żejt jagħli u erħilu jaqli dawn il-ftajjar u l-mazzit. Dawn kienu jinbiegħu bil-ħbub.

Fit-tarf tat-triq mal-Pjazza tat-Tokk, kien hemm ukoll is-suq tal-ħut, fejn wieħed kien jisma' kull xorta ta' għajat u ta' ismijiet ta' ħut li l-bejjiegħa kien ikollhom għall-bejgħ:



ħut tal-parit, ħut tal-għażel, tal-konz u kannestri ta' kull daqs bil-ħut kollu tal-istaġun.

***Wara l-Banka u fit-Taraġ tal-Belt***

Jekk imbagħad, wieħed kien jitla' sa wara l-Banka tal-Ġurati fl-inħawi tat-Tokk, allura hemmhekk kien isib armati xi żewġ karettuni mgħobbija b'kull xorta ta' ħwejjeġ u drappijiet, l-aktar tan-nisa. Ma ninsewx hawn insemmu l-ħwienet tad-drappijiet ta' Ċikka ta' Prinu u ta' Pietru Pawl. Jekk fejn Vitor tal-Ħaxix, illum Tal-Bellusa, kien jarma tal-karawett, hekk ukoll wara l-Banka kienu jarmaw tal-karawett u tal-qastan. Wara l-Banka kien jarma wkoll Tal-Brieret bil-mutur bis-*side-car* li kien mix-Xagħra. U Vitor Sultana mill-Qala kien jieħu l-qisien u jbiegħ il-qrieq lill-bdiewa u rġiel oħra li kienu jinġabru hemm kull nhar ta' Ħadd.

Fit-Taraġ tal-Belt - l-aktar fil-ħarifa u fir-rebbiegħa - kien ikun hemm tal-għasafar ibigħu kull xorta ta' għasafar tal-għana, summien u gamiem. U fost in-nies kont tara xi tifel iġebbed 'il missieru biex jixtrilu xi ġojjin, xi gardell jew xi verdun. Dak iż-żmien ħadd ma kien iħares bl-ikrah lejn dawk li jbigħu għasafar bħal dawn. U għasafar kien hawn kemm trid. Fl-inħawi ta' Fejn Savina u tat-Tokk kien hemm ukoll xi ħwienet li jbigħu l-armi u l-munizzjon u kull xorta ta' apparat tal-kaċċa. U jekk il-kaċċatur ikollu kaċċata tajba, kien ibigħ ukoll il-kaċċa żejda li jaqbad jew joqtol f'dawn l-istess ħwienet, wieħed minnhom bil-purtiera oriġinali tal-iskartoċċi.

Kien hemm ħanut li kien ibigħ kull xorta ta' rkaptu tal-baħar bħal lenez, snanar, xibka, sufri, u anki tabakk tal-werqa. Issa ħdejn dan il-ħanut kien hemm, u għad hemm, ħanut fejn xi raħħala kienu jiġu jbigħu l-ħalib tal-mogħża; kienu jiġu b'xi żewġ mogħżiet ħdejn il-bibien tal-ħwienet tal-kafè biex min kien ikun irid jixtri l-ħalib dan kien jixtrih frisk maħlub dak il-ħin għax dak iż-żmien ħadd ma kien joħlom li jixtri l-ħalib tal-bott.

***Fl-Inħawi tat-Tokk***

Il-ħwienet tal-pitkali f'Għawdex kienu jinsabu fl-inħawi tat-Tokk u Fejn Savina. Imma dawn kienu jiftħu biss nhar ta' xogħol. Kien ikun hemm mitt ġid madwar il-ħanut, u akbar ma tkun l-abbundanza, inqas ikun il-prezz. Fl-istess inħawi kien hemm ukoll diversi ħwienet tal-ħaxix li kienu jiftħu wkoll nhar ta' xogħol.

Fl-inħawi tat-Tokk ukoll kien hemm xi żewġt iħwienet li jbigħu l-brieret u l-kpiepel għax dari, żgħar u kbar, għonja u fqar, bħala moda kienu jridu jilbsu xi xorta ta' xedd għal fuq rashom kif wieħed jista' jara minn ritratti qodma ta' dak iż-żmien.

Minkejja l-ġid kollu li kien ikun hemm Fejn Savina u fl-inħawi nhar ta' Ħadd, ħafna nies ma kinux jistgħu jixtru għax kienu fqar ħafna. Kif igħidu, il-flus kienu skarsi. U minn hekk kienet tinstema' t-taqbila:

*Is-sinjuri kollha xtraw,*
*u l-foqra baqgħu jaraw.*

Iżda l-foqra kienu jgħidu:

*Marsalforn kollu palazzi,*
*imdawwar bil-paġġaturi,*
*allavolja, aħna foqra,*
*niddevertu mas-sinjuri!*

Imma dawk kienu żminijiet oħra.

***Gzuz ta' Roti***

Fiż-żminijiet ta' wara l-gwerra ħafna rġiel u żgħażagħ kienu jiġu r-Rabat jew bil-karettun tal-bhima, inkella bir-rota. Fil-każ tal-bhejjem bil-karettun dawn kienu jitħallew fit-trufijet tar-Rabat u sidien tagħhom jidħlu fil-qalba tar-Rabat bil-mixi. Dawk tar-rota kienu jibqgħu deħlin bir-rota u jpoġġu din ir-rota f'xi wieħed minn tliet postijiet partikulari: wara l-knisja ta' San Ġakbu, mal-ħajt tal-*British Institute* li kien jinsab fit-Tokk fejn illum hemm il-Każin tal-Partit Laburista, u mal-ħajt tal-Każin tal-Ljun fi Triq l-Arċipriet Cassar. Dawn kienu jkunu litteralment tliet gzuz kbar ta' roti fuq xulxin. U miskin min kien ikollu r-rota tiegħu mal-ħajt li quddiemha jkun hemm dawk ir-roti kollha!

Dawn tar-roti, mbagħad, kienu jerġgħu jiġu filgħaxija biex jaraw xi film *talkies western*, tal-*cowboys* kontra Indjani, tipi ta' films li dari kienu popolari mhux ftit.

***L-egħluq tal-ħwienet nhar ta' Ħadd***

Mis-sena 1973 il-ħwienet f'Għawdex u l-pompi tal-petrol bdew jagħlqu nhar ta' Ħadd biex ikunu jaħdmu konformi ma' dawk ta' Malta. (Ara pubblikazzjoni ta' liġi fil-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* tas-27 ta' Marzu, 1973). Illum, fi Pjazza Indipendenza, it-Tokk, xorta waħda għandu jintrama l-monti, imma dan ikun armat hemm l-aktar nhar ta' xogħol, u hu ferm differenti mis-suq li kien jarma fl-imgħoddi. Is-suq ta' Fejn Savina spiċċa għal kollox u fadal biss ir-regettier.

**TAGĦRIF BIL-FOMM:**

Piju Borg, ir-Regettier, Rabat, Għawdex.
Ġanni Mifsud, Rabat, Għawdex.
Ġorġ Cassar, Ħaddied u Kaċċatur, Rabat, Għawdex.

**TMIEM**

*Rapport*

# *L-użu sostenibbli tal-pestiċidi*



*minn* **FRANCINE CARUANA,** Executive – EU Policy & Legislation, MEUSAC

**Għalkemm jeżistu metodi organiċi għat-tkabbir ta' prodotti agrikoli bħalma huma ħxejjex u frott għall-ikel, l-użu tal-pestiċidi sabiex tittejjeb il-produzzjoni agrikola huwa mxerred sew. Madankollu huwa fatt magħruf li ċerti sustanzi użati f'numru ta' pestiċidi jistgħu joħolqu riskji u perikli kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għall-ambjent.**



Għalhekk hemm bżonn ta' bilanċ bejn l-interessi agrikoli u s-saħħa tal-konsumatur, ta' min qed juża il-pestiċidi u taċ-ċittadini li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' dawn is-sustanzi. Fl-2009, l-Unjoni Ewropea (UE) saħħet l-impenn tagħha f'dan ir-rigward permezz tad-Direttiva 2009/128/KE li tistabbilixxi qafas ta' azzjoni għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Din id-Direttiva trid tiġi trasposta fil-liġi Maltija sa' Diċembru 2011.

F'dan il-kuntest il-*Malta-EU Steering and Action Committee* (MEUSAC), flimkien mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) reċentement organizza laqgħa ta' konsultazzjoni f'Għawdex, bil-għan li jinġabru opinjonijiet mingħand dawk involuti jew interessati f'dan is-settur. Għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), entitajiet governattivi, rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali, għaqdiet tal-produtturi, koperattivi u bdiewa. Preżenti waqt il-laqgħa kien hemm l-Onor. Dott. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, li fl-indirizz tiegħu saħaq fuq l-importanza tal-użu tal-pestiċidi b'mod għaqli sabiex ikunu protetti kemm is-saħħa tal-bniedem, kif ukoll l-ambjent.



Huwa propju wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-MEUSAC, li jiffaċilità l-proċess ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar proposti leġiżlattivi tal-UE kif ukoll dwar it-transpożizzjoni ta' Direttivi tal-UE permezz ta' laqgħat simili. Il-MEUSAC joffri wkoll informazzjoni lill-pubbliku dwar l-UE u d-drittijiet u obbligi taċ-ċittadini Ewropej. Ta' min isemmi l-pubblikazzjoni 'MEUSAC News' li titqassam darbtejn fix-xahar ma' ġurnal lokali, fejn wieħed jista' jsib mhux biss informazzjoni dwar dak li jkun qed jiġri fuq livell Ewropew imma wkoll tagħrif dwar l-attivitajiet tal-MEUSAC.

Għan ieħor importanti tal-MEUSAC hu li joffri assistenza lill-NGOs u l-kunsilli lokali fl-applikazzjonijiet għall-fondi tal-UE. L-għajnuna f'Għawdex qed tingħata mill-Uffiċċju Reġjonali tal-MEUSAC u tal-MCESD li jassisti ukoll lin-negozji żgħar (SMEs) u dawk li jaħdmu għal rashom. Għal aktar dettalji dwar il-MEUSAC tista' żżur is-sit: http://www.meusac.gov.mt.

A Whole New Look

**Sharmain's Styling Salon**

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**LETTERATURA GĦAWDXIJA** *Żewġ poeżiji tal-Milied ta'* **GEORGE CARUANA**

## Insibek Ġesù Bambin

Insibek O Mulej, na naqtax qalbi
Għax naf li lili b'ħerqa qed tistenna;
Irrid li bħalek jien nerġa' nitwieled,
Irridek li turini t-triq tal-ġenna.
Inti tlaħħamt u sirt tarbija għalija,
Inti għalija għażilt tiegħi s-sura;
Batejt għax mhux żgur kellek min iwelldek,
Forsi... Ġużeppi l-ġust qiegħdek f'maxtura.
Minħabba fija lfaqt, bla heda bkejt
Għax int kont taf li jiena midneb kbir;
Għalhekk int ridt li jiena nersaq lejk;
Int ma ridtnix li jiena nibqa' lsir.
Insibek dal-Milied fil-*birthday* tiegħek,
Insibek jien ukoll bħal Sant' Wistin,
Insibek bħalma l-Maġi sabuk fl-għar,
Insibek meta nersaq għat-Tqarbin.
Insibek għax fl-għedewwa tiegħi nagħraf
Li l-eqlel wieħed fosthom hu ħabib;
Liġġimni meta jien naqla' bil-ħarta,
Fakkarni li għalija erfajt Salib.
Kemm ixxurtjat se nkun jien dal-Milied
Għax mid-difetti tiegħi ser infieq;
Ħallini nsibek bħal Franġisk t'Assisi;
Nitolbok bħalu li turini t-Triq
Ħa nsibek fil-quddies ta' nofsillejl;
Hemm tkun qalb l-għana ħelu u t-tiżjin;
Insibek fil-Bażilka ta' San Ġorġ.
Insibek dal-Milied, Ġesù Bambin.




## Tifsira tal-Milied

Miż-żminijiet bikrija tal-imgħoddi
bassru l-profeti l-miġja tal-Bambin
u dik il-ħbar sabiħa malajr xterrdet :
b'hekk rat id-dinja fostna l-Verb Divin.

Ix-Xebba saret Omm; il-Binha welldet
għaliex kliem il-profeti qatt ma falla;
ġol-għar mudlam bl-ifrat u n-ngħaġ imdawwar
is-Sabi ma kien ħadd għajr l-Iben t'Alla.

U seħħet l-akbar ġrajja ġewwa Betlem,
dik l-art ta' Ġuda, l-aktar ixxurtjata :
lil Kristu rat u qtajja' bla għadd t'anġli,
rat il-Messija, lil Ġesù li bata.

Dan hu l-Misteru tal-Inkarnazzjoni :
Ġesù l-Feddej sar Bniedem fil-Milied;
ġie fostna biex fid-dlam, id-dawl jurina,
ġie fostna biex jimliena bil-barkiet.

Li kien il-bniedem jifhem it-tifsira
tal-miġja tiegħek u kemm tgħażżiżt fina
li ċ-ċwieri, il-ġlied jinqatgħu darba għal dejjem
biex l-hena jżid u l-qalb issir ħanina.

Int li għallimtna naħsbu wieħed fl-ieħor
li naqsmu l-ferħ, in-niket u t-tbatija
ridt li nberkuk anki fil-għawġ u d-dwejjaq;
seddqilna s-sliem, il-paċi u l-armonija.

Milied għalina jfisser għaqda sħiħa
għax b'għafsa tal-idejn tħabbu l-għedewwa
ilkoll flimkien itgħannqu dawk miksura
inħall ukoll l-irbit li jġib kull dnewwa.

Li kien il-kewkba għat-tieni miġja tiegħek
bid-dawl għammiexi tagħha t-triq turina;
kif wasslet ħdejk lill-Maġi b'Tama kbira
tressaqna Lejk u lejn Ommna Ħanina.

**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Anniversarju*

# Wirt Għawdex (imwaqqfa fl-1981)

## 'Il fuq minn tletin sena ta' servizz lil Għawdex u Kemmuna



*kitba ta'* **GIOVANNI N. ZAMMIT**

Sa mis-snin Sebgħin kien hemm attentat kontinwu biex jitħarsu s-siti storiċi ta' Għawdex. Anton Spiteri flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ Għawdxin riedu jġibu għall-attenzjoni ta' kulħadd l-istat fqir li fih kienet tinsab iċ-Ċittadella u xtaqu jagħmlu xi ħaġa biex iħarsu din il-parti ta' gżiritna. Fil-bidu l-isem tas-Soċjeta' kien "Il-Belt il-Qadima" u l-ewwel proġett tagħhom kien ir-restawr tal-kappella antika ta' San Ġużepp li kienet reġgħet infetħet għall-pubbliku fl-1974. Ix-xogħol kien sar taħt it-tmexxija ta' Fr. Tony Mercieca u kienet twaħħlet plakka biex tfakkar dan l-avveniment. Xogħol ieħor kien jinkludi t-tindif tal-Arloġġ il-Qadim tal-Kastell, it-tneħħija tal-ħaxix ħażin minn mal-ħitan taċ-Ċittadella u tindif ieħor fuq il-kanuni tal-ħabs l-antik.

Iktar 'l quddiem is-Soċjetà ħasset il-ħtieġa li titfa' l-ħarsa tagħha fuq Għawdex u Kemmuna inġenerali u dan kien ġie deċiż waqt il-laqgħa tas-6 ta' Lulju 1981 meta l-Għaqda biddlet isimha għal dak tal-lum - **Wirt Għawdex**.

Biex jiżdied l-interess fl-ambjent u l-wirt kulturali bdiet toħroġ *Newsletter* bl-isem ta' **Wirt Missirijietna** li iktar tard inbidel għal **GWL**, li tfisser 'Għawdex' fl-ilsien Puniku. Tfassal l-Istatut u kien ġie deċiż li l-għanijiet ewlenin tas-Soċjetà kellhom ikunu biex jitqajjem interess fl-għarfien tal-Patrimonju tagħna fost il-poplu kollu u biex nibżgħu għall-wirt naturali, arkeoloġiku, storiku u antropoloġiku ta' Għawdex u Kemmuna. Dawn l-għanijiet ma tbiddlu qatt u s-Soċjetà qed tagħmel minn kollox biex tarahom iseħħu.



L-ewwel biċċa xogħol li daħlet għaliha **Wirt Għawdex** kienet li tiġbor lista u tagħmel rapport dwar dawk is-siti storiċi f'pajjiżna li kellhom bżonn l-attenzjoni immedjata ta' restawr u tgħarraf bihom lill-awtoritajiet konċernati. Il-lista kienet tinkludi t-Torrijiet ta' Mġarr ix-Xini, ta' Kemmuna, ta' Cardona, u tad-Dwejra, il-Kappella ta' Santa Ċeċilja, diversi funtani madwar Għawdex, Dar il-Lunzjata u bnadi oħra. Illum il-ġurnata, dawn jinsabu fi stat tajjeb u l-pubbliku jista' jżurhom liberament waqt li Dar il-Lunzjata qed isservi bħala l-*Headquarters* ta' **Wirt Għawdex**.

Is-Soċjetà għenet ukoll biex jitwaqqaf Mużew tal-Folklor fiċ-Ċittadella billi rregalat ħafna apparat tas-sajd li kien ta' missier wieħed mill-Fundaturi tas-Soċjeta', Anton Spiteri. Matul is-snin **Wirt Għawdex** kienet strumentali wkoll biex jiġu mħarsa diversi aspetti tal-wirt Għawdxi billi daħlet fi ftehim ma' diversi kumitati tal-Gvern biex jirrestawraw bosta nħawi u wara jinfetħu għall-pubbliku; jorganizzaw *lectures*; iżuru l-iskejjel u jkellmu lill-istudenti; joħorġu *Press Releases* u ħwejjeġ oħra.

Bi ftehim mal-Gvern, fil-preżent **Wirt Għawdex** qed tieħu ħsieb il-Porvlista fiċ-Ċittadella u l-batterija ta' taħt, ix-xelters ta'żmien it-Tieni Gwerra u s-Silos tal-qamħ, it-Torri ta' Mġarr ix-Xini u l-Kappella ta' Santa Ċeċilja. Wara li ġew irrestawrati, huma l-voluntiera li jiftħu u jieħdu ħsieb dawn is-siti. Eluf ta' viżitaturi, Għawdxin, Maltin u turisti jżuruhom kull sena u b'hekk jissokta jitkabbar l-interess fil-wirt tagħna. Bil-għajnuna tal-*Gozo Channel*, **Wirt Għawdex** qed jirrestawra wkoll l-unika dgħajsa tal-Latini li għadha teżisti u li 'l quddiem tkun għall-wiri fiż-Żewwieqa.

**Wirt Għawdex** qed tkun ukoll ta' għajnuna lill-istudenti tas-6th Form fil-'projects' tagħhom tas-*Systems of Knowledge*. Ta' kull sena tistieden grupp ta' studenti biex jagħmlu esperjenza magħha billi jagħmlu xi xogħol volontarju f'diversi proġetti li tkun għaddejja bihom








is-Soċjetà. Ħafna drabi din tkun l-ewwel esperjenza għal dawn l-istudenti li jinvolvu ruħhom f'xi xogħol ta' volontarjat u manutenzjoni f'siti storiċi. Mhux darba u tnejn li dawn l-istudenti jitħajru jidħlu membri u jibqgħu attivi.

Bla ebda dubju s-suċċess kollu li tikseb **Wirt Għawdex** tafu għall-għajnuna kontinwa li tirċievi mill-Ministeru għal Għawdex u minn diversi *sponsors* bħal *Gozo Channel*, il-*Baron Group* u għotjiet li tirċievi minn benefatturi bħal *Rotary Group Gozo*, ċittadini privati, attivitajiet ta' *fund raising*, bejgħ ta' pubblikazzjonijiet u minn għadd ta' voluntieri li jagħtu s-sehem tagħhom.

Il-*website* tas-soċjetà hija: www.wirtghawdex.org u din hija mezz biex wieħed ikun jista' jagħmel kuntatt ma' **Wirt Għawdex** minn kullimkien. Kull min hu interessat li jsir jaf iktar dwar din l-Għaqda u x-xogħol li twettaq jista' jżur il-*website* tagħna inkella jiktbilna f'dan l-indirizz elettroniku li ġej: info@wirtghawdex.org.

Mhemmx għalfejn ngħidu dawk kollha li jixtiequ jgħinu fix-xogħol li tagħmel **Wirt Għawdex**, anke l-iċken kontribuzzjoni huma milqugħa bil-ferħ; huwa ferm apprezzat is-sehem ta' kull min iħoss li jista' jgħin biex inkomplu nibżgħu għall-Patrimonju tagħna.

**Alex Saliba**
***I.T Sales and Services***
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**
Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7
*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*


*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

Attwalità

# L-Istudenti Għawdxin f'Malta: il-GUG tissapportjahom

kitba ta' RYAN MERCIECA u ANTHONY BRIFFA

**"*Making changes easier*" - "Tibdiliet magħmulin eħfef". Dan huwa fil-fatt *slogan* ġdid li fuqu qed jimxi l-eżekuttiv il-ġdid tal-GUG. Wara l-elezzjoni tas-16 ta' Lulju 2011, il-GUG tella' eżekuttiv ġdid b'għan ewlieni, dak li jiffaċilità l-ħajja tal-istudenti Għawdxin bi dritt. Dan l-i*slogan* jirreferi għall-bidliet fl-istil ta' ħajja dejjem jinbidlu tal-istudenti Għawdxin li xi kultant jistgħu jkunu diffiċli.**

Il-GUG (Grupp Universitarji Għawdxin), twaqqaf fis-snin 80 u aktar tard, fl-1987 ġie rikonoxxut formalment bħala organizzazzjoni tal-istudenti Universitarji mis-senat tal-istess Università ta' Malta. Sa mill-bidu tiegħu, il-GUG kiber sabiex sar aktar essenzjali u flessibbli, kemm bħala l-uniku vuċi tal-istudenti u żgħażagħ Għawdxin, kif ukoll sabiex iħares l-interessi u d-drittijiet tal-istess studenti u żgħażagħ fil-ħajja Universitarja. Il-grupp jara li jkun ta' għajnuna f'waqtha għal kwalunkwe problema li jistgħu jiltaqgħu magħha l-istudenti. Il-GUG huwa affiljat ma' diversi organizzazzjonijiet fosthom il-Kumitat għall-Proġetti Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex; il-(KPS) Kummissjoni għall-Politika Soċjali), l-KNZ (Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ) Aġenzija Żgħażagħ u *Gozo NGO Association*. Barra minn hekk, il-GUG qed jaħdem biex ikun affiljat ma' organizzazzjonijiet fuq skala Ewropea u globali.



Dan l-eżekuttiv dejjem jiġbed ħabel wieħed sabiex jara li l-proġetti fl-aġenda tiegħu jitwettqu u qed joħloq aktar proġetti ambizzjużi u jaħdem sabiex jitwettqu. Il-fulkru ta' dan l-eżekuttiv jinsab fl-imparzjalità, fil-libertà tal-espressjoni iżda l-aktar minħabba li l-eżekuttiv huwa magħmul minn studenti li qed jistudjaw korsijiet differenti. Dan iwassal għal viżjoni aktar wiesgħa. Il-Grupp huwa wkoll il-vuċi taż-żgħażagħ Għawdxin u dejjem jippromwovi aktar organizzazzjonijiet u żgħażagħ li jipparteċipaw fit-tfassil tal-futur ta' Għawdex. Sabiex jilħaq id-domanda ta' kull student u żagħżugħ Għawdxi, il-GUG attenda laqgħat importanti, ipparteċipa bis-sħiħ f'diskussjonijiet u ta l-pariri tiegħu f'diversi konsultazzjonijiet.

### *Tiftix soċjoloġiku u ħidma prattika*

F'Marzu tal-2009, il-GUG ħoloq servej sabiex jiġbor informazzjoni utli u diretta dwar l-istudenti Għawdxin u l-esperjenza tagħhom bħala studenti li jistudjaw u jew joqogħdu Malta. Is-servej kien jinkudi mistoqsijiet dwar diversi aspetti li b'xi mod jew ieħor, jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tal-istudenti individwali bħall-kors li qed jistudjaw, trasport, akkomodazzjoni, għajnuniet finanzjarji, u attivitajiet oħra.

**Diversi riżultati li ħarġu minn dan is-servej huma importanti għax jikxfu fejn l-aktar li hemm bżonn ħidma. Fost ir-riżultati, instab li 85% tal-istudenti jużaw it-trasport pubbliku biex imorru u jaslu lejn l-Università.** (Iktar il-quddiem ser jissemma' stħarrig riċenti dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku).

**Huma 87% l-istudenti Għawdxin li jagħżlu li joqogħdu Malta waqt li jistudjaw, u minn dawn 56% jemmnu li s-sussidju ta' 116.47EUR fix-xahar mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż li jaffaċċjaw. Il-kumplament tar-riżultati servew ta' ġid għall-GUG sabiex jibqa' jaħdem u jistinka biex isolvi l-problemi li joħorgu minn dawn is-sitwazzjonijiet.**

Il-GUG, talab għal sotto-kumitat permanenti fil-Kunsill tal-istudenti tal-Università, li jindirizza direttament kwistjonijiet li jolqtu lill-istudenti Għawdxin. Il-GUG, rappreżentant ta' madwar 900 student fl-Università (10% tal-istudenti kollha), jemmen li għandu jkun hemm aktar komunikazzjoni diretta bejn iż-żewġ għaqdiet u l-problemi jkunu solvuti b'mod aktar effiċjenti. Waħda minn dawn il-kwistjonijiet, hija l-proposta li jibdew isiru l-eżamijiet f'Għawdex. Din il-proposta li ilha fuq l-ixkaffa għal għaxar snin, hija għażla li l-maġġoranza tal-istudenti Għawdxin jixtiequ li jkollhom.

### *Ir-riforma fit-trasport pubbliku u l-istudenti Għawdxin*

Il-GUG qed jieħu ħsieb li anki hu joħloq diversi sotto-kumitati sabiex jespandi l-ħidma u l-preżenza tiegħu. Fost dawn ġew imwaqqfa sotto-kumitati fis-Sixth Form f'Għawdex, ieħor fl-Mcast u ieħor fl-ITS kif ukoll



rappreżentanti uffiċjali għalihom. Il-GUG mhux bi ħsiebu jieqaf hawn iżda għandu aktar ambizzjonijiet pożittivi. Għall-ewwel darba, il-GUG qed jaħdem sabiex ikollu uffiċċju fil-Kampus tal-Università sabiex ikun aktar viċin tal-istudent Għawdxi f'Malta. Il-grupp jixtieq jirringrazzja lill-Ministru għal Għawdex talli offriet uffiċċju f'Għajnsielem f'Skola Wistin Camilleri Cauchi li l-grupp diġà qed jagħmel użu minnu u ser jibda jiftħu wkoll għall-pubbliku. Fil-kwistjoni tar-riforma tat-trasport pubbliku, il-GUG ħadem bis-sħiħ sabiex ikun hemm rotta minn u lejn l-Università u ċ-Ċirkewwa tibqa' topera kif ukoll tqabbel il-ħinijiet mal-iskeda tal-*Gozo Channel*. Ta' min isemmi li l-GUG għamel pressjoni fuq l-MITC, u akkwista riżultati pożittivi. Jonqos biss li jsir sforz ieħor sabiex dik li kienet ir-rotta 450, terġa' tibda topera mill-ġdid.

Stħarrig tal-Arriva - il-GUG bagħat numru ta' mistoqsijiet lill-membri tiegħu dwar kif qed jolqothom is-servizz il-ġdid tal-Arriva b'mod partikulari r-rotta X1. Il-GUG kemm-il darba kien f'kuntatt mal-uffiċjali responsabbli sabiex jiżgura l-aħjar servizz possibbli. Għaldaqstant, il-Grupp ifaħħar il-bidla fis-servizz f'dik li hija l-kwalità tax-xarabanks u tas-sewwieqa, fost oħrajn. Il-mistoqsijiet li saru huma mqassma b'tali mod li jintlaħqu l-aspetti kollha tas-servizz u anke fl-istess ħin, l-opinjoni tal-istudenti. Mir-riżultati tiegħu, li llum huma pubblikati, il-GUG jista' jagħraf il-bidliet essenzjali li hemm bżonn isiru ħalli permezz ta' diskussjonijiet diretti jkompli jitjieb dan is-servizz.

Il-GUG jorganizza u jipparteċipa ukoll f'diversi attivitajiet li huma kemm ta' xi okkażjoni speċjali kif ukoll dawk annwali. Fl-2002, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il sena mit-twaqqif tiegħu, il GUG organizza Kungress Nazzjonali taż-Żgħażagħ bit-tema tiegħu tkun "Inwasslu l-Messaġġ taż-Żgħażagħ". Is-suġġetti tiegħu kienu jittrattaw iż-żgħażagħ u l-Unjoni Ewropea kif ukoll Għawdex bħala reġjun. Ta' kull sena il-GUG jorganizza numru ta' seminars u laqgħat ta' introduzzjoni. Dawn isiru sabiex jgħinu lill-istudenti ġodda jsiru iktar midħla tal-ħajja l-ġdida tagħhom fl-Università. Il-laqgħa annwali tal-introduzzjoni ssir ġewwa l-Ministeru għal Għawdex fejn l-istudenti, apparti li jingħataw diversi informazzjonijiet utli, jisimgħu wkoll l-esperjenzi ta' studenti żgħażagħ bħalhom fl-Università, kif ukoll isaqsu xi mistoqsijiet partikolari.

Fost l-attivitajiet li jipparteċipa fihom il-GUG, hemm l-*International Cuisine Night* fejn studenti minn pajjiżi differenti jesebixxu l-ikel tradizzjonali ta' pajjiżhom. Hekk ukoll jagħmel il-GUG fejn l-ikel li jesebixxi, ikun jinkludi t-tadam imqadded, il-ġbejniet tal-bżar, iż-żebbuġ, u l-ħobż, fost oħrajn, kollox prodott Għawdxi.

Minnbarra dan, il-GUG jieħu sehem ukoll fl-*Environmental Week* - ġimgħa li fiha l-GUG jippromwovi l-ambjent u n-natura ta' Għawdex kif ukoll iwassal il kummenti tiegħu favur is-sostenibbiltà tal-istess ambjent. Dan l-aħħar il-GUG flimkien mal-JP2 *Youths* u l-Aġenzija Żgħażagħ kien essenzjali sabiex tittella' konferenza fiċ-Ċittadella dwar "Il-Volontarjat fi Gżira Reġjun", fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea ddedikata għall-Volontarjat u s-Sena ddedikata għaż-Żgħażagħ tan-Nazzjonijiet Uniti. F'din il-konferenza, ipparteċipaw aktar minn 200 żgħażagħ u ġew diskussi diversi punti dwar kif beda, kif inhu sejjer u x'inhu l-futur tal-volontarjat f'Għawdex fejn ħafna żgħażagħ ingħataw iċ-ċans jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kif jaħsbu li dan jista' jitjieb u jissaħħaħ, għax fl-aħħar mill-aħħar, huwa l-volontarjat li jżomm lis-soċjetà ta' Għawdex magħquda.

**Ta' min ifakkar li s-sena d-dieħla, il-GUG se jagħlaq 25 sena minn meta ġie mwaqqaf. Bħala tifkira il-GUG ser jorganizza konferenza fejn fiha ser ikunu mistiedna bosta kelliema (lokali) distinti kif ukoll kelliema barranin. Ovvjament id-dettalji u l-promozzjoni jingħaddew lill-pubbliku iktar il-quddiem.**

Il-GUG għandu wkoll is-sit elettroniku tiegħu li huwa www.gug.org.mt – kif ukoll jinsab fuq il-*Facebook*, fejn fihom wieħed jista' jsib ħafna informazzjoni u aħbarijiet kemm dwar il-Grupp, kif ukoll attivitajiet interessanti. Is-sit il-ġdid jinkludi wkoll informazzjoni dwar appartamenti għall-kiri f'Malta sabiex itaffi ftit mill-istress li jaffaċċjaw l-istudenti. Barra minn hekk, fuq is-sit jitpoġġew reklami b'affarijiet jew prodotti li huma ġa użati jew inutli għall-bejjiegħ, u li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ħaddieħor. Min jixtieq iktar informazzjoni jista' jibgħat *email* fuq info@gug.org.mt jew iċempel fuq 79256904.

**Fl-aħħar mill-aħħar wieħed jista' jgħid li dan il-grupp, minn dejjem kellu viżjoni ambizzjuża waqt li l-membri, dejjem poġġew fuq quddiem l-imħabba u d-dedikazzjoni tagħhom għal Għawdex, mingħajr interessi personali. Il-GUG jemmen ħafna fl-istudent u ż-żagħżugħ Għawdxi għalhekk ser ikompli jaħdem, jipparteċipa u jipprova jġib fit-tmiem il-mentalità tal-karità li teżisti fuq l-istudenti u ż-żgħażagħ Għawdxin. Hemm ħafna xi jsir, però fejn hemm l-għaqda hemm it-tama, u hekk hu l-GUG, magħqud fih innifsu kif ukoll mal-istudenti u ż-żgħażagħ Għawdxin, għalhekk b'għaqal u bi bżulija jaħdem u jġib riżultati pożittivi. Għawdex jistħoqqlu aħjar, hekk ukoll l-istudenti Għawdxin. Narawkom għall-konferenza!**

TIEQA FUQ L-AMBJENT (33)

# IL-QORTIN TAL-MAGUN

*(Dan huwa t-tieni artiklu minn sensiela dwar siti ta' importanza ekoloġika f'Għawdex)*



*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA

Wieħed mill-isbaħ postijiet ta' importanza naturali li jinstabu f'Għawdex, huwa l-**Qortin Tal-Magun**, fin-Nadur. Dan il-qortin fih medda ta' art li tlaħħaq madwar kwart ta' kilometru kwadru, b'diversi tipi ta' xagħri mżejna b'numru kbir ta' speċi ta' flora indiġena.

Il-**Qortin tal-Magun** huwa għoli madwar 120 metru, u jispiċċa f'sies għoli faċċata tal-Lvant fuq ir-riħ ta' Għajn Berta u l-Irdum San Filep. Min-naħa waħda jinfired mill-Qortin ta' Isopo, b'Wied ir-Raħħan, u min-naħa l-oħra mifrud mill-Wied ta' Grejgel li jinżel iserrep għall-Wied ta' Daħlet Qorrot, widien ta' ġmiel naturali u anke fertili, speċjalment għas-siġar tal-frott.

Jekk tiftaħ xi dizzjunarju Malti għandek mnejn li ssib li l-kelma **xagħri** għandha tifsira ta' art mitluqa, post vojt, u saħansitra anke deżert. Iżda dan mhux il-kas, anke jekk f'ħafna mħuħ hawn idea ħażina li fix-**xagħri** ma jikber xejn, jew mhu tajjeb għal xejn. Meta fis-snin bikrin, il-bniedem ta' din il-gżira kien igħix biss minn dak li tagħtih l-art, ix-**xagħri** għalih kienet art bla ħajja, u li ma jikber xejn li minnu jista' jmantni lilu nnifsu. Madankollu xorta kien juża l-arbuxelli li jikbru hemm għall-ħami speċjalment għall-fran. Bl-Ingliż ma ssibx kelma li tiddeskrivi dan il-kwalità t'ambjent, għax fin-Nord tal-Ewropa m'hemmx dan it-tip ta' ekosistema Mediterranja, u għalhekk tintuża l-kelma Franċiża ***garrigue*** jew ***garigue***. Fil-fatt, din it-tip ta' ekosistema, tiżviluppa fil-pajjiżi tal-Mediterran.



*Parti mx-xagħri fil-Qortin tal-Magun*

Ix-xagħri jikkonsisti fi pjanuri u f'wesgħat kbar ta' blat qawwi, fejn f'ħofor kbar u żgħar, kif ukoll fi xquq u fissuri, fejn tinġemgħa xi ħamrija, jikbru numru ta' arbuxelli folti, ġeneralment baxxi u robusti, li ħafna minnhom ikunu aromatiċi. Fost dawn il-pjanti nsibu s-**Sagħtar**, iż-**Żebbuġija**, it-**Te Sqalli**, it-**Tengħud tax-Xagħri**, it-**Tengħud tas-Siġra**, l-**Erika**, il-**Klin** u s-**Siġra tal-Ħarir**. Fil-wesgħat tal-blat żonqri, bħal xi qortin, dawn l-arbuxelli, flimkien ma' oħrajn li jikbru fihom, jiffurmaw din l-ekosistema li bil-Malti nsejħulha xagħri. Kull xagħri jvarja skont l-ispeċi tal-arbuxelli li jikbru fih. F'xi wħud xi speċi ta' arbuxell jiddominaw ix-xagħri iżjed minn arbuxelli oħra.



*Arbuxell taċ-Ċistu Abjad bil-fjuri*



*Il-ward mill-qrib taċ-Ċistu Abjad*



*Warda tal-Bellus - varjetà vjola*



*Il-Bufula l-Ħamra - wieħed mill-għasafar li jbejtu fil-Qortin Tal-Magun*

Il-**Qortin tal-Magun** huwa wieħed mill-iżjed **xagħri i**mportanti fil-Gżejjer Maltin. F'dan il-qortin insibu diversi tipi ta' xagħri, fosthom tas-Sagħtar, tat-Tengħud, kif ukoll ta' arbuxell rari li ma ssibux jikber f'postijiet oħra f'Għawdex – **Ċistu Abjad** jew kif ukoll magħruf **Borgħom Abjad**. Jeżistu biss żewġ popolazzjonijiet, waħda f'Malta u l-oħra fil-**Qortin tal-Magun**, fejn dan l-arbuxell huwa dominanti. Iċ-**Ċistu Abjad** hu arbuxell baxx li jogħla sa madwar metru, folt, b'ħafna friegħi



*Il-Gremxula ta' Malta - komuni fil-qortin*

u weraq irqaq, ftit tawwalin, ħodor skuri. Iwarrad fir-rebbiegħa u jkun miksi bi fjuri żgħar bojod b'ħafna stami sofor. Arbuxell ieħor rari li jikber fl-inħawi tal-**Qortin tal-Magun** huwa ċ-**Ċistu Roża** (jew **Borgħom Roża**). Dan hu differenti miċ-**Ċistu Abjad** kemm mill-forma tal-weraq kif ukoll mill-warda roża li tkun akbar.

Minbarra l-arbuxelli, numru ta' speċi oħra ta' flora, kemm annwali kif ukoll perenni, jinstabu jikbru fil-**Qortin Tal-Magun**, x'uħud minnhom huma rari ħafna f'Għawdex. Fost dawn insibu l-**Bellus**. Din il-pjanta, li tikber mir-riżomi li jibqgħu hajjin fil-ħamrija minn sena għall-oħra, twarrad f'Jannar u Frar. Fil-**Qortin tal-Magun** jinstabu żewġ varjetajiet ta' dan il-fjurdulis, dik li tagħmel il-fjuri vjola, u l-oħra li tagħmel il-fjuri sofor.

Il-biodiversità tal-**Qortin tal-Magun**, ma tikkonsistix biss fil-flora rikka li tinstab f'dan ix-xagħri. Il-fawna ta' dan il-qortin hi interessanti ħafna b' numru ta' nsetti u ħlejjaq oħra, fosthom l-għasafar u r-rettili. M'hemmx dubju li jixraq li dan il-post ekoloġiku, hekk sinjur fl-istorja naturali ta' Għawdex, ikun protett u mħares bħala riżerva naturali biex jitgawda mhux biss mill-ġenerazzjoni ta' llum iżda wkoll minn dawk li jridu jiġu warajna.





57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Għawdex Qabel ir-Ritratti (40) minn JOHN CREMONA

# Il-mara Għawdxija




Kif għedt f'artikli li ppubblikajt qabel dan, ftit kienu l-inċiżuri li ħallewlna stampi tal-personaġġi Għawdxin u l-ilbies tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-inċiżjonijiet li jittrattaw dwar Għawdex juru xeni tal-Ġgantija, tad-Dwejra u ta' postijiet oħrajn. Inċiżjoni sabiħa ta' mara Għawdxija ġiet ippubblikata minn Francesco Zimelli li għex bejn l-1748 u l-1803. Zimelli kien artist Malti li ħadem bosta inċiżjonijiet, kien ukoll pittur kif ukoll mastru ċiżillatur fiż-żekka tal-Ordni u ħadem fuq muniti u siġilli tal-Gran Mastri De Rohan u Hompesch.

L-inċiżjoni turi mara tal-kampanja Għawdxija bl-ilbies tradizzjonali. Din l-inċiżjoni ġiet ippubblikata minn Zimelli f'ġabra ta' 20 inċiżjoni li juru l-kostumi ta' personalitajiet li jvarjaw mill-Gran Mastru san-nies tal-kampanja u kienu jinkludu uffiċjali tal-Ordni, uffiċjali tal-Knisja kif ukoll in-nobbli, s-sinjuri u l-Maltin tal-kampanja. Naturalment, bħal f'ħafna każijiet oħra, l-inċiżjoni tal-Għawdxija tiġi l aħħar fis-sekwenza tal-inċiżjonijiet ta' din il-kollezzjoni.

Il-mara li tidher fl-inċiżjoni hija liebsa ilbies tradizzjonali li llum għeb għal kollox u li tista' tarah biss f'xi mużew. Il-mara hija liebsa ċ-ċulqana jew verżjoni aktar fqira tal-għonnella fuq rasha. Il-qoton kien jilgħab parti importanti fil-ħwejjeġ tan-nies tal-kampanja u ħafna kienu jkabbru l-qoton u jaħdmuh huma stess fi lbies. F'din l-inċiżjoni naraw lill-mara b'maktur abjad tal-qoton ma' rasha kif ukoll id-dublett u l-fardal ikkuluriti li wkoll jidhru li huma xogħol lokali tal-qoton.

Ma' qaddha, l-mara għandha żewġ imfietaħ ħerġin mill-but tad-dublett. Forsi b'dawn l-artist ried ifakkar fl-għaqal magħruf tal-Għawdxin kemm fil-kura tad-dar kif ukoll fl-infiq tal-flus. Naturalment il-mara tidher ħafja għax min kellu ż-żraben u s-sandlijiet kien jilbishom fil-festi u okkażjonijiet speċjali. Il-mara tidher qed iġġorr qolla tal-fuħħar fuq rasha, waħda mill-okkupazzjonijiet ta' kuljum ta' kull mara tad-dar li kienet trid tmur fuq il-għajn biex iġġib l-ilma għad-dar.

Kopji ta' din il-ġabra ta' kostumi ta' Zimelli ġew ippubblikati diversi drabi minn artisti oħra li kkuppjaw ix-xogħol ta' Zimelli. Jeżistu wkoll bosta akkwarelli li jirriproduċu l-istess kostumi li jidhru f'dawn l-inċiżjonijiet ta' Zimelli. Jista' jkun li wħud minn dawn l-akkwarelli huma xogħol ta' Zimelli stess.

L-inċiżjoni hija ntitolata *'Paysanne Maltaise de l'Isle du Goze'* u ġiet ippubblikata f'*Raccolta di costumi Maltesi in 20 rami incisi da F. Zimelli* li jinstabu fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta. L-inċiżjoni għandha l-qies ta' 320mm x 215 mm.

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 198

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2011

# Wara l-Vespri tal-Milied fil-Matriċi

**Id-dokument numru mija tmienja u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-irkant tas-sisa tal-inbid li kien sejjer isir proprju nhar il-Milied 1611 – erba' mitt sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 56v (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 56v).**


Die 25 Xbris 1611
Iacobo Pulicii publico serviente mi ha referito come ha
publicato banno nelli loci soliti et consueti di questo
Castello del Gozzo chi volesse pigliar a gabella la
del vino comparisca hoggi doppo Vesperi inanti lo
porticato di questa matrice Chiesa del Gozzo.

Din hi t-traskrizzjoni tal-*Bandu*:

> *Iacobo Pulicii, publico serviente, mi ha referito come ha publicato banno nelli loci soliti et consueti di questo Castello del Gozzo, chi volesse pigliar a gabella la scisa del vino, comparisca hoggi doppo Vesperi inanti lo porticato di questa Matrice Chiesa del Gozzo.*

Id-dħul ewlieni tal-Università ta' Għawdex kien missisa. Is-sisa kienet taxxa tad-dwana fuq l-importazzjoni ta' oġġetti minn barra, f'dan il-każ l-inbid. Is-sisa fuq l-inbid impurtat minn Sqallija kienet tirrendi somma ġmielha lill-Università.

It-tħawwil tad-dwieli u l-produzzjoni tal-inbid f'Għawdex kienet ħadet daqqa ta' ħarta kbira wara t-traġedja tas-sena 1551, meta mal-ħamest elef Għawdxi ttieħdu fil-jasar. Jidher, li għal xi żmien, il-vinikultura jew l-għarfien tal-produzzjoni tad-dwieli u tal-inbid kienet marret il-baħar. Min kien iħobb il-qatra kien kostrett jixtri inbid importat.

L-importazzjoni tal-inbid kienet tingħata b'monopolju darba fis-sena. Kien jieħu l-monopolju min kien joffri li jagħti l-ogħla sisa fuq kull barmil inbid impurtat. Dan id-dokument iffissa l-irkant għall-għotja tal-monopolju għas-sena 1612 għal wara l-għasar tal- Milied fil-Matriċi, nhar il-25 ta' Diċembru 1611. Ġakbu Pulicii, il-messaġġier tal-Università, li minn kunjomu jagħtik x'tifhem li kien xi Sqalli joqgħod Għawdex, kien ħabbar l-irkant tal-għoti tal-monopolju fil-postijiet tas-soltu fil-Kastell ta' Għawdex. Dan il-fatt kien reġistrat ħalli ħadd, ebda negozjant ma jkun jista' jgorr li ma kienx jaf li sejjer isir l-irkant. It-tħabbir tal-irkant u ta' avviżi oħra importanti kien isir fil-pjazzetta li kien hemm quddiem il-Matriċi fl-inħawi tal-palazz tal-Gvernatur f'ħin li kienu jiltaqgħu n-nies biex jitkellmu.

Dan id-dokument jagħti tagħrifa li qatt ma naf li ltqajt magħha. L-irkant tal-monopolju kien sejjer isir *inanti*, jiġifieri quddiem il-*porticato* jew il-Portiku tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Dan ifisser li quddiem il-Knisja Matriċi l-qadima, dik li twaqqgħet wara s-sena 1697, kien hemm zuntier imsaqqaf iserraħ fuq xi kolonni u li kien jifforma portiku quddiem il-knisja. Il-kelmiet *doppo Vesperi*, wara l-Vespri jew il-Għasar, jagħtik x'tifhem li nhar il-Milied, Dun Ġann-Mattew Chiappara, l-Arċipriet tal-Matriċi, u l-ftit qassisin li kien hawn Għawdex dik il-ħabta kienu jiltaqgħu fil-Knisja Matriċi u flimkien ikantaw il-Għasar tal-Milied.

Hi ħaġa nteressanti li ntgħażlet proprju d-data tal-25 ta' Diċembru għall-irkant tal-monopolju. Kien jum ta' festa, in-nies ma kinux jaħdmu, u għalhekk kulmin kien interessat seta' jmur għall-irkant.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Patri Ġiġi Camilleri S.J.*
## *Missjunarju Żelanti (3)*

Patri Ġiġi ħadem ħafna bħala missjunarju fl-Indja. F'dan l-artiklu naraw xi ħidmiet li kien jagħmel u b'liema spirtu kien jagħmilhom.

L-ewwel nett il-missjunarju jħalli pajjiżu u jmur jaħdem fost nies ta' kultura differenti. Ikollu jadatta ruħu għal din il-kultura ġdida filwaqt li jirrispetta lin-nies tal-post. Patri Ġiġi jiddeskrivi b'dan il-mod lill-poplu tas-Santals: "Huma nies twajbin ħafna, nodfa u ġeneralment jgħixu mill-għelieqi tagħhom ... Għandhom il-kostumi tagħhom u ġeneralment ma jiżżewġux barra mit-tribù tagħhom. Kif kienu s-sempliċi ragħajja ta' Betlem li emmnu fit-Twelid ta' Ġesù, anki f'dawn l-inħawi tal-Indja huma s-Santals li l-aktar laqgħu l-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu u qed isiru nsara" (*Lil Ħbiebna,* Diċembru 1980, p.173).

Kull xogħol li jagħmel il-missjunarju huwa parti mill-missjoni tiegħu. Hekk il-fatt li Patri Ġiġi studja fl-Indja u x-xogħol kollu li għamel fl-edukazzjoni huwa wkoll parti mill-ħidma missjunarja. Barra minn hekk Patri Ġiġi għamel ħafna xogħol ieħor. Huwa stess jikteb: "Forsi aktar tkun ħaġa ħafifa ngħidlek f'hiex ma tikkonsistix għax fil-missjoni trid tkun kollox għal kulħadd. Hi għajnuna kemm materjali u kemm spiritwali" (*Lil Ħbiebna,* Jannar 1981, p. 16).

Il-ħidma pastorali tiegħu kienet tikkonsisti filli jgħallem il-fidi nisranija lill-poplu, iħejji lill-għarajjes għaż-żwieġ, u jamministra l-aħħar sagramenti. Bħal missjunarji l-oħra kien iżur l-insara li kienu fil-bogħod. Dan kien jagħmlu darbtejn jew tliet darbiet fis-sena. Kien iqaddes f'dawn il-knejjes jew kappelli mbiegħda u jgħaddi jum u lejl f'kull post. F'dawn iż-żjarat il-missjunarji kienu jbierku d-djar, jagħtu l-aħħar sagramenti lill-anzjani u l-morda filwaqt li jiddiskutu l-problemi li n-nies kien ikollhom.

Il-xogħol tal-missjunarju kien li jgħin lin-nies imorru l-isptar jew għand it-tabib peress li ma kinux jafu fejn għandhom jirrikorru. Kien imur għand il-missjunarju min kien ikollu xi ftit tal-inkwiet ta' tilwim biex ma jiġix mixli fil-falz; dawk li l-uċuħ tar-raba ma kinux tawhom il-frott; min taqagħlu d-dar jew xi armla li ma kinitx tkun tista' tkampa mal-ħajja.

Kif semmejna qabel, Patri Ġiġi għen ħafna fl-agrikultura u l-aktar billi għen biex jitħaffru l-bjar tal-ilma biex bih ikunu jistgħu jsaqqu r-raba' tagħhom. Jiġifieri kien jgħallem lin-nies jaħdmu l-art biex ittihom aktar frott u jkunu jistgħu jgħixu aħjar. Dan kien jagħmlu mhux b'xi aljenazzjoni iżda kien konvint li dan ix-xogħol soċjali jħalli frott anki fix-xandir tal-Vanġelu.

Din il-konvinzjoni tiegħu narawha minn din il-kitba tiegħu: "Il-bniedem mhux ruħ biss għandu iżda ġisem ukoll. Kristu mhux biss semma l-kelma ta' Alla, iżda wkoll fejjaq il-morda, u tama' lil min kien bil-ġuħ kif seta'. Aħna milli nistgħu ngħinu mhux biss bil-karità, li ġeneralment inkunu rċevejna mill-ħbieb u benefatturi tagħna, iżda wkoll b'tagħlim fuq l-agrikultura, snajja' etc. Mhux għax jien xi għaref fl-agrikultura, iżda sibt li l-ftit li kont naf kien xi ħaġa ġdida għal dawn in-nies" (*Lil Ħbiebna,* Marzu 1981, p.46).

Kien konvint minn dan ix-xogħol materjali li kien qiegħed jagħmel tant li kiteb: "Forsi minn jaqra dawn il-ftit versi jgħid: 'x'missjunarji daż-żmien! Flok jippriedkaw il-Vanġelu jaħartu u jsaqqu.' Kieku nagħmlu dan biss nies bħal dawn ikollhom raġuni. Hawn ma nistax insemmi l-ħidmiet kollha tal-parroċċa. Semmejt biss din il-lum għax inħoss li hi ħidma kbira ħafna biex inressqu aktar lil Kristu quddiem dawn in-nies. Jekk nippridkaw biss l-imħabba ta' Alla u ma nistgħux neħilsu dawn in-nies mit-tbatija li għaddejjin minnha, ma tantx nimxu wisq 'il quddiem f'ħidmiet missjunarji. Għalhekk il-lum, aktar minn qabel, ħajjitna missjunarja titlob ukoll ħidma oħra, dik li nippruvaw intemmu l-faqar mhux biss billi nagħtu għajnuna finanzjarja, iżda wisq aktar billi ngħinuhom jipproduċu aktar u jeħilsu huma u arthom mill-ġuħ li dejjem jippersegwitahom." (*Lil Ħbiebna,* Lulju 1969, p.110).

Kien bix-xieraq li fl-okkażjoni tal-funeral tiegħu, l-Isqof ta' Khunti fl-Indja Mons. Stephen M. Tiru qal hekk fuq Patri Ġiġi: "Bis-sewwa u l-qawwa kollha nista' ngħid li Fr. Ġiġi kien missjunarju kbir, żelanti u enerġetiku tal-Knisja, u partikularment fid-Djoċesi ta' Dumka, fejn jien kont nafu hekk mill-viċin bħala l-id l-lemenija dinamika tiegħi .... Illum Fr.Ġiġi mar jieħu l-premju etern tiegħu iżda din hija telfa kbira għall-Knisja; postu se jibqa' vojt għal dejjem."

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (34)



# Kappelli Għawdxin Online (18) - Il-Kappella ta' Kemmuna -



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt



Ma naħsibx li nkun qed niżbalja jekk ngħid li l-aktar kappella qadima u iżolata fil-gżejjer tagħna hija dik li tinsab fuq il-gżira ta' Kemmuna. Skond mappa antika li tinsab fil-Mużew Marittimu ta' Greenwich fl-Ingilterra, kien hemm kappella f'Kemmuna sa minn nofs tas-seklu tlettax.

Jixraq li dan l-artikolett qed jidher f'Diċembru għax din il-kappella hija dedikata lir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu u l-wasla tagħhom f'Nażaret. Din hija ġrajja li tagħmel parti minn narrativa tal-vanġelu dwar it-twelid tal-Iben t'Alla. Fil-websajt **www.kappellimaltin.com/html/smkemmuna.html** jingħad li wara l-bini tat-Torri mill-Kavallieri fl-1618 dedikat lil Santa Marija, numru ta' raħħala rritornaw fuq il-gżira għax ħassewhom aktar protetti mill-attakki tal-furbani.

Kienu r-raħħala li reġgħu bnew din il-kappella fl-1716 u li għadha titgawda llum, wara li l-kappella ta' qabel kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Bueno. Il-konsagrazzjoni tal-kappella kienet saret fl-istess sena mill-Isqof Cannaves. Kienu wkoll l-istess raħħala li biddlu d-dedikazzjoni tal-kappella minn dik ta' l-Assunta għal l-isem li għad għandha llum.

Il-websajt li s'issa għandha tmintax il-kappella f'Għawdex rapprezentati fiha, tagħti ħarsa lejn l-arkitettura tal-kappella. Minn barra hija binja tassew sempliċi, bi tlett qniepen fuq il-faċċata fi ħnejiet uniċi, iżda ġewwa jiddomina saqaf bi still neogotiku. Il-bieb tal-kappella mhux faċċata tal-altar. Il-presbiterju huwa maqtugħ mill-bqija tal-kappella b'rixtellu tal-injam. Il-kwadru titulari għandu pittura bellezza li jingħad li kienet xogħol tas-Senglean Francesco Zahra. Fil-kappella jinsab kalċi antik li jmur lura għal żmien il-kavallieri.



Bħal ma kappelli qodma oħra żviluppaw madwarhom leġġendi li għadhom rakkontati sal-lum, il-kappella ta' Kemmuna għandha l-leġġenda ta' San Kurrew li kien eremit li kien qasam il-baħar fuq il-mantar tiegħu fi triqtu lejn il-Qala, fejn kien hemm eremit ieħor ta' fama qaddisa.

Is-sit b'sodisfazzjon tirrikonoxxi li din il-kappella hija miżmuma fi stat tajjeb u għadha sservi l-bżonnijiet spiritwali ta' dawk li joqgħodu fuq il-gżira u l-viżitaturi.

Nixtieq Milied qaddis u ħieni lill-editur u l-qarrejja kollha.

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# Għaxar raġunijiet tajbin għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku

***BRUNO FERRERO, Għaxar raġunijiet tajbin għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku, traduzzjoni ta' Geoffrey G. Attard, Malta 2011, 148 pp., illustrat. Jinbiegħ €7 mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria.***




Hi tradizzjoni sabiħa fid-djoċesi tagħna li fl-okkażjoni ta' l-Ordinazzjoni Presbiterali u l-Ewwel Quddiesa Solenni tagħhom, is-saċerdoti novelli jqassmu xi ktieb ġdid ta' natura reliġjuża. Billi fis-sena 2011 kellna l-ordinazzjoni ta' sitt saċerdoti djoċesani, nistgħu ngħidu li dawk li jħobbu l-kotba reliġjużi bil-Malti kellhom xalata mnejn jagħżlu, minn kitbiet oriġinali għal traduzzjonijiet u ġabriet ta' talb. U ta' dan irridu nirringrazzjaw lis-saċerdoti l-ġodda li investew f'rigal utli lill-mistiedna tagħhom, fejn fost l-oħrajn rajna edizzjoni ġdida u preżentabbli ta' *Il-Ktieb il-Kbir* ta' San Ġorġ Preca u wkoll ġabra ta' tagħlim fuq l-Ewkaristija li ħallielna l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Kull ktieb minn dawn issa tistgħu ssibuh għall-bejgħ minn għand il-librara reliġjużi ewlenin, fosthom il-*Lumen Christi Bookshop* ta' Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex.

Kelli x-xorti li tnejn minn dawn is-sitt kotba ġodda ndurhom għall-Malti qabel il-pubblikazzjoni. Wieħed minnhom, li laqatni tassew, hu l-ktieb ta' Bruno Ferrero, *Għaxar raġunijiet tajbin għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku*, maħruġ minn Dun Krystof Buttigieg, mill-Qala. Kif naqraw fil-qoxra tal-wara, dan hu 'ktieb għal kulħadd'. Isem l-awtur, is-saċerdot Salesjan Bruno Ferrero, hu diġà garanzija ta' qari tajjeb. Ferrero hu kittieb magħruf Taljan, espert fil-qasam tal-kateketika u ta' l-istampa Kattolika. Fil-fatt sa l-2009 kien direttur tad-dar magħrufa tal-pubblikazzjonijiet *Elledici*, u għadu sal-lum editur tar-rivista popolari *Il bollettino salesiano* li kien beda Don Bosco. L-isfond pedagoġiku Salesjan flimkien mal-formazzjoni u l-ispiritwalità personali ta' l-awtur jagħmluh wieħed mill-awturi Kattoliċi l-iżjed popolari u prolifiċi ta' żmienna.

Mill-isem tal-ktieb wieħed malajr jaqbad tarf tas-suġġett. Ferrero qed jipproponi *għaxar raġunijiet tajbin* għaliex wieħed għandu jemmen fi Kristu u jkun parti mill-Knisja; naturalment żgur m'humiex l-uniċi. L-enfasi hi kemm fuq li tkun *Kristjan*, jew Nisrani f'termini iktar popolari, u kemm *Kattoliku*, jiġifieri membru mgħammed tal-Knisja Kattolika. Bl-istil mexxej u l-ħsibijiet sempliċi tiegħu, bl-użu kontinwu ta' stejjer ħelwin flimkien ma' kwotazzjonijiet mill-Bibbja u minn awturi oħra, Ferrero jipproponi l-ħajja Nisranija bħala vjaġġ ta' fidi li jiggarantixxi ferħ veru lil min jieħdu bis-serjetà. Fl-għaxar kapitli tal-ktieb – propju għax l-awtur jiffoka fuq *għaxar* raġunijiet – l-awtur jikkonvinċina li Kristu hu esperjenza li msejħin ngħixu aktar milli xi regola biex nobduha. Għalhekk li temmen f'Alla jsir bżonn u mhux ordni. F'dan id-dawl, "il-Kristjaneżmu hu l-iktar triq sempliċi lejn il-verità, u allura lejn il-ferħ".

Malli ġie f'idejja l-ktieb mitbugħ u lest, sthajjiltni qed naqbad pubblikazzjoni mħejjija fil-veru sens tal-kelma mill-*Elledici* tas-Salesjani. Il-preżentazzjoni grafika u l-issettjar, id-disinn tal-qoxra u dawk bil-lapes fuq ġewwa, aktar ħajjruni naqra; ħaqqha prosit ukoll l-istamperija *A&M Print* tal-Qala għax-xogħol ta' kwalità fl-istampa. U m'għamiltx ħażin li l-ktieb qrajtu t-tieni darba, għax kelli ċ-ċans nerġa' niggosta s-sempliċità imma fl-istess ħin il-profondità fil-ħsibijiet ta' l-awtur, li ġew maqluba għall-Malti b'mod li tassew jinftiehem minn Dun Geoffrey George Attard. Għax, ngħiduha kif inhi, m'hux dejjem faċli 'tittraduċi' l-ħsieb ta' l-awtur, speċjalment meta qed taqleb letteratura Taljana tal-kwalità ta' Bruno Ferrero, li mhix nieqsa mill-metafora u t-tħaddim ta' lingwa sabiħa. Forsi kien għalhekk li ċerti testi ġew immodifikati jew imqassra, anki biex jagħmlu aktar sens għar-realtà Maltija.

*Għaxar raġunijiet tajbin għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku* hu tassew *ktieb għal kulħadd*, għax kulħadd, żgħir jew kbir, Nisrani jew mhux, jista' jislet minnu xi messaġġ li jgħodd għalih u jħajru japprezza iżjed il-kobor tal-fidi tagħna.

***Francesco Pio Attard***



Qaddisin u Festi f'Għawdex

*Versi ta' Dun Geoffrey G. Attard*

# 10. L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI





*Fl-aktar raħal fi gżiritna*
*Li jinsab 'il bogħod mill-belt,*
*Is-Santwarju tas-Sinjura*
*Li sfat ħielsa minn kull għelt.*

*Knisja ħelwa taf mitt ġrajja*
*Li għal-lvant t'Għawdex serviet*
*Bħal parroċċa, biex tinqeda*
*Hawn in-nies bil-kotra ġiet!*

*Festa ħelwa ssir fil-Qala*
*Ad unur l-Immakulata*
*Biex kif xieraq lill-Omm t'Alla*
*Qima bir-raġun tingħata.*

*Sewwa sew fil-qalb tar-Rabat,*
*Festa jagħmlu l-patrijiet*
*Biex iqimu lill-Omm Tagħna*
*Is-Sultana tas-Smewwiet.*

*Daqq tal-qniepen, bandalori,*
*Festa sbejħa kollha lwien*
*It-triqat tar-Rabat jilbsu*
*Libsa fina f'dawn il-jiem.*

*Sliem u barka fuq gżiritna*
*Itfa' j'Omm u żommna bgħid*
*Minn kull qerq li jfeġġ għalina*
*Għax Int biss mill-bidu nfdejt.*





# WERREJ 2011

## ARTIKLI: KIF NIFTAKAR LILL-ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI


L-Esperjenza Tiegħi Qrib L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi
*(Arċipriet Tarcisio Camilleri)* Frar p.28

Student u Għalliem
*(Arċipriet Jimmy Xerri)* April p.28

"L-Eċċellenza"
*(Dun Renato Borg)* Mejju p.28

Imgħallem tal-Kelma...Miktuba u Mitkellma
*(Emmanuel Saliba)* Ġunju – Lulju p.28

Isqof tal-Konċilju – Isqof Post-Konċiljari
*(Antoine Vassallo)* Awwissu – Sett. p.28

Mons. Nikol Ġ. Cauchi u s-Soċjetà tal MUSEUM
*(J.F.A.)* Ottubru p.28

It-Tifel tas-Sagristan
*(Joseph W. Psaila)* Novembru p.28

L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi : Mexxej Spiritwali Kariżmatiku
*(Bennie Mercieca)* Diċembru p.28


## ANNIVERSARJI


Il-Kunsill Ċiviku ta'Għawdex – 50 Sena Wara (1)
*(Anton Tabone)* Marzu p.20

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex – 50 Sena Wara (2)
*(Anton Tabone)* Mejju p.16

Il-Protesta Soċjali fix-Xogħlijiet Letterarji ta' Ġuże Aquilina
*(Carm C. Cachia)* Mejju p.44

Wirt Għawdex – imwaqqfa fl-1981
*(Giovanni N. Zammit)* Diċembru p.34


## ATTWALITÀ


Mina? Pont? Triq fil-Baħar?Metro? X'Jaqbel għal Kulħadd?
*(Dr Raymond C. Xerri)* Marzu p.17

Ġieħ Għawdex – 2011 u attivitajiet oħra f'Jum Għawdex
*(Saviour Grech)* Novembru p.20

L-Istudenti Għawdxin f'Malta : il-GUG Tissapportjahom
*(Ryan Mercieca, Anthony Briffa)* Dicembru p.36


## APPREZZAMENTI


Mons. Ġiużeppi Zerafa (1938 – 2011)
*(Kan. Joe Cordina)* Frar p.48

Mons. Ġużepp Curmi (1927 – 2011)
*(Dun Giovanni Curmi)* Marzu p.34

Dun Angelo Buttigieg (1929 – 2011)
*(Euchar Mizzi)* Marzu p.35

Dun Anton Buttigieg (1921 – 2011)
*(Mons. Ġużeppi Cauchi)* April p.46

Patri Serafin Borg (1932 – 2011)
*(Kav. Joe M. Attard)* April p.47

Dun Manwel Spiteri (1933 – 2011)
*(Dr Raymond C. Xerri)* April p.48

Patri Pietru Pawl Zerafa OP (1929 – 2011)
*(Mons Ġużeppi Cauchi)* Mejju p.48

Dun Anton Dimech (1940 – 2011)
*(Fr Noel Saliba)* Ġunju – Lulju p.39

Mons. Edward Bondì Dalli (1914 – 2011)
*(Francesco Pio Attard)* Ottubru p.48

Dun Ġwann Grech (1923 – 2011)
*(Bennie Mercieca)* Novembru p.39


## DAWL GĦALL-ĦAJJA
### Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca


Anke Jekk Mejjet... Jibqa' Jgħallimna Jannar p.26

Familja Kun Dak Li Int Frar p.26

Statistika Li Tagħtik Xokk Marzu p.26

Il-Knisja u l-Kuxjenza Nisranija April p.26

"Inqumu u Niddikjaraw l-Indissolubilità tar-Rabta taż-Żwieġ" Mejju p.26

Il-Beatu Ġwanni Pawlu II u Madre Tereża Ġunju - Lulju p.26

Il-Klarissi Fostna ! Baqgħalna Bżonnhom is-Sorijiet? Awwissu – Sett. p.26

Ir-Rispett Lejn il-Ħajja tal-Bniedem Huwa Dritt Universali Ottubru p.26

Ħames Punti dwar il-Kuxjenza Novembru p.26

Kristu Sinjal li Jmeruh Diċembru p.26


## DJAMANTI TA' GĦAWDEX


Erba' Niċeċ "tal- Gallarija"
(Joseph J.P. Zammit) Jannar p.51

Erba' Niċeċ Artistiċi tal-Madonna
(ritratti : Joseph J.P. Zammit) Frar p.51

Erba' Niċec Qodma ta' San Ġużepp
(ritratti : Joseph J.P.Zammit) Marzu p.51

Il-Kappella tal-Ħniena Divina fin-Nadur
(ritratti :Dun Duminku Camilleri) April p.51

Il-qima Lejn il-Madonna Ta' Pinu
(ritratti : Dun Duminku Camilleri) Mejju p.51

Żewġ Għerien Naturali u Storiċi
(ritralli : Richard Grech) Ġunju -Lulju p.51

Żewg Għerien Storiċi Fuq ir-Ramla l-Ħamra
(ritratti : Richard Grech) Awwissu – Sett. p.51

Għerien Oħra f'Wied ir-Riħan fin Nadur
(ritratti : Richard Grech) Ottubru p.51

Żewġ Għerien Storiċi fir-Raħal Ta' Kerċem
(ritratti : Godwin Vella) Novembru p.51

Għerien oħra fid-Dwejra u l-Lunzjata
(ritratti : Richard Grech) Diċembru p.51


## DOKUMENTAZZJONI
### mill-Omeliji ta' Mons. Isqof Mario Grech


Knisja Apostolika
Il-Familja u l-Ħajja Umana
At the Service of Conscience Jannar

Il-Konċilju Vatikan II Jispira l-Ħidma Pastorali tal-Knisja Lokali Llum
Kristu Msallab Sultan tal-Maħfra Frar

Il-Loġika ta' Alla, il-Loġika ta' Kristu
Ir-Randan Jgħinna Nibnu Intenzjoni Retta fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla
Eklissi tad-Dnub
Infittxu l-Verità Dwar iż-Żwieġ Marzu

Nota Duttrinali u Pastorali
Azzjonijiet Moralment Ħżiena Ma Jistgħux Jiġu Ġġustifikati
Azzjoni Pastorali għal Persuni Separati April

L-Għejjun tal-Verità Dwar in-Natura taż-Żwieġ
Il-Liturġija Tgħinna Nsiru Nafu Aktar lil Ġesù
Soċjetà li tara sa Mneħirha — Mejju

Iċ-Ċittadinanza tal-Fidi
Il-Papa taż-Żwieġ u l-Familja — Ġunju – Lulju

Sehem iż-Żgħażagħ Llum
L-Urġenza ta' Evanġelizazzjoni Ġdida f'Pajjiżna — Ottubru

Il-Knisja Qrib Darek
Każini tal-Banda Skola ta' Valuri
Il-Mewt u l-Evanġelizazzjoni — Diċembru

## DRAWWIET MISSIRIJIETNA
**Anton F. Attard**

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (36)
Ix-Xogħol tal-Luminati f'Għawdex (4) — Jannar p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (37)
Ix-Xogħol tal-Luminati f'Għawdex (5) — Frar p.30

IS-Snajja' Qodma f'Għawdex (38)
Ix-Xogħol tal-Karrozziera (1) — Marzu p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (39)
Ix-Xogħol tal-Karrozziera (2) — April p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (40)
Il-Magni tat-Tħin f'Għawdex — Mejju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (41)
Wirja ta' Xogħlijiet Maħdumin fuq in-Newl — Ġunju - Lulju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (42)
Sajd u Xogħol Ieħor mix-Xabbata fil-Gżira Għawdxija (1) — Awissu – Sett. p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (43)
Sajd u Xogħol Ieħor mix-Xabbata fil-Gżira Għawdxija (2) — Ottubru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (44)
Is-Suq fil-Beraħ (1) — Novembru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (45)
Is-Suq fil-Beraħ (2) — Diċembru p.30

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

Jannar, Frar , April, Ġunju-Lulju, Novembru p.16

## EDITORJALI
**Joseph W. Psaila**

Din Is-Sena fil-Kalendarju — Jannar p.3
Iċ-Ċittadin : Konsumatur u Klijent — Frar p.3
Il-Futur Hu Femminil — Marzu p.3
Liema Valuri Ewropej? — April p.3
Wara l-Kampanja tar-Referendum — Mejju p.3
Il-Kattoliku fil-Misraħ u fis-Suq — Ġunju – Lulju p.3
Fl-Apoteożi tal-Kuxjenza — Awissu – Sett. p.3
Issa l-Mina Trid Tkun Għalina? — Ottubru p.3
Ħawwadni Biex Nifhem! — Novembru p.3
Kelmtejn lill-Evanġelizzatur il-Ġdid altrimenti lin-Nisrani Konvint — Diċembru p.3

## ESPERJENZI

Żjara fil-Brażil
(Arċipriet Jimmy Xerri) — Jannar p.24

Tfajla Għawdxija Tintagħżel biex Tkun Pijuniera tal-Paċi
(tagħrif maħud mit *Times of Malta*, 20 / 8 / 2011) — Jannar p.35

MEA L-Esperjenza ta' ħames żgħażagħ Studenti Għawdxin
*(Doreen Azzopardi , Loradine Pisani)* — Jannar p.36

Żgħażagħ Għawdxun fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid 2011
*(Francesco Pio Attard, Alexia Grech, Gabriella Grech, Jeannine Marie Sammut, Christian Grech)* — Ottubru p.24

"Good Works are Links that Form a Chain of Love"
*(Josef Micallef)* — Ottubru p.39

Żgħażagħ Għawdxin f'Napli u fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid 2011
*(Savio Neville Spiteri, Josianne Bezzina, Antonella Bajada)* — Novembru p.46

## Ftit Fatti u Kummenti
**Dr. Mario Saliba**

Nagħmlu l-Għażliet Tajba Tagħna... Bil-Mod jew f'Daqqa ? — Jannar p.29
Reklami fuq Kanali għat-Tfal, Obeżità u Sigaretti Elettroniċi — Frar p.20
L-Rdukazzjoni Sesswali ta' Uliedna... Dritt u Dmir — Marzu p.24
Fl-Okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II — April p.22
Il-Familja fid-Dinja Moderna... — Mejju p.32
Dwar Ikel, Skandli u Anzjani — Ġunju – Lulju p.24
Is-Sajf Għawdxi ; Dari u Llum — Awwissu – Settembru p.24
Evviva l-Arriva ! — Ottubru p.22
Ħsibijieti fiċ-Ċimiterju... Hawn it-Tmiem jew il-Bidu? — Novembru p.22
Minn Distrett Elettorali għal Gżira Reġjun — Diċembru p.24

## GĦAWDEX "ON-LINE"
**Salvu Felice Pace**

L-Arka biddlet l-mentalità dwar id-diżabilità (25) — Jannar p.43
Studji varji dwar Għawdex on-line (26) — Frar p.43
Vetrina Għawdxija (27) — Marzu p.43
Il-kuluri vera ta' Għawdex (28) — April p.43
Id-Dibattitu dwar id-divorzju on-line (29) — Mejju p.43
L-aħbar dwar Għawdex on-line (30) — Ġunju – Lulju p.43
L-Għawdxin ta' Barra (31) — Awwissu – Sett. p.43
Kappelli Għawdxin on-line (32) - Manresa (16) — Ottubru p.43
Kappelli Għawdxin on-line (33) - Kappella Ta' Lourdes (17) — Novembru p.43
Kappelli Għawdxin on-line (34) - Kappella ta' Kemmuna (18) — Diċembru p.43

## GĦAWDEX QABEL IR-RITRATTI
**John Cremona**

"Ħu ħsieb dawk il-ġebel..." (31) — Jannar p.40
Fdalijiet ta' Ruma Qadima fit-Triq tal-Għajn (32) — Frar p.40
Għawdex fl-Ispedizzjonijiet ta' Bonaparti (33) — Marzu p.40
Salini, melħ u kummerċ li ma rnexxiex (34) — April p.40
Finanzi Għawdxin (35) — Mejju p.40
Għerq Sinjur (36) — Ġunju – Lulju p.40
X'kien l-ewwel isem t'Għawdex (37) — Awwissu – Sett. p.40
Veduta ta' Għawdex 325 sena ilu (38) — Ottubru p.40
Għall-Kaċċa fil-Ġgantija (39) — Novembru p.40
Il-Mara Għawdxija (40) — Diċembru p.40

## GĦAWDEX 400 SENA ILU
### Paġna mill-Arkivji Nazzjonali Mons. Dr. Joseph Bezzina

Inbid tax-free għat-Torri Garza (189) Jannar p.41
Il-ħatra ta' trumbettier ġdid (190) Frar p.41
Is-swar ġodda taċ-Ċittadella (191) Marzu p.41
L-akkomodazzjoni lill-kwareżimalist tal-Matriċi (192) April p.41
Erbgħin modd qamħ għal Għawdex (193) Mejju p.41
Bandu dwar il-bejgħ tal-ilma fis-sajf (194) Ġunju - Lulju p.41
L-Ispiża għat-tiġrija ta' Santa Marija (195) Awwissu – Sett p.41
Il-kontroll tal-użin, tal-kejl u tal-piżijiet (196) Ottubru p.41
Tneħħija ta' mbarazz u terrapien (197) Novembru p.41
Wara l-Vespri tal-Milied fil-Matriċi (198) Diċembru p.41

## Għext il-Mandraġġ
### Anton Spiteri

Knejjes u kappillani... (4) Jannar p.46
Il-Karnival ta' dari (5) Frar p.46
Il-Forn Teatru (6) Marzu p.46
Mezzi ta' transport u sport (7) April p.29
Filantropi tan-naħa tagħna (8) Mejju p.37
Dilora u Fonzu – tallaba bi professjoni (9) Ġunju – Lulju p.46
Ninġabru mill-ġdid fil-Mandraġġ (10) Awwissu – Sett. p.45

## IL-ĦAJJA FID- DJOĊESI
### Aħbarijiet Djoċesani mis-Seminarista Gabriel Gauci

Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju-Lulju, Awwissu-Sett. Ottubru, Novembru, Diċembru p.4

## INTERVISTI

51 sena missjunarju fil-Brażil... anke bħala lajk *(Joseph W. Psaila lil Salvu Dimech)* April p.35
Il-Beatu Ġwanni Pawlu II – tifkiriet personali *(Marion Zammit lil Mons Alfred Xuereb)* Ġunju – Lulju p.32
President Ġdid għall-Azzjoni Kattolika f'Għawdex *(Kav. Joe M. Attard lil Antoine Vassallo)* Novembru p.36

## Irqaqat mill-Imgħoddi

Id-Domni, il-labtu u n-nies tal-qdusija *(Joe Axiaq)* Jannar p.34
Żmien id-Dris *(Joe Axiaq)* Ġunju – Lulju p.36
L-aħħar ġranet tal-Arċisqof Pietru Pace (25 – 29 ta' Lulju 1914) *(Dr. Michael Refalo)* Awwissu – Sett. p.28
It-Tieni Gwerra Dinjija – żewġ bombi fuq Ta' Sannat *(Dr. Joe Zammit Ciantar)* Ottubru p.32

## KOTBA MINN GĦAWDEX
### Reċensjonijiet ta' Kotba Riċenti

Mons. Anton Gauci : Id-difiża tal-Liġi Divina dwar iż-żwieġ *(Joseph W. Psaila)* Jannar p.22
Victor Vella Muskat : Il-bennej Vitor Vella jiġi mfakkar *(Kav. Joe M. Attard)* Jannar p.23
MUSEUM (subien) Nadur : L-istejjer jgħallmuna u ċajta tajba tferraħna *(Carm C. Cachia)* Frar p.22
Angelo Xuereb: Oasi tal-ħniena t'Alla għal matul is-sena *(Mons Salv Grima)* Marzu p.28
Francesco Pio Attard : Storja interessanti ta' Altar mill-isbaħ f'San Ġorġ *(Dun Ġuzepp Gauci)* Marzu p.29
Carmel C Cachia : Beatifikazzjoni tal-Papa li d-dinja kollha ħabbet *(Kav. Joe M. Attard)* April p.17
Kunsill Lokali, Qala : Trades and Crafts in the Maltese Islands *(Dr. Joe Zammit Ciantar)* Ġunju - Lulju p.17
Kav. Paul Saliba : Taw Ġieħ lil arthom *(Kav. Joe M. Attard)* Awwissu – Sett. p.23
Joe Camilleri : Żwiemel tar-riħ *(Joseph W. Psaila)* Ottubru p.36
Mons. Nikol Ġ.Cauchi: L-Aħħar Ktieb ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi *(Kav. Joe M. Attard)* Novembru p.24
Mons. Lawrenz Sciberras: Ktieb Ġdid għal Żmien l-Avvent *(Fr Edward Vella)* Novembru p.25
Bruno Ferrero, Għaxar Raġunijiet Tajbin għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku *(Francesco Pio Attard)* Diċembru p. 44

## Kultura Nisranija

Paniġierku tal-1740 f'ġieħ San Ġużepp (Dr. Joe Zammit Ciantar) Marzu p.36
In-Natività: pittura ovali fin-Nadur (Joe Camilleri) Diċembru p.5

## KUMMENTARJI

Mal-Isqof Nikol Cauchi għaddiet epoka storika għalina : "L-Epoka tal-Qawmien" (1) *(Dun Anton Sultana)* Jannar p.7
Quo Vadis Ewropa? (2) *(Michael Grech)* Jannar p.18
Vot turistiku għal Għawdex (3) *(Franco Masini)* Jannar p.19
Is-Sena Internazzjonali tal-Kimika (4) *(Mario Vella)* Jannar p.19
Familja b'Qalb tad-Deheb, imma wkoll... (1) *(Mons. Salv Grima)* Frar p.7
Ewliemes miet il-Barba (2) *(Joseph W.Psaila)* Frar p.18
Qed nisfaw vittmi facli tal-kunsumiżmu modern? (1) *(Dun Anton Dimech)* Marzu p.7
Reminixxenzi fuq l-Isqof Cauchi u l-Katekeżi mil-lajċi Għawdxin (2) *(Joe Rapa)* Marzu p.15
IL-globalizazzjoni tasal bil-vann (3) *(Joseph W.Psaila)* Marzu p.22
Vot għad-divorzju u r-responsabbiltà tal-votant (1) *(Mons. Anton Gauci)* April p.7
It-twissijiet tal-Beata Madre Tereża dwar id-divorzju (2) *(traduzzjoni ta' ittra)* April p.18
Evviva n-Nannlet! (3) *(Dun Ġorġ Borg)* April p.20
Familja jew divorzju? (1) *(Dun Anton Dimech)* Mejju p.7
Ferment? Jaffettwa l-Eko-Għawdex? *(Mons. Salv Grima)* Mejju p.17
"Fil-bidu ma kienx hekk..." Riflessjoni fuq il-kuxjenza nisranija (3) *(Kan. George G.Frendo)* Mejju p.18
Iż-żwieġ u l-familja fis-soċjetà (4) *(Nutar Paul G.Pisani)* Mejju p.22

Il-ħajja bejn il-koppja – għal dejjem : possibbli? – l-ewwel parti (5)
*(Dun Ġorġ Borg)* Mejju p.24

Ambjent ostili jġedded il-Knisja (6)
*(Joe Rapa)* Mejju p.34

Naħfer iva...ninsa le? (1)
*(Dun Anton Dimech)* Ġunju – Lulju p.7

X'tunnel, tunnel! (2)
*(Dr Alfred Grech)* Ġunju - Lulju p.18

Il-ħajja bejn il-koppja – It-tieni parti (3)
*(Dun Ġorġ Borg)* Ġunju – Lulju p.20

Għaxar fergħat tal-wirt li ma għarafniex (4)
*(Joseph W. Psaila)* Ġunju – Lulju p.27

"Il-verità teħliskom" (Ġw 8 :32) (1)
*(Victor Debabriele S. J.)* Awwissu – Sett. p.8

Link permanenti bejn iż-żewġ gżejjer (2)
*(Michael Grech)* Awwissu – Sett. p.16

Il-poter u l-media (3)
*(Dr Alfred Grech)* Awwissu –Sett.p.18

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ; Esperjenza tal-passat jew mudell għall-futur (4) *(Anton Tabone)* Awwissu – Sett. p.20

Il-volontarjat u Madre Margerita (5)
*(Dun Ġużepp Gauci)* Awwissu –Sett. p.35

Seba' Presbiteri ġodda – tama ġdida għall-Knisja f'Għawdex (1)
*(Joe Rapa)* Ottubru p.8

University of Malta – Gozo Campus (2)
*(Dr Alfred Grech)* Ottubru p.18

Sena tal-Volontarjat : "Speċjali" (3)
*(Antoine Vassallo)* Ottubru p.20

Mill-wirt ta' Mons. Isqof Cauchi għar-riflessjoni tal-Għawdxin (1)
*(Mons. Salv Grima)* Novembru p.8

Tieħu bla ma trodd, is-swar tħott! (2)
*(Michael Grech)* Novembru p.17

Ir-reliġjon, il-poter ċivili u l-Kostituzzjoni (3)
(Dr. Alfred Grech) Novembru p.18

L-Identità u l-Kultura Għawdxija (4)
*(Dr. Mario Saliba)* Novembru p.32

Il-Ministeri fil-Knisja (5)
*(Dun Renato Borg)* Novembru p.34

Eko-Għawdex : x'dawl jista' jixhed fuq Alla?
*(Mons Salv Grima)* Dicembru p.8

Sentenza nġusta għall-aħħar
*(Mons. Anton Gauci)* Diċembru p.16

Il-Milied f'pajjiżna llum
*(Euchar Mizzi)* Diċembru p.18

L-Immigranti suwed fostna
*(Joe Rapa)* Diċembru p.20

## LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

Konna aħjar meta konna agħar? *(George N. Cassar)* Frar p.24

"Irrid nagħmel li rrid!" *(George N.Cassar)* Marzu p.32

## LETTERATURA GĦAWDXIJA

Min Irid... fl-2011 *(Francis Sultana)*
Il-Bajja tad-Dwejra *(Dun Manwel Cutajar)* Jannar p.37

Kantiku tal-Anzjani *(trad. Carm C. Cachia)*
Lill-Poeta *(A.Pushkin, trad. Michael Grech)*
Talba *(Giuseppe Giusti, trad. Michael Grech)* Frar p.23

Min Hu? *(Ġanninu Cremona)* April p.24

Għawdxi *(Francesco Pio Attard)*
Metanoia *(Alfred Grech)* April p.25

Il-Pitirross *(Christina Spiteri)*
L-Ogħla Tweġiba *(Giulio Salvadori, trad. Michael Grech)*
Fejn Int? *(Giulio Salvadori, trad. Michael Grech)* Ġunju – Lulju p.24

Tifel Adottat *(Marċell Mizzi)*
F'Għeluq is-Sentejn *(Anton Mizzi)*
Lill-Ilsien Malti *(Dun Anton Dimech)* Ġunju – Lulju p.28

Fuq Ta' Għammar *(Alfred Grech)*
Fit-Triq Ta' Pinu fit-3.00a.m. *(Ġiġi Galea)*
L-Ilbies tal-Madonna *(Giovanni Antonio Ciantar, trad. Michael Grech)*
Awwissu – Sett. p. 39

Tifsira tal-Milied *(George Caruana)*
Insibek Ġesù Bambin *(George Caruana)* Diċembru p.33

## Mil-Lenti tat-Telekamera
**Alvin Scicluna**

Il-Parteċipazzjoni tal-Gżira Reġjun ta' Għawdex fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ERY fl-Isvezja Jannar p.32

## MILL-PARLAMENT

Jannar , Frar p.17

Marzu, April, Ġunju-Lulju p.16

Mejju, Diċembru p.15

## MIX-XENA SPORTIVA
**Joe Bajada**

Sannat Lions FC jispiċċaw fl-ewwel post fi tmiem l-ewwel rawnd
Jannar p.49

Table Football : FISTF World Masters Frar p.49

Inawgurat 5-a-side pitch u l-faċilitajiet ta'parkeġġ fil-Gozo Stadium
Marzu p.49

Jason Vassallo jiddefendi b'suċċess il-Gozo Snooker Cup April p.49

Korsijiet għsar-referees prospettivi u coaches f'Għawdex Mejju p.49

It-Taljani jiddominaw f'Għawdex Ġunju – Lulju p.49

Festival Sportiv b'differenza għat-tfal Awwissu – Sett. p.49

Il-Klabb tal-karate t'Għawdex jirrappreżenta lil Malta fis-Slovenja
Ottubru p.49

Xewkija Tigers jirbħu t-Tazza Indipendenza Novembru p.49

## PASSIĠĠATA BIBLIKA
**Fr. Charles Buttigieg**

Ir-Rabta bejn l-Antik u l-Ġdid Testment fil-Bibbja (60) Jannar p.38

Simboli Bibliċi tal-Ispirtu s-Santu (61) Frar p.38

San Ġużepp u l-Ewkaristija (62) Marzu p.38

Ħarsa lejn id-Divinità ta' Sidna Ġesù Kristu (63) April p.38

Il-Kelma ta' Alla u l-Kultura (64) Mejju p.38

L-Għerf ta' Alla fil-Bniedem (65) Ġunju – Lulju p.38

Il-Mistrieħ mix-Xogħol f'Jum il-Mulej (66) Awwissu – Sett. p.38

Ħarsa lejn l-Anġli fil-Bibbja (67) Ottubru p.38

Talb għall-għeżież Mejtin (68) Novembru p.38

## "PICTURE STORY"

Marsalforn : il-piċċ tal-Otters
Playing-Field : Victoria Awwissu – Sett. p.44

## "PLAY – FORUM"
**Mons. Salv Borg**

Ma' Mewġ il-Ħajja (7) Il-Wirt: Barka jew Saħta? Awwissu – Sett. p.46

## PROFILI

Ninu Cremona, il-poeta *(Carm.C.Cachia)* Frar p.36

## Qaddisin u Festi f'Għawdex
**Fr. Geoffrey G. Attard**

Sant' Anton Abbati fix-Xagħra (1) Jannar p.50
San Pawl Missierna (2) Frar p.50
San Ġużepp fil-Qala (3) Marzu p.50
L-Irxoxt u l-Għid il-Kbir (4) April p.50
Il-Madonna ta' Pompej (5) Mejju p.50
Il-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana (6) Ġunju – Lulju p.50
Il-Bambina fix-Xagħra (7) Awwissu – Sett. p.50
L-Ispirtu Franġiskan (8) Ottubru p.50
Il-Festa ta' Kristu Sultan (9) Novembru p.50
Il-Kunċizzjoni fir-Rabat u fil-Qala (10) Diċembru p.50

## Rapporti

Eko-Għawdex *(Andrew Formosa)* April p.32
L-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi *(Francine Caruana)* Diċembru p.32

## RIFLESSI
**Kav. Joe M. Attard**

Għaddew il-Btajjel... Ħarsa ' l Quddiem Jannar p.15
Il-Karnival Magħna wkoll... Frar p.15
Dak it-Tunnel...! Marzu p.14
Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Għawdex April p.14
Jum l-Omm Mejju p.14
Jum il-Missier Ġunju - Lulju p.14
L-Istaġun tal-Festi Wasal fi Tmiemu Awwissu – Sett. p.15
L-Azzjoni Kattolika : kif qed tkun sinjal nisrani fis-soċjetà Għawdxija Ottubru p.17
L-Emigranti fil-Ħsieb tal-Knisja Għawdxija Novembru p.15

## RIFLESSJONI BIBLIKA

Lil Hinn min-Nawfraġju *(Ġużi Debono)* Frar p.32
Minn fuq is-Salib u fil-Qawmien Ġesù Jagħti l-Ispirtu Tiegħu Lilna *(Mons. Lawrenz Sciberras)* Mejju p.20
Qabel ma Jżernaq *(Ġużi Debono)* Ottubru p.44
Alla l-Iben Niżel Fostna *(Mons Lawrenz Sciberras)* Diċembru p.22

## Suppliment Speċjali

Kemmuna – Oħtna ż-Żgħira Awwissu – Settembru
Żjara Pastorali fl-Awstralja tal-Isqof Mario Grech Novembru

## TIEQA FUQ L-AMBJENT
**Joe Sultana**

Il-Gamiema tal-Kullar (24) Jannar p.44
Il-Ġaħġaħ (25) Frar p.44
Il-Ġojjin (26) Marzu p.44
l-Ispanjulett (27) April p.44
Il-Barbaġann (28) Mejju p.46
Il-Bies (29) Ġunju – Lulju p.44
Is-Summiena (30) Awwissu – Sett. p.36
Il-Gamiema (31) Ottubru p.46
Siti ta' Importanza Ekoloġika Il-Ġebla tal-Ġeneral (1) Novembru p.44
Siti ta' Importanza Ekoloġika Il-Qortin tal-Magun (2) Diċembru p.38

## TISLIBA
**Emmanuel Ellis**

Marzu, Ġunju –Lulju, Awwissu – Sett., Novembru p.48

## X'GĦADDA MINN GĦALINA
**Kronaka Għawdxija Charles Spiteri**

Jannar, Frar p.9
Marzu, April, Mejju, Ġunju - Lulju p.8
Awwissu – Sett., Dicembru p.10
Ottubru p.11

## X'JGĦIDILNA L-ISQOF
**Siltiet minn kitbiet u diskorsi ta' Mons. Isqof Mario Grech**

"Għal Ordni Soċjali Ġdid " Jannar p.6
"Bżonn ta' Bilanċ fil-Familja" Frar p.6
"Nindukraw l-Ekoloġija Medjatika" "San Pawl u z-Zkuk Niexfa" Marzu p.6
"Kuxjenza Retta" April p.6
"Il-Ġid Komuni u l-Ħarsien ta' Żwieġ Dejjiemi" Mejju p.6
"Il-Fwieħa ta' Kristu" Ġunju – Lulju p.6
Għawdex fil-Qafas Nazzjonali Awwissu – Sett. p.6
Il-Volontarjat – sinjal pożittiv ta' żminijietna Ottubru p.6
"Il-Bitħa tal-Ġentili" Messaġġ għal Jum Għawdex Novembru p.6
"Għawdex Djamant" Diċembru p.6

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-GŻIRA GĦAWDXIJA
**Angelo Xuereb**

Dun Nikol Vella Apap (1930 – 2000) Jannar p.42
Ġużeppi Spiteri (1929 – 2006) Frar p.42
Kan. Dekan Dun Frans Camilleri (1915 – 1982) Marzu p.42
Br. Indrija Cassar S.J. (1917 – 2001) April p.42
Patri Akkursju Xerri OFM (1915 – 1968) Mejju p.40
Consolata Portelli (1921 – 1999) Ġunju – Lulju p.42
Fr. Josè Galea (1933 – 2005) Awwissu –Sett. p.42
Patri Ġiġi Camilleri S.J. (1929 – 2006) (1) Ottubru p.42
Patri Ġiġi Camilleri S.J. (2) Novembru p.42
Patri Ġiġi Camilleri S.J. (3) Diċembru p.42



# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## ŻEWĠ GĦERIEN OĦRA FIL-PUNENT TAL-GŻIRA



Għar tad-Dwejra



Għar tal-Lunzjata






# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Christmas, Carnival, Easter, etc.

Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!

We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.






Sole agents and distributors for **Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

*Visit us at:*

**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*

Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00

Saturdays mornings only

Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**

**www.terryfabricscoltd.com**